IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 6.4.2005
KUMM(2005) 123 finali

2005/0046 (COD)
2005/0047 (COD)
2005/0048 (CNS)
2005/0049 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW
li tistabbilixxi programm ta' qafas fuq is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013

Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL
li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2008-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL
li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu 2007-2013, bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL
li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni għall-perjodu 2008-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2005) 435}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

li tistabbilixxi programm ta' qafas għas-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013

Il-Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" hija parti minn sett koerenti ta' proposti li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ xieraq liż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja taħt il-perspettivi finanzjarji ta' l-2007. Fil-fatt, it-tliet għanijiet ewlenin tal-ħelsien, is-sigurtà u l-ġustizzja għandhom ikunu żviluppati b'mod parallel u bl-istess grad ta' intensità, biex b'hekk ikun hemm trattament bilanċjat ibbażat fuq il-prinċipji tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt. Kull wieħed minn dawn l-għanijiet huwa appoġġjat bi Programm ta' Qafas, li jipprovdi l-koerenza meħtieġa bejn l-interventi relevanti f'kull qasam ta' politika, u li jgħaqqad b'mod ċar l-għanijiet politiċi u r-riżorsi disponibbli biex jappoġġjawhom. Barra minn hekk, din l-istruttura tirrappreżenta simplifikazzjoni kbira u razzjonalizzazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju eżistenti fiż-żona ta' ħelsien, ġustizzja u sigurtà, biex b'hekk ikun hemm flessibilità akbar fl-allokazzjoni tal-prijoritajiet u żieda fit-trasparenza ġenerali.

1. DAĦLA

It-twaqqif progressiv taż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja sar, sa mill-ewwel introduzzjoni tiegħu bħala għan tat-Trattat ta' Amsterdam, wieħed mill-pedamenti ewlenin ta' l-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea. Dan l-għan huwa korollarju għall-għanijiet l-aktar importanti tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli: iż-żieda fil-prosperità fuq il-livell tal-kontinent tagħna tista' tinkiseb biss fi klima ta' saħħa u sigurtà li tiggarantixxi liċ-ċittadini u lil qasam tan-negozju l-użu effettiv tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom, kif ukoll ħarsien mill-kriminalità u t-terroriżmu.

Iż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja tinkludi bilanċ bejn li jkunu garantiti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem (il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja) kif ukoll li jitwettqu r-responsabbilitajiet ewlenin (sigurtà, ġustizzja) li huma mistennija mill-Unjoni[1]. Bi dritt, iċ-ċittadini ta' l-Ewropa jistennew li l-Unjoni Ewropa, waqt li tiggarantixxi r-rispett lejn il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, tieħu azzjoni aktar effettiva u konġunta għall-problemi ta' bejn il-fruntieri, bħalma huma l-migrazzjoni u t-traffikar illegali u l-kuntrabandu ta' persuni, kif ukoll it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

---

[1] "*Il-Ħelsien huwa l-prinċipju li jgħaqqad, il-pern tal-proġett Ewropew. Iżda bla sigurtà, mingħajr sistema ta' liġi u ġustizzja rikonoxxuta mill-poplu, l-eżerċizzju tal-ħelsien u r-rispett lejn il-valuri demokratiċi ma jkunx jista' jiġi garantit. Il-qasam Ewropew tal-ħelsien, is-sigurtà u l-ġustizzja, għalhekk, jipprovdi garanzija għall-prinċipji tad-demokrazija, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u s-supremazija tad-dritt. Bħala element importanti taċ-ċittadinanza Ewropea, l-għarfien komuni ta' dawn il-prinċipji, li huma msawra fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, huwa l-pedament ewlieni ta' l-integrazzjoni għal kull wieħed li jgħix fl-Unjoni.",* "Proġett għall-Unjoni Ewropea" COM(2002) 247 finali.

Waqt li jibni fuq ir-riżultati tal-programm Tampere, f'Novembru ta' l-2004 il-Kunsill Ewropew adotta programm multiannwali ('Il-Programm *The Hague*') li jiddefinixxi aġenda ġdida biex l-Unjoni tkun tista' tiżviluppa aktar dak li nkiseb diġà u biex tkun tista' tilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni. Fost l-għanijiet stabbiliti hemm dawk li jkunu żviluppati aktar il-politika komuni dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku u dik dwar it-twaqqif ta' sistema ta' tmexxija integrata għall-kontrolli u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni, li għandhom ikunu kontemplati fil-kuntest tal-prinċipju ġenerali tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inklużi l-konsegwenzi finanzjarji. Dawn il-kunċetti jinstabu wkoll fil-Kostituzzjoni bħala prinċipji ta' kontroll għall-iżvilupp tal-politika komuni fuq il-verifiki ta' fuq il-fruntieri, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

Fil-Komunikazzjonijiet tagħha li jwaqqfu l-orjentazzjonijiet strateġiċi tagħha għad-definizzjoni tal-Perspettivi Finanzjarji għall-2007-2013[2], il-Kummissjoni diġà tat importanza lill-għan li jappoġġja l-iżvilupp taż-żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja permezz ta' riżorsi finanzjarji xierqa, li dan għandu jiddaħħal f'Intestatura ġdida li tittratta dwar "Iċ-Ċittadinanza, il-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja". Skond l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, il-programm ta' qafas propost, "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", għandu l-għan li jindirizza l-kwistjoni tat-**tqassim ġust tar-responsabbilitajiet** bejn l-Istati Membri, skond il-piż finanzjarju li jkun ġej mill-introduzzjoni tat-tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

2. L-INTERVENT PROPOST – IL-PROGRAMM TA' QAFAS FUQ IS-SOLIDARJETÀ U L-AMMINISTRAZZJONI TAL-FLUSSI TA' MIGRAZZJONI

2.1. L-Għanijiet tal-programm ta' qafas

L-implimentazzjoni tal-programmi finanzjarji tal-Komunità għandha tkun parti minn taħlita ta' politika effettiva li jkollha l-għan li tilħaq għanijiet speċifiċi marbuta ma' l-iżvilupp tal-politika ta' l-UE. F'dan ir-rigward, l-għażla ta' l-oqsma u t-tipi ta' intervent għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġiet li għandhom ikunu indirizzati, u għandhom iqisu l-komplementarjetà ma' strumenti possibbli oħra, l-aktar il-liġi. S'issa, il-politika dwar il-kenn politiku, il-migrazzjoni u dwar il-kontroll ta' fuq il-fruntieri ġew stabbiliti l-aktar permezz tal-liġi. L-istandards wittew il-pedamenti tal-politika tal-Komunità f'dawn l-oqsma partikolari. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' l-istandards timplika piż divrenzjali fuq l-Istati Membri individwali. Uħud minn dawn qed iġorru responsabbilitajiet li, għalkemm qed tgawdi minnhom il-Komunità kollha, mhux qed ikunu proporzjonati; l-applikazzjoni inġusta ta' dawn tista' thedded il-proġett ta' ħolqien ta' qasam li jkun ġust għal kulħadd.

In-numru ta' persuni milquta b'din il-politika huwa kbir. Fl-UE 25 l-Istati Membri huma responsabbli biex jikkontrollaw 6,000 km ta' territorju ta' art fruntiera u madwar 85,000 km ta' xatt; qed ikun stmat li ta' kull sena 100 miljun passiġġier jaslu fl-ajruporti internazzjonali, u fost dawn ikun hemm dawk li ma jitħallewx jidħlu. Ta' kull sena, l-Istati Membri jirrifjutaw d-dritt tad-dħul fl-UE lil iktar minn 340,000 ċittadin li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi; dawn

---

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Nibnu l-ġejjieni komuni tagħna – l-isfidi ta' politika u l-mezzi tal-baġit ta' l-Unjoni mkabbra għall-2007-2013. COM (2004) 101 finali/2, l-10 ta' Frar 2004.
Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Perspettivi finanzjarji għall-2007-2013, COM (2004) 487 finali, l-14 ta' Lulju 2004.

jaqbdu madwar 500,000 ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu illegalment fit-territorji tagħhom u jkeċċu madwar 300,000 ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu illegalment, li jkunu għexu illegalment jew li jiġu ripatrijati lejn pajjiżhom għal raġunijiet oħra. Ta' kull sena, l-UE 25 toħroġ madwar 2.2 miljun permess lil ċittadini li jkunu ġejjin minn terzi pajjiżi biex ikunu jistgħu jgħixu hemm minħabba xogħol, jew biex jerġgħu jingħaqdu l-familji, studju, riċerka jew raġunijiet oħra. Bħalissa, in-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jgħixu legalment fl-UE 25 huwa d-doppju tan-numru taċ-ċittadini ta' l-UE li għażlu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li joqogħdu fi Stat Membru ieħor; il-popolazzjoni qed tkompli tikber l-aktar minħabba l-migrazzjoni netta.

Is-solidarjetà finanzjarja tal-Komunità għandha tappoġġja aktar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-metodu komprensiv u bbilanċjat iddefinit mill-UE dwar l-immaniġġjar tal-flussi ta' migrazzjoni. Din għandha tgħin ukoll b'mod xieraq lill-erba' pedamenti ewlenin ta' dan il-metodu:

- L-ewwel, l-Istati Membri ntrabtu li japplikaw l-*acquis* Schengen u li jwaqqfu sistema integrata u komuni ta' kontroll ta' fuq il-fruntieri fl-UE. B'hekk, dawn huma obbligati li jmexxu b'mod effiċjenti l-flussi ta' persuni fuq il-fruntieri esterni biex jassiguraw, minn naħa waħda, livell għoli ta' ħarsien fil-fruntieri esterni għas-sigurtà interna ta' l-Istati Membri, u, min-naħa l-oħra, li vjaġġaturi li jkunu *bona fide* jkunu jistgħu jaqsmu bla problemi dawn il-fruntieri; fost dawn hemm dawk il-persuni li jkunu nħarġulhom il-viżas meħtieġa mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri li jkun hemm barra. Dawn l-għanijiet jimplikaw, l-aktar f'termini ta' tnaqqis ta' dħul illegali, li jkunu mħarsa x-xtut fil-Mediterran u t-territorji ta' l-art tal-Lvant, waqt li jissaħħu l-ħidmiet tas-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi;

- It-tieni, bl-adozzjoni tal-Programm Ewropew dwar l-Azzjoni ta' Ripatrijazzjoni fl-2002, l-Istati Membri wegħdu li jiżviluppaw politika komuni ta' ripatrijazzjoni fuq il-bażi ta' standards komuni u l-aħjar prattika. Politika Komunitarja għar-ripatrijazzjoni effettiva hija kumplement meħtieġ għal politika kredibbli għall-immigrazzjoni legali u l-kenn politiku, kif ukoll element importanti fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. L-isforzi ta' l-Istati Membri individwali dwar il-kontroll tar-ripatrijazzjoni mhumiex biss limitati f'termini finanzjarji, iżda wkoll f'termini ta' impatt politiku u ta' effett ta' trasmissjoni; l-Istati Membri qed jiffaċċjaw problemi simili meta jiġu biex jimplimentaw operazzjonijiet ta' ripatrijazzjoni. Dawn jistgħu jingħelbu aħjar b'mod kollettiv billi jingħaqdu flimkien kemm ir-riżorsi kif ukoll l-esperjenza. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu inkuraġġiti biex jiżviluppaw 'kontroll ta' ripatrijazzjoni integrata': li jkun analizzat u valutat il-grupp potenzjali ta' dawk li jitreġġgħu lura, il-limiti legali u loġistiċi fl-Istat Membru u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tar-ripatrijazzjoni, u li jkunu żviluppati azzjonijiet speċifiċi u mmirati li jgħinu sew għal din l-isfida. Dan għandu jgħin biex fl-UE mingħajr fruntieri interni jitnaqqsu l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu hemmhekk illegalment.

- It-tielet, l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar l-immigrazzjoni teħtieġ li l-Komunità tipprovdi reazzjoni kredibbli għall-kwistjoni multidimensjonali ta' l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għandha implikazzjonijiet ċari għall-kompetittività u t-twettiq ta' l-għanijiet ta' Liżbona. Waqt li l-immigrazzjoni fiha nfisha mhix soluzzjoni għat-tixjiħ demografiku, flussi ta' immigrazzjoni li jkunu aktar appoġġjati jistgħu jkunu meħtieġa aktar biex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol ta' l-UE u biex tkun żgurata wkoll il-prosperità ta' l-Ewropa.

Dan jitfa' dawl fuq l-importanza li jkun żgurat li politika ta' l-UE dwar il-migrazzjoni twassal għal status legali żgur u sett ta' drittijiet garantiti biex tkun megħjuna l-integrazzjoni ta' dawk li jkunu tħallew jidħlu, biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' dawn fl-aspetti kollha tas-soċjetà, ferm aktar mill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Għandu jkun żviluppat metodu komuni dwar id-drittijiet u d-doveri ta' l-immigranti. Il-Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika dwar l-integrazzjoni ta' l-immigranti fl-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fl-2004, jagħrfu li l-immigrazzjoni hija karatteristika permanenti tas-soċjetà Ewropea. Jisħqu wkoll li l-Istati Membri kollha għandhom iżommu u jiżviluppaw aktar soċjetajiet li fihom iċ-ċittadini ġodda jħossuhom verament milqugħa; in-nuqqas ta' Stat Membru individwali biex jiżviluppa u jimplimenta politika dwar l-integrazzjoni b'suċċess ta' l-immigranti jista' jkollu, f'modi differenti, implikazzjonijiet kuntrarji għal Stati Membri oħra. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa li jiżviluppaw u jimplimentaw programmi u attivitajiet li jilqgħu lil ċittadini ġodda, biex imexxu 'l quddiem ċittadinanza attiva għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi permezz ta' parteċipazzjoni aktar ċivika, kulturali, reliġjuża u politika. B'hekk dawn ikunu qed itejbu l-ħila ta' dawk li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati biex jilqgħu għall-ħtiġiet tagħhom u biex jgħinu lis-soċjetà taġġusta għad-diversità.

- Fl-aħħarnett, biex ikunu evitati movimenti sekondarji mhux meħtieġa f'UE fejn Stat Membru wieħed biss ikun responsabbli biex jeżamina talba partikolari ta' kenn politiku, id-diverġenzi li jista' jkun hemm fil-mod kif jintlaqgħu u jiddaħħlu l-persuni għandhom ikunu żgħar kemm jista' jkun. Implimentazzjoni ekwivalenti ta' kwalità għolja tal-politika komuni Ewropea dwar il-kenn politiku fl-Istati Membri kollha għandha tkun inkuraġġita permezz ta' bilanċ ta' sforzi bejn l-Istati Membri biex jirċievu u jġorru l-konsegwenzi ta' l-ilqugħ ta' refuġjati u ta' nies li jkunu ċċaqalqu.

Element importanti ieħor ta' dan il-metodu huwa dak tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Skond l-istruttura proposta tal-qafas finanzjarju, din id-dimensjoni barranija mhux se tkun inkluża fil-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", iżda se titqies kif xieraq taħt l-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju propost, bl-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-għajnuna barranija ppreżentati mill-Kummissjoni f'Settembru ta' l-2004.

2.2. L-Istruttura tal-programm ta' qafas

Il-programm ta' qafas se jistabbilixxi mekkaniżmi ta' solidarjetà finanzjarja (il-Fondi) li jkopru erba' oqsma:

- kontrolli u sorveljanza ta' fuq il-fruntieri esterni ('kontroll integrat tal-fruntieri') u politika dwar il-viża, b'mod komplementari ma' l-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni ta' l-Operat fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija FRONTEX);

- ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu fl-UE b'mod illegali;

- l-integrazzjoni ta' ċittadini li jkunu qed jgħixu legalment; u

- il-kenn politiku (li jinbena fuq il-Fond Ewropew għar-Refuġjati li hemm bħalissa[3]).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE tat-2 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf il-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2005-2010. ĠU L 381 tat-28 ta' Diċembru 2004, p. 52

Huwa ċar li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika komuni, inkluż il-liġi tal-Komunità, f'kull wieħed minn dawn l-erba' oqsma jwieġbu tabilħaqq mhux biss għall-ħtieġa li tkun żgurata l-komplementarjetà, iżda wkoll għal għanijiet differenti ta' l-operat. Din timplika livell u intensità differenti ta' obbligi għall-Istati Membri li għandhom jintlaħqu b'appoġġ finanzjarju tajjeb. Dan ifisser ukoll li kull Stat Membru għandu jwettaq u jżomm fuq livell nazzjonali miżuri li jkunu jippermettu t-twettiq xieraq ta' l-obbligi tagħhom fejn għandu x'jaqsam kull wieħed mill-erba' oqsma ta' politika, anke jekk dawn jintlaqtu ftit biss.

Aktar minn hekk, fit-Trattati dawn l-azzjonijiet għandhom bażi legali differenti u jkopru oqsma li jiddependu mid-dispożizzjonijiet tal-Protokolli li għandhom x'jaqsmu mal-pożizzjoni tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit jew ma' l-*acquis* Schengen.

Għalhekk, il-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" għandu jkun magħmul minn erba' strumenti separati (li jwaqqfu erba' "Fondi") li jkunu jikkorrispondu għal kull wieħed minn dawn l-erba' oqsma ta' politika.

Anke jekk dawn ikunu implimentati permezz ta' erba' strumenti legali differenti, l-erba' Fondi jsawru ġabra koerenti kemm fuq livell politiku kif ukoll fuq livell ta' operat: kull Fond jirrifletti l-għanijiet ta' politika li, flimkien mat-tlieta l-oħra, se jippermettu l-iżvilupp ta' żona ta' Ħelsien. Hija l-implimentazzjoni b'suċċess ta' kull wieħed minn dawn l-erba' dimensjonijiet li se twassal biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali. Għalhekk, l-erba' Fondi se jaħdmu skond implimentazzjoni komuni u regoli ta' tmexxija, skond l-istess kalendarju strateġiku, u se jkunu s-suġġett ta' valutazzjoni koordinata u ta' proċessi ta' reviżjoni (ara t-Taqsima 3).

Ladarba t-Trattat Kostituzzjonali jkun daħal fis-seħħ, il-Kummissjoni tista' tistħarreġ il-possibbilitajiet għal aktar titjib u simplifikazzjoni li jistgħu jiġu minn bażi legali ġdida (l-aktar l-Artikolu III-268).

L-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għall-Istati Membri f'kull Fond se tkun ibbażata fuq kriterji speċifiċi u oġġettivi li jirriflettu s-sitwazzjoni ta' l-Istat Membru fejn għandhom x'jaqsmu l-obbligi meħuda f'isem jew għall-ġid ġenerali tal-Komunità għall-qasam ta' politika kkonċernat. Dawn il-kriterji se jkunu l-aktar ta' natura kwantitattiva. Biex jitqiesu kemm is-sitwazzjoni tal-linja ta' bażi ta' l-Istati Membri u l-evoluzzjoni ta' din is-sitwazzjoni, il-kriterji se jkunu bbażati kemm jista' jkun fuq data ta' "ħażna" u data ta' "flussi": din se tippermetti biex jissaħħu l-fondi disponibbli fi Stat Membru wieħed biex ikun appoġġjat, per eżempju, in-numru ta' persuni dejjem jikber li jkunu jaqgħu fi ħdan il-popolazzjoni ta' mira.

Għal dan il-għan, l-istrumenti jikkontemplaw l-użu ta' l-istatistika tal-Komunità, u fejn din ma tkunx disponibbli, l-istatistika nazzjonali. Waqt li jista' jkun hemm diffikultajiet tekniċi, qed jinħass li l-użu ta' l-istatistika fl-allokazzjoni tal-fondi jista' jkollu l-effett pożittiv li jżid l-attenzjoni li tkun ingħatat fuq livell nazzjonali għad-dispożizzjoni ta' data korretta u f'waqtha L-użu propost ta' din l-istatistika fl-allokazzjoni tal-fondi għall-perjodu 2007-2013 huwa wieħed flessibbli, l-aktar minħabba li l-liġi li ġejja fuq l-istatistika ta' Migrazzjoni x'aktarx ser twassal biex l-istatistika tkun aktar disponibbli u armonizzata b'mod aħjar.

Għall-Fond għall-fruntieri esterni, qed tinħoloq il-possibbiltà ta' mekkaniżmu ta' fond li jkun ikopri l-ispejjeż. Dan għandu jkun ibbażat, *inter alia*, fuq l-analiżi komuni tar-riskju li tkun saret mill-Aġenzija FRONTEX. Qed ikunu mbassra dispożizzjonijiet speċjali biex ikunu koperti spejjeż addizzjonali speċifiċi marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-FTD u

l-FRTD skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003.

Għall-Fondi għall-kenn politiku, l-integrazzjoni u r-ripatrijazzjoni, waqt li jinbnew fuq l-eżempju tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati, kull Stat Membru se jirċievi ammont żgħir u fiss biex ikun assigurat livell minimu ta' riżorsi biex jitwettqu dawn l-għanijiet.

2.3. Il-Komplementarjetà ma' strumenti u miżuri ta' politika oħrajn

Il-programm ta' qafas jsawwar element wieħed ta' taħlit ta' politika biex tkunu żviluppata iżjed il-politika dwar il-kenn politiku, it-tluq minn post għall-ieħor u l-fruntieri esterni: dan għandu jkun marbut mill-qrib ma' l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' strumenti oħra ta' politika, l-aktar il-liġi. Is-solidarjetà finanzjarja għandha sservi għal għanijiet identifikati b'mod ċar u għandha tippermetti għall-iffinanzjar konġunt ta' azzjonijiet li jġibu livell għoli ta' valur miżjud għall-Komunità. L-użu tal-Fondi għandu jkun marbut intrinsikament mat-titjib tas-sitwazzjoni nazzjonali dwar standards komuni, jew iwassal, fuq livell ta' UE, għall-ġid kollettiv bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet koordinati u konġunti.

It-twaqqif u t-tħaddim tal-programm ta' qafas se jkunu komplementari għal inizjattivi oħrajn u entitajiet stabbiliti fil-kuntest ta' politika komuni dwar it-tluq minn post għall-ieħor, il-kenn politiku u l-fruntieri esterni.

B'mod speċjali, l-iżvilupp fuq skala kbira ta' sistemi ta' IT li jkunu jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' politika għall-fruntieri esterni u l-viża (Sistema ta' Tagħrif dwar il-Viża, Sistema ta' Tagħrif dwar Schengen) u ta' politika għall-kenn politiku (EURODAC) huwa ta' ġid kbir għas-solidarjetà tal-Komunità, bit-twaqqif ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li jkun effettiv għan-nefqa. Għalkemm mhux koperti bit-tbassir tal-baġit taħt il-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni ", l-iżvilupp u t-tħaddim ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni huma rabtiet għal żmien twil, u l-atti legali li jwaqqfu lil dawn ma fihom l-ebda dispożizzjoni li tillimita ż-żmien tagħhom. Barra l-estensjoni antiċipata tat-tkabbir, lanqas ma jista' jkun eskluż li jkun hemm aktar żvilupp ta' funzjonalitajiet matul il-perjodu 2007-2013, li jeħtieġ ikunu koperti bit-tbassir ta' l-approprijazzjonijiet taħt l-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju propost.

L-attivitajiet ta' l-Aġenzija FRONTEX isawru wkoll għodda effettiva biex tissaħħaħ l-kooperazzjoni permezz ta' għajnuna teknika u ta' l-operat, l-ippûljar ta' tagħmir u riżorsi li jistgħu jkunu disponibbli għall-Istati parteċipanti kollha. L-iżvilupp progressiv ta' l-iskop u l-ħidmiet ta' l-Aġenzija, l-aktar wara l-valutazzjoni skedata għall-2007, se jitlob li jkun hemm riżorsi xierqa taħt l-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju tal-ġejjieni. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jassoċjaw l-Aġenzija FRONTEX ma' l-ipprogrammar u l-valutazzjoni.

Waqt li tibbaża ruħha fuq ir-riżultati ta' l-azzjoni ta' tħejjija li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni se tqis il-ħolqien ta' Osservatorju Ewropew dwar it-tluq minn post għall-ieħor, biex issaħħaħ is-sorveljanza u l-analiżi ta' aspetti multidimensjonali dwar il-fenomeni ta' Migrazzjoni u l-kenn politiku.

Saru diġà dispożizzjonijiet mhux biss biex ikun evitat kwalunkwe għamla ta' dupplikazzjoni bejn il-Fondi, iżda wkoll biex ikun assigurat l-iżvilupp ta' sinerġiji kulfejn ikun possibbli. B'mod speċjali, mill-ewwel sena tal-programm multiannwali li se jibda fl-1 ta' Jannar 2008, miżuri li jiffinanzjaw ir-ripatrijazzjoni ta' dawk li jkunu ġew imċaħħda kenn politiku mhux se jibqgħu jgħoddu fil-qafas tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

L-iffinanzjar għall-Fond għar-Ripatrijazzjoni se jkun ikkontemplat biss mill-2008 ’il quddiem, waqt li titqies, kif suġġerit fil-programm *The Hague*, il-ħtieġa li jkunu valutati minn qabel ir-riżultati ta’ l-azzjonijiet ta’ tħejjija fuq ir-ripatrijazzjoni (2005 – 2006).

Ingħatat attenzjoni speċjali wkoll għall-kwistjoni tal-komplementarjetà u s-sinerġija ta’ azzjonijiet bejn il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, li t-tnejn li huma jinstabu fid-defnizzjoni ta’ l-għanijiet tal-Fond għall-Integrazzjoni u fl-implimentazzjoni tiegħu. Permezz tat-trattament speċifiku tiegħu u orjentat lejn l-innovazzjoni, il-Fond għall-Integrazzjoni, fil-fatt, se jkun jista’ jikkomplementa l-għanijiet usa’ tal-ESF kif ukoll biex jidentifika strateġiji u prattika tajba li jkunu jistgħu jingħataw xejra aktar dominanti fil-Fond Soċjali Ewropew.

3. IR-RAZZJONALIZZAZZJONI U S-SIMPLIFIKAZZJONI

3.1. It-Transizzjoni ma’ strumenti eżistenti

L-erba’ Fondi implimentati taħt il-programm ta’ qafas “Is-Solidarjetà u t-Tmexxija ta’ Migrazzjoni” jipprovdu grupp koerenti u jappoġġjaw b’mod sħiħ l-iżvilupp ta’ politika komuni fl-oqsma tal-fruntieri esterni, it-tluq minn post għall-ieħor u l-kenn politiku, bi qbil sħiħ mal-prinċipji tas-solidarjetà, il-valur miżjud, l-addizzjonjalità u l-komplementarjetà. Dawn se jieħdu post u se jiżviluppaw b’mod sħiħ l-azzjonijiet tal-programmi eżistenti u l-azzjonijiet ta’ tħejjija bħalma huma l-ARGO u l-INTI, l-azzjonijiet ta’ tħejjija fil-qasam tal-kontroll tar-ripatrijazzjoni u tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati.

It-tieni fażi tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati bdiet fl-1 ta’ Jannar 2005 u se tintemm fl-2010. Barra milli tiċċara l-kondizzjonijiet ta’ l-eliġibbilità tal-linja ta’ żvilupp tar-ripatrijazzjoni volontarja, il-proposta biex ikun emendat il-ERF mehmuż mal-Komunikazzjoni għandha sempliċiment l-għan li twettaq l-kalendarju u l-arranġamenti ta’ l-implimentazzjoni tagħha, fejn għandhom x’jaqsmu sistemi ta’ kontroll u tmexxija, skond dawk proposti għat-tliet strumenti l-oħra: iż-żmien tagħha huwa sas-sena 2013, u d-dispożizzjonijiet il-ġodda se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta’ Jannar 2008, biex tkun tista’ titwettaq l-implimentazzjoni sħiħa ta’ l-ewwel ċiklu ta’ programmi multiannwali taħt id-deċiżjoni preżenti, mill-2005 sal-2007. Wara dawn id-dati, iċ-ċiklu ta’ programmi se jkun skond it-tliet fondi l-oħra.

Madankollu, għandu jkun antiċipat li r-reviżjonijiet fuq il-materja tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati għandhom ikunu ppreżentati aktar tard fl-2005, flimkien ma’ Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni, l-aktar dwar:

- id-Dikjarazzjoni fuq persuni taħt programmi nazzjonali dwar issetiljar mill-ġdid fid-dawl ta’ l-iskop tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-ERF II għall-perjodu 2005 – 2010, fejn il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposta għall-modifikazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati sa tmiem is-sena 2005, biex b’hekk ikunu jistgħu jitqiesu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta’ Novembru 2004 biex jitjieb l-aċċess għal soluzzjonijiet li jibqgħu tajbin għal ħafna żmien. Dawk il-Konklużjonijiet tal-Kunsill kienu talbu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal Skema ta’ l-UE dwar l-Issetiljar mill-ġdid. Għandhom jiġu stabbiliti l-arranġamenti għall-iffinanzjar, jew l-iffinanzjar parzjali, ta’ l-issetiljar mill-ġdid li se jsir taħt l-Iskema ta’ l-UE dwar l-Issetiljar mill-ġdid, jew inkella barra din.

- il-Programm *The Hague* isejjaħ biex fl-2005 jitwaqqfu “strutturi xierqa li jinvolvu s-servizzi nazzjonali tal-kenn politiku ta’ l-Istati Membri bil-ħsieb li tkun imħaffa

kooperazzjoni prattika u ta' kollaborazzjoni". Il-kwistjonijiet ta' jekk tiddaħħalx dispożizzjoni għal dawn l-istrutturi taħt l-'azzjonijiet tal-Komunità' u l-għażliet kontemplati għall-Uffiċċju Ewropew ta' l-Appoġġ, għalhekk, jeħtieġ ikunu indirizzati.

3.2. Tmexxija komuni u arranġamenti ta' kontroll

Peress li l-għanijiet tal-programm struttrali huma li jsaħħu l-implimentazzjoni ta' politika komuni fuq livell nazzjonali, din għandha tkun implimentata fil-qafas ta' tmexxija maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Din se tippermetti li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-azzjonijiet skond valutazzjoni dettaljata tal-ħtiġiet u strateġija adattata għas-sitwazzjoni lokali, li dwarha jkun hemm ftehim flimkien mal-Kummissjoni. Minħabba li tmexxija mqassma ma tkunx tista' tiġi applikata minn pajjiżi terzi, se jkun hemm id-delega ta' ħidmiet fi tmexxija deċentralizzata għall-pajjiżi assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen li jkunu qed jieħdu sehem fil-Fond għall-Fruntieri esterni. L-azzjonijiet tal-Komunità u l-għajnuna teknika tal-Kummissjoni, kif imsemmi fl-abbozz ta' l-istrumenti, se jkunu implimentati mill-Kummissjoni fil-qafas ta' tmexxija diretta.

L-istess dispożizzjonijiet ġew definiti għall-operat ta' l-erba' strumenti: ċikli ta' programmar strateġiku multiannwali (b'żewġ perjodi definiti għall-2007-2010 u l-2011-2013) fuq il-bażi tal-linji ta' gwida komunikati mill-Kummissjoni, l-allokazzjoni annwali tar-riżorsi u l-valutazzjonijiet multiannwali tal-programmi ta' l-operat.

Bl-istess mod, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' l-erba' Fondi għandhom ikunu allinjati, waqt li l-abbozz tad-deċiżjonijiet għandu jipprovdi għal dispożizzjonijiet jew strutturi ta' implimentazzjoni komuni jew imqassma (Kumitat, arranġamenti nazzjonali għat-tmexxija u l-verifika).

Il-ħtieġa għall-koerenza u t-trasparenza huma l-mutur ewlieni fil-modalitajiet ta' tmexxija tal-Fondi rispettivi. Il-koerenza, hekk kif l-abbozz ta' l-istrumenti jistabbilixxi l-kondizzjonijiet minimi li jgħoddu għat-tmexxija, il-kontroll intern u s-sistemi ta' verifika kif ukoll l-involviment ta' kull attur. It-trasparenza, hekk kif ir-riżultati u l-eżitu ta' kull parti ta' l-istrument ikunu magħrufa mill-atturi differenti. L-erba' abbozzi ta' deċiżjonijiet iqisu wkoll il-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet ta' l-ipprogrammar u l-mekkaniżmu ta' twettiq tal-Fondi ta' qafas. Dan biex ikunu stabbiliti mekkaniżmi ta' twettiq li jkunu jassiguraw fl-istess waqt konċentrazzjoni ta' riżorsi fuq għanijiet ewlenin u strateġiċi, mekkaniżmu ta' twettiq li jassigura implimentazzjoni effettiva kemm fuq livell nazzjonali u fuq livell ta' Komunità, kif ukoll tmexxija u kontroll tajjeb fejn jidħlu l-fondi tal-Komunità.

3.3. Valutazzjoni u reviżjoni

Il-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatti ta' strumenti ta' politika għandhom isiru f'perjodi regolari, biex tkun assigurata l-effettività ta' l-azzjoni. Din hija importanti l-aktar fil-kuntest tal-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni":

- l-ewwel, matul is-snin 2005-2006, se jsiru aktar studji biex ikunu definiti l-prijoritajiet tal-linji ta' gwida multiannwali tal-bidu taħt il-programm il-ġdid, kif ukoll biex ikun stabbilit qafas koerenti u sħiħ ta' sorveljanza u valutazzjoni (inkluża d-definizzjoni ta' settijiet komuni ta' indikaturi ta' inputtjar, produzzjoni, riżultati u eżitu, kemm kwantitattivi jew kwalitattivi);

- it-tieni, ir-riżultati ta' l-ewwel valutazzjoni fuq l-operat tal-programm ta' qafas li għandhom ikunu disponibbli fl-2010, waqt li tkun qed issir ir-reviżjoni tal-Programm *The Hague*; ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni għandhom ikunu ta' għajnuna għat-tmexxija u l-operat tal-programm;

- it-tielet, il-valutazzjonijiet tar-riżultati tal-programmi multiannwali taħt il-Fondi, għandhom ikunu disponibbli fl-2012 biex ikunu ta' tagħlima fid-dawl tar-reviżjoni tagħhom, u fl-2015 biex ikun assigurat l-impatt tagħhom.

L-iżviluppi ta' politika u r-riżultati tal-valutazzjonijiet jeħtieġu wkoll il-possibbiltà biex il-programm jiġi rivedut, u li dan ikun adattat, jekk ikun meħtieġ, għal ħtiġiet u prijoritajiet ġodda jew li qed jinbidlu.

- fl-2009, il-possibbiltà li jkunu riveduti ċerti aspetti dwar l-operat tal-Fondi, bħalma huma ċ-ċwievet tad-distribuzzjoni finanzjarja fl-oqsma ta' l-integrazzjoni u l-fruntieri esterni, fid-dawl tar-riżultati tal-valutazzjoni finali ta' l-azzjonijiet ta' tħejjija mibdija fl-2005.

- sa l-aħħar ta' l-2010, fuq il-bażi ta' l-ewwel valutazzjoni, biex ikunu stabbiliti l-orjentazzjonijiet u l-prijioritajiet ewlenin fuq il-ġejjieni tal-programm ta' qafas.

4. IR-RIŻORSI FINANZJARJI

L-ammont ġenerali previst għall-programm ta' qafas "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" huwa ta' 5.866,3 miljun Euro għall-perjodu 2007-2013 (fi prezzijiet kurrenti). F'dan il-pakkett, 1.183,6 miljun Euro qed ikunu previsti għall-kenn politiku; 759.9 miljun Euro għall-Fond għar-Ripatrijazzjoni; 1,770.5 miljun Euro għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u 2,152.3 miljun Euro għat-tmexxija tal-fruntieri esterni. L-ammonti allokati għall-Istati Membri mhux se jkunu trasferibbli minn Fond għall-ieħor.

Barra l-ammont ġenerali għall-programm ta' qafas t'hawn fuq, qed ikun previst ammont ta' 285.1 miljun Euro għall-Aġenzija FRONTEX għall-perjodu 2007-2013, waqt li għall-implimentazzjoni ta' sistemi wiesgħa ta' informazzjoni ġiet ivvutata s-somma ta' iktar minn 900 miljun Euro; fl-aħħarnett, it-twaqqif possibbli ta' Osservatorju Ewropew dwar it-tluq minn post għall-ieħor, biex jissoktaw l-azzjonijiet preżenti ta' tħejjija, ġiet ivvutata s-somma ta' 62.3 miljun Euro għall-istess perjodu.

ANNESS

It-twaqqif ta' programm ta' qafas għas-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-Perjodu 2007-2013

Il-Komplementarjetà ma' aġenziji u strumenti oħrajn fiż-żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja

Taħt il-Perspettivi Finanzjarji hemm kkontemplati diversi strumenti komplementari biex jgħinu ħalli jintlaħqu l-għanijiet ta' politika stabbiliti fiż-żona ta' Ġustizzja, Ħelsien u Sigurtà:

– Il-programmi ta' qafas, li se jieħdu post il-kotra ta' linji ta' l-estmi tal-baġit li bħalissa l-Kummissjoni qed tmexxi f'dan il-qasam;

– L-iffinanzjar ta' aġenziji mill-Komunità u ta' l-entitajiet tal-Komunità jew l-Unjoni;

– L-iżvilupp u t-tmexxija ta' sistemi ta' informazzjoni ta' skala kbira li jkunu relatati.

L-aġenziji jew l-entitajiet li ġejjin, li huma relatati mal-qasam tal-programm ta' qafas t'hawn fuq, huma koperti taħt il-perspettivi finanzjarji l-ġodda:

- **L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija ta' Kooperazzjoni ta' l-Operat fil-Fruntieri esterni,** stabbilita bir-Reglament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li twaqqaf Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija ta' Kooperazzjoni ta' l-Operat fil-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, il-25 ta' Novembru 2004, p. 1).

Strumenti eżistenti oħra se jibqgħu fis-seħħ, waqt li ma jkunux koperti mill-programm ta' qafas l-ġdid. Dawn l-istrumenti għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi wiesgħa ta' IT fil-qasam tal-politika dwar il-kenn politiku, it-tluq minn post għall-ieħor u l-fruntieri esterni, u kienu ġew stabbiliti bid-deċiżjonijiet tal-Kunsill u l-Parlament:

- Is-**sistema EURODAC**, stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar it-twaqqif ta' l-'Eurodac' biex ikunu paragunati l-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, il-15 ta' Diċembru 2000, p. 1) u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jwaqqaf il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun stabbilit l-Istat Membru responsabbli biex jistħarreġ applikazzjoni ta' kenn politiku li tkun ġiet ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 050, il-25 ta' Frar 2003, p. 1).

- Is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),** stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, il-15 ta' Ġunju 2004, p. 5), u li għal din il-Kummissjoni kienet ippreżentat proposta (COM(2004)835) li twaqqaf l-għan, il-funzjonalitajiet ta' u r-responsabbilitajiet għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),

- Is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar Schengen (SIS II),** li għal din il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa tmiem l-ewwel kwart tas-sena 2005.

L-iżvilupp u t-tħaddim ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni huma rabtiet għal perjodu twil, u l-atti legali li jwaqqfu lil dawn ma fihom l-ebda dispożizzjoni li tillimita ż-żmien tagħhom. Barra l-estensjoni antiċipata tat-tkabbir, mhuwiex eskluż li jkun hemm ukoll aktar żviluppi fil-funzjonalitajiet matul il-perjodu 2007-2013.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. DAĦLA

It-tħejjija tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 kienet iggwidata sa mill-bidunett minn trattament iddominat minn politika. Dan biex tkun żgurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati ħalli dawn ikunu jistgħu jiġu ssuktati. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja huwa meqjus bħala wieħed mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, liema qasam għandu jkun appoġġjat b'mezzi finanzjarji miżjuda b'mod sostanzjali. Fil-Komunikazzjonijiet tagħha « *Nibnu l-ġejjieni komuni tagħna – L-Isfidi ta' politika u l-mezzi tal-baġit ta' l-Unjoni Mkabbra għall-2007-2013*»[4] u « *Il-Perspettivi Finanzjarji 2007 – 2013* »[5], il-Kummissjoni saħqet ukoll fuq l-importanza li r-reviżjoni ta' l-istrumenti legali tintuża għall-perspettivi finanzjarji li ġejjin biex jinħoloq moviment sostanzjali lejn aktar tħaffif. Fil-waqt li tibni l-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali u li huma mmexxija minn politika ("Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-Issalvagwardjar tal-Libertajiet"), il-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ċar għall-iżvilupp ta' interventi finanzjarji tal-Komunità biex jappoġġjaw t-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, il-Ħelsien u s-Sigurtà.

Il-kontenut ta' dawn il-programmi kien imfisser f'dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni[6], li identifika l-għan ewlieni li ġej tal-programm Ġenerali "Is-Solidarjetà u t-tmexxija tal-Flussi ta' Migrazzjoni": *li jkun appoġġjat il-prinċipju tas-solidarjetà fl-amministrazzjoni tal-flussi ta' popli, billi jkun assigurat it-tqassim ġust tar-responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri, skond kif jikkonċerna l-piż finanzjarju li jkun ġej mill-introduzzjoni tat-tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-kenn politiku u l-immigrazzjoni. (..)*

Din is-solidarjetà għandha ssaħħaħ u tappoġġja l-implimentazzjoni tal-politika u l-liġi tal-Komunità dwar l-erba' dimensjonijiet komplementari tat-tmexxija tal-flussi ta' Migrazzjoni:

- l-amministrazzjoni integrata tal-fruntieri esterni, biex ikun assigurat livell ekwivalenti u uniformi ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni;

- politika ta' kenn politiku, kif inhu diġà l-każ taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati[7] biex ikun appoġġjat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea komuni dwar il-kenn politiku li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u li jitmexxa 'l quddiem bilanċ fl-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri biex iġorru l-konsegwenzi ta' l-ilqugħ ta' refuġjati u l-ispostament ta' persuni;

---

4 COM(2004) 101 finali, l-10 ta' Frar 2004

5 COM(2004) 487 finali, l-14 ta' Lulju 2004

6 Komunikazzjoni tas-Sur Vitorino lill-Kummissjoni, it-28 ta' Settembru 2004 (SEC(2004)1195) "Li tingħata dimensjoni ta' l-operat għaż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja: kuntest ta' politika u orjentazzjonijiet għall-interevnti finanzjarji tal-ġejjieni"

7 Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE tat-2 ta' Diċembru li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2005 sa l-2010, ĠU L381 tat-28 ta' Diċmebru 2004.

- il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, u l-aktar ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti illegalment fl-UE jew persuni li jkunu emigraw lejn l-UE b'mod irregolari;

- l-aċċettazzjoni u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-aktar fejn għandhom x'jaqsmu l-integrazzjoni soċjali, ċivika u kulturali tagħhom, biex dawn ikunu jistgħu jissetiljaw u jieħdu parti attiva fl-aspetti kollha tas-soċjetatjiet Ewropej.

2. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI – IL-MODIFIKA GĦALL-FOND EWROPEW GĦAR-REFUĠJATI

L-ewwel espressjoni ta' din is-solidarjetà kienet il-ħolqien tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati fis-sena 2000[8], fuq il-bażi ta' tliet snin ta' azzjonijiet ta' tħejjija. Il-Fond, li kien appoġġjat mill-Parlament Ewropew u bbażat fuq proposta mill-Kummissjoni, kien strumentali biex jistabbilixxi l-pedamenti ta' azzjoni kollettiva mill-Komunità għall-ilqugħ ta' nies li jkunu qed ifittxu kenn u ta' nies li jkunu jeħtieġu ħarsien internazzjonali bħala parti minn metodu komprensiv. Dan għen ukoll biex jassigura ftehim dwar id-Direttiva fuq il-ħarsien temporanju fil-każ ta' influss qawwi ta' spostament ta' persuni. L-ewwel fażi ta' l-armonizzazzjoni leġislattiva li twaqqaf sistema Ewropea komuni ta' kenn politiku hija kważi lesta, u taħt it-termini tad-deċiżjoni oriġinali, il-Kunsill issa għandu jirrevedi din id-deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004 fuq il-bażi ta' proposta li għandha ssir mill-Kummissjoni.

Fl-2003 kienu saru valutazzjoni dettaljata u konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati: il-valutazzjoni ta' nofs it-terminu ta' l-ERF I kienet tlestiet f'Novembru 2003, wara konferenza ta' reviżjoni wiesgħa li nżammet fit-30 u l-31 ta' Ottubru 2003. Waqt li tibni fuq ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni kif ukoll fuq l-impatt ta' valutazzjoni ta' l-impatt wiesgħa[9], fit-12 ta' Frar 2004 il-Kummissjoni adottat proposta għat-twaqqif tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati għat-tieni fażi tiegħu mill-2005 sal-2010[10]. Id-Deċiżjoni kienet adottata mill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2004.

It-tieni fażi tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati fih ħafna dispożizzjonijiet u mekkaniżmi li issa qed ikunu proposti għat-tliet Fondi l-oħra li jsawru l-programm ta' azzjoni għas-"Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni ":

- programmar aktar strateġiku ta' l-operat tal-Fond, bil-Kummissjoni tingħata rwol akbar ta' tmexxija u waqt li jitqies il-qafas leġislattiv adottat mill-Komunità fuq il-politika tal-kenn politiku;

- l-inklużjoni fil-kriterji għat-tqassim ta' fondi fost l-Istati Membri mhux biss tal-popolazzjoni ta' mira, iżda wkoll il-fatt li l-Istati Membri l-ġodda b'mod speċjali għandhom jagħmlu investimenti ta' qafas biex jiggarantixxu l-effettività tas-sistemi nazzjonali tal-kenn politiku;

---

8 Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE tat-28 ta' Settembru 2000 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2000-2004, ĠU L 252 tas-6 ta' Ottubru 2000, p.12.

9 SEC (2004) 161, it-12 ta' Frar 2004.

10 COM(2004)102 tat-12 ta' Frar 2004, proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2005-2010.

- Programmar u ċikli ta' ħajja ta' azzjoni li jipproduċu riżultati ta' użu ikbar u li jkunu aktar vijabbli permezz ta' strateġiji multiannwali bbażati fuq proċess ta' konsultazzjoni (bejn l-imsieħba nazzjonali u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni);

- It-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni mqassma, b'aktar appoġġ fuq livell ta' Komunità (qafas finanzjarju u amministrattiv komuni u strumenti ta' tmexxija komuni), bħala garanzija li l-istrument ikun implimentat skond il-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba.

Barra minn hekk, il-proposta pprovdiet għal żjieda gradwali fl-estimi, li għandhom ikunu aktar sostanzjali mill-2008, bħala espressjoni solida ta' solidarjetà tal-Komunità, bil-ħsieb li jintlaħqu riżultati tajbin u li jkun hemm impatt b'saħħtu mhux biss fuq il-gruppi ta' mira, iżda wkoll fuq is-sistemi nfushom.

Minħabba l-valutazzjoni reċenti u r-reviżjoni ta' din il-proposta, kif ukoll taż-żmien ta' dan l-istrument, il-modifikazzjonijiet li għandhom isiru għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati fil-qafas ta' l-adozzjoni tal-programm ta' azzjoni "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni " taħt il-perspettivi Finanzjarji l-ġodda, għalhekk, għandhom jiffokaw fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri (biex jitqiegħdu fl-istess linja meħuda għal dawk proposti għat-tliet Fondi l-oħra), fuq il-perjodu ta' l-implimentazzjoni (estensjoni sas-sena 2013) u fuq il-komplementarjetà u s-sinerġija (l-aktar dwar l-azzjonijiet previsti taħt "Il-Fond għar-Ripatrijazzjoni ").

2.1. Il-Perjodu ta' l-istrument

Minħabba li l-fażi preżenti ta' l-ERF tibqa' sejra sas-sena 2010, qed ikun propost li jittawwal iż-żmien ta' dan sat-tmiem tal-perspettivi finanzjarji, i.e. l-2013. F'termini ta' operat, din se tittraduċi ruħha fl-implimentazzjoni tat-tielet programm multiannwali (2011-2013). Madankollu, minħabba li l-Istati Membri bħalissa qed jibdew, taħt il-ERF II, l-implimentazzjoni ta' l-ewwel programm strateġiku multiannwali, li jibda mill-2005 u jintemm fl-2007, qed ikun propost li d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta tkun fil-bidu ta' l-ewwel sena tat-tieni programm multiannwali, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2008.

2.2. Ir-Razzjonalizzazzjoni tat-tmexxija u l-arranġamenti tal-kontroll

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati li hemm fil-preżent (2005-2010) diġà għandu dispożizzjonijiet dettaljati fuq l-implimentazzjoni ta' l-operat tat-tmexxija mqassma. Biex ikunu assigurati l-konsistenza u arranġamenti komuni possibbli mal-proċeduri tat-tmexxija u l-kontroll tat-tliet fondi l-oħra proposti, bħala parti mill-programm ta' azzjoni "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", il-Kummissjoni qed tipproponi li tadotta l-istess dispożizzjonijiet għall-erba' fondi kollha.

Dawn id-dispożizzjonijiet ġew iddefiniti, waqt li tqiesu l-aktar ir-riforma tas-sistema tat-tħaddim tal-fondi ta' qafas[11], kif ukoll l-orjentazzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Settembru 2009, għad-definizzjoni tar-responsabbilitajiet

[11] Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fond ta' l-Iżvilupp Reġjonali Ewropew, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni, COM(2004)492 finali ta' l-14 ta' Lulju 2004.

rispettivi tal-Kummissjoni stess u ta' l-Istati Membri[12]. Biex ma tkunx ikkumplikata l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll, qed ikun propost li dawn jidħlu fis-seħħ wara t-tkomplija ta' l-ewwel ċiklu multiannwali fl-1 ta' Jannar 2008.

2.3. Il-Komplementarjetà u s-sinerġija

Il-Fond Ewropew għar-Refuġjati kien l-ewwel strument finanzjarju tal-Komunità li esprima s-solidarjetà bejn il-Komunità u l-Istati Membri li jkollhom x'jaqsmu mal-konsegwenzi tat-twaqqif ta' politika komuni fil-qasam tal-fruntieri esterni, u l-politika komuni ta' l-immigrazzjoni u l-kenn politiku. Bil-proposta li tmexxi 'l quddiem il-ħolqien ta' programm ta' azzjoni koerenti fuq is-"solidarjetà u t-tmexxija tal-flussi ta' Migrazzjoni ", il-Fond Ewropew għar-Refuġjati sar parti minn ġabra ta' miżuri li għandhom l-għan li joħolqu tħaddim ġust għal kulħadd fuq livell Ewropew.

Għal dan il-għan, din il-proposta, flimkien ma' l-abbozz ta' deċiżjonijiet li jwaqqfu l-Fond għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment, il-Fond għall-Fruntieri esterni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni jipprovdu għall-ħolqien ta' mekkaniżmi li jassiguraw metodu koerenti ta' l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-erba' strumenti. Din fiha wkoll modifikazzjoni ta' l-iskop ta' l-azzjonijiet eliġibbli li għandhom x'jaqsmu mar-ripatrijazzjoni, biex ikun evitat kwalunkwe koinċiżjoni mal-Fond għar-Ripatrijazzjoni li qed ikun propost. L-iffinanzjar tal-miżuri tar-ripatrijazzjoni għal dawk li jkunu ġew rifjutati kenn politiku għandu jkun taħt il-Fond għar-Ripatrijazzjoni, u għalhekk ma jibqax eliġibbli fil-qafas tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati mill-ewwel sena tal-programm multiannwali li jibda fl-1 ta'Jannar 2008.

Ir-raġunijiet għal din il-linja ta' diviżjoni bejn iż-żewġ Fondi huma stabbiliti f'aktar dettal fil-valutazzjoni ta' l-impatt dettaljata.

3. L-ADATTAMENT GĦAL AKTAR ŻVILUPPI

F'perjodu aktar tard il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta li tirrevedi s-sustanza tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati. L-emendi għandhom iqisu l-aktar il-Programm *The Hague* u d-Dikjarazzjoni fuq persuni li jkunu taħt programmi nazzjonali ta' ssetiljar mill-ġdid fid-dawl ta' l-iskop tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-ERF II għall-perjodu 2005 – 2010.

L-emendi għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet li ġejjin:

- fid-Dikjarazzjoni fuq persuni li jkunu taħt programmi nazzjonali ta' ssetiljar mill-ġdid, il-Kummissjoni hija mistiedna li sa tmiem is-sena 2005 tippreżenta proposta għall-modifikazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati biex jitqiesu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Novembru 2004 ħalli jitjieb l-aċċess għal soluzzjonijiet li jdumu għal ħafna żmien. Dawk il-Konklużjonijiet tal-Kunsill talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal Skema ta' l-UE ta' Ssetiljar mill-Ġdid. Għalhekk, fi proposta għar-reviżjoni tal-ERF, jeħtieġ li jkunu stabbiliti l-arranġamenti għall-iffinanzjar, jew l-iffinanzjar

[12] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill « Ir-Responsabbilitajiet rispettivi ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-amministrazzjoni mqassma tal-Fondi Strutturali u l-Fond tal-Koeżjoni – Is-sitwazzjoni preżenti u ħarsa lejn il-perjodu l-ġdid ta' programmar wara l-2006", COM(2004)580 finali tas-6 ta' Settembru 2004.

parzjali, ta' l-issetiljar mill-ġdid li qed jitwettaq taħt l-Iskema ta' l-UE ta' l-Issetiljar mill-Ġdid, jew inkella barra minnha.

- Il-Programm *The Hague*, li jsejjaħ għat-twaqqif, fl-2005, ta' "strutturi xierqa li jinvolvu s-servizzi nazzjonali tal-kenn politiku fl-Istati Membri biex titħaffef il-kooperazzjoni prattika u kollaborattiva". Għalhekk, jeħtieġ tingħata attenzjoni dwar kif għandhom ikunu appoġġjati dawn l-istrutturi.

Il-Komunikazzjonijiet fuq dawn l-aspetti kif ukoll il-proposta li timmodifika l-Fond Ewropew għar-Refuġjati huma skedati għas-sajf ta' l-2005.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

Il-prospett finanzjarju mehmuż mal-proposta għat-tieni fażi tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati fi Frar 2004 se jibqa' validu, minħabba n-numru li pjuttost għadu sostanzjali ta' applikazzjonijiet għall-kenn politiku fl-Istati Membri. Ir-ripatrijazzjoni fuq bażi volontarja ta' dawk il-persuni li jkunu ġew imċaħħda kenn politiku jirrappreżenta parti żgħira mill-azzjonijiet implimentati permezz tal-Fond, u għalhekk ma jidhirx li jekk ma jsirux dawn l-azzjonijiet mill-iskop tal-Fond se jkun hemm xi konsegwenzi kbar f'termini ta' estimi.

Li l-Fond jittawwal għas-snin 2011-2013 għandu jibqa' f'linja ma' l-estimi li saru fl-2004, waqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet il-ġodda li x'aktarx se jiżdiedu skond il-previżjonijiet għas-sajf ta' l-2005. L-allokazzjoni finanzjarja għall-Fond għas-snin 2005 u 2006 kienet ta' 114,09 miljun Euro. Taħt il-Perspettivi Finanzjarji proposti mill-Kummissjoni għas-snin 2007-2013, l-allokazzjoni tammonta għal 1.183,6 miljun Euro. Għall-perjodu 2008 – 2013 l-ammont huwa ta' 1.112,3 miljun Euro.

Ammont speċifiku għandu jibqa' disponibbli bħala riżerva għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza. Dan l-ammont (10 M€ fis-sena) se jibqa' hekk matul il-perjodu; ikun meħtieġ li jkunu koperti l-ewwel ftit ġimgħat ta' azzjoni, fil-każ li jkun hemm xi influss qawwi ta' refuġjati. Wara dan iż-żmien dan ikun jista' jiġi komplementat bil-modifikazzjonijiet relevanti tal-programmi normali multiannwali u annwali li jkunu qed jitwettqu fl-Istati Membri.

2005/0046 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2008-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 63(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[15]

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[16],

Billi:

(1) Minħabba t-twaqqif progressiv ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jassiguraw il-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ għall-kontrolli ta' fuq il-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri dwar il-kenn politiku, l-immigrazzjoni u biex ikunu salvagwardjati d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu li nżammet f'Tampere nhar il-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, afferma mill-ġdid r-riżoluzzjoni tiegħu li joħloq żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja. Għal dak il-għan, politika Ewropea komuni fuq il-kenn politiku u t-tluq minn post għall-ieħor għandha tiffoka kemm fuq it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u kif ukoll fuq l-amministrazzjoni aħjar tal-flussi ta' Migrazzjoni. Politika komuni fuq il-kenn politiku, inkluża Sistema Ewropea Komuni fuq il-Kenn Politiku, tifforma parti importanti mill-għan ta' l-Unjoni Ewropea li titwaqqaf b'mod progressiv żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja li tkun miftuħa għal dawk li, minħabba ċ-ċirkostanzi imposti fuqhom, ikollhom ifittxu b'mod leġittimu l-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea.

---

13 ĠU C …
14 ĠU C …
15 ĠU C …
16 ĠU C…

(3) L-implimentazzjoni ta' din il-politika għandha tkun ibbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u teħtieġ il-preżenza ta' mekkaniżmi li jmexxu 'l quddiem bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li jkunu qed jirċievu u jitgħabbew bil-konsegwenzi ta' l-ilqugħ ta' refuġjati u l-ispostament ta' persuni. Għal dak il-għan, kien stabbilit Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2000-2004 bid-Deċiżjoni 2000/596/KE[17]. Din id-Deċiżjoni inbidlet bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE tat-2 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2005 sa l-2010[18]. Din assigurat li titkompla s-solidarjetà bejn l-Istati Membri fid-dawl tal-liġi tal-Komunità li ġiet adottata dan l-aħħar fil-qasam tal-kenn politiku, waqt li tqieset l-esperjenza li nkisbet meta kien qed jiġi implimentat il-Fond għall-perjodu 2000-2004.

(4) Fid-dawl tal-proposti tal-Kummissjoni li jwaqqfu l-Fond għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jkunu qed jgħixu b'mod legali, il-Fond għar-Ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu illegalment (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Fond għar-Ripatrijazzjoni') u l-Fond għall-Fruntieri esterni għall-perjodu 2007-2013, bħala parti mill-programm ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni', l-aktar minħabba t-twaqqif ta' arranġamenti ta' tmexxija, kontroll u valutazzjoni komuni, għandu jitwaqqaf Fond Ewropew għar-Refuġjati ġdid.

(5) Huwa meħtieġ li jkun adattat iż-żmien tal-Fond għall-perjodu tal-qafas finanzjarju multiannwali, kif stabbilit fil-ftehim Inter-istituzzjonali li jgħodd għall-perjodu 2008-2013.

(6) Dan l-istrument huwa mfassal biex jifforma parti minn qafas koerenti li jġib l-isem ta' programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u t-Tmexxija fl-flussi ta' Migrazzjoni', li għandu l-għan jindirizza l-kwistjoni tat-tqassim ġust tar-responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri skond kif jikkonċerna l-piż finanzjarju li jkun ġej mill-introduzzjoni tat-tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' politika komuni fuq il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

(7) Ikun xieraq li jiġu appoġġjati l-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri biex joffru kondizzjonijiet ta' lqugħ xierqa lil dawk ir-refuġjati u persuni li jkunu telqu minn pajjiż għall-ieħor u li japplikaw proċeduri ġusti u effettivi ta' kenn politiku biex jipproteġu d-drittijiet ta' persuni li jkunu jeħtieġu ħarsien internazzjonali.

(8) L-integrazzjoni tar-refuġjati fis-soċjetà tal-pajjiż li fiha dawn ikunu stabbiliti hija waħda mill-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, kif imsaħħa bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967. Dawn il-persuni għandhom jingħataw iċ-ċans li jgawdu mill-valuri stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, għandu jkun hemm appoġġ għal azzjoni mill-Istati Membri biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u kulturali tagħhom sakemm din tkun tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali. Iż-żamma u t-tisħiħ ta' din huma wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Komunità msemmija fl-Artikoli 2 u 3(1)(k) tat-Trattat.

---

17 ĠU L 252, is-6 ta' Ottubru 2002, p. 12.

18 ĠU L381 tat-28 ta' Diċembru 2004.

(9) Huwa meħtieġ appoġġ prattiku biex jinħolqu u jitjiebu l-kondizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom ir-refuġjati u l-persuni li jkunu telqu minn pajjiż għall-ieħor jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati biex iħallu t-territorju ta' l-Istati Membri u jmorru lura lejn pajjiżhom, jekk ikunu jridu, b'mod komplementari mad-dispożizzjonijiet tal-Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni.

(10) Għandha titwaqqaf riżerva finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza biex jingħata ħarsien temporanju f'każ li jkun hemm influss qawwi ta' refuġjati skond id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ta' l-20 ta' Lulju 2001 fuq l-istandards minimi biex tingħata protezzjoni temporanja f'każ ta' xi influss qawwi ta' persuni li jiġu minn pajjiżi terzi u fuq il-miżuri li jmexxu 'l quddiem bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li jilqgħu fi ħdanhom dawn il-persuni u li jitgħabbew bil-konsegwenzi ta' dawn[19].

(11) L-appoġġ mogħti mill-Fond jista' jkun iktar effiċjenti u mogħti attenzjoni aħjar jekk il-iffinanzjar konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq żewġ programmi multiannwali u fuq programm ta' ħidma annwali li jitfasslu minn kull Stat Membru waqt li jqis is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet tiegħu.

(12) Huwa ġust li jkunu allokati b'mod proporzjonali r-riżorsi meħtieġa biex kull Stat Membru jkun jista' jġorr il-piż ta' l-isforzi tiegħu biex jilqa' fih kemm refuġjati u persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, inklużi refuġjati li jkunu jgawdu protezzjoni internazzjonali fil-qafas ta' programmi nazzjonali.

(13) Fil-kuntest ta' tmexxija mqassma, kif imsemmi fl-Artikolu 53 (1), il-punt (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[20], il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbilitajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ikunu speċifikati waqt li jridu jkunu ċċarati l-obbligi għall-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri. Biex ikunu applikati dawn il-kondizzjonijiet ifisser li l-Kummissjoni għandha tara li l-Istati Membri jkunu qed jużaw tabilħaqq il-Fond b'mod leġittimu u korrett u skond il-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba fit-tifsira ta' l-Artikolu 27 tar-Regolment Finanzjarju.

(14) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixi t-taqsim indikattiv ta' l-approprijazzjonijiet ta' rabta disponibbli waqt li tuża metodu oġġettiv u trasparenti.

(15) Taħt għajnuna teknika, il-Fond għandu jipprovdi appoġġ għal valutazzjonijiet, titjib tal-ħila amministrattiva marbuta mat-tmexxija tal-Fond, studji, proġetti pilota u skambji ta' esperjenza li jkunu maħsuba b'mod speċjali biex jinkuraġġixxu metodi u prattika ġdida.

(16) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiggarantixxu it-tħaddim proprju tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha għandhom iwettqu.

(17) Huwa meħtieġ li tinħatar awtorità waħda li tkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' l-interventi tal-Fond f'kull Stat Membru u li tiċċara r-responsabbilitajiet ta' dan. Il-

---

[19] ĠU L 212, is-7 ta' Awwissu 2001, p. 12.

[20] ĠU L 248, is-16 ta' Settembru 2002, p.1

ħatra u l-funzjonijiet ta' l-awtorità tal-verifika għandhom ikunu previsti wkoll. Barra minn hekk, biex ikunu garantiti standards ta' kwalità uniformi dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-infiq qabel ma' dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni u biex tiċċara n-natura ta' l-informazzjoni li fuqha jkunu bbażati dawn id-dikjarazzjonijiet, huwa meħtieġ li tinħatar awtorità li tiċċertifika.

(18) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom r-responsabbiltà ewlenija biex jimplimentaw u jikkontrollaw l-interventi.

(19) L-obbligi fuq l-Istati Membri dwar is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, is-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' ksur tal-liġi tal-Komunità għandhom ikunu speċifikati biex jiggarantixxu implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi ta' l-operat. B'mod speċjali, safejn huma kkonċernati t-tmexxija u l-kontroll, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istatu Membri jassiguraw li s-sistemi qegħdin kif suppost u qed jitħaddmu tajjeb.

(20) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar il-kontroll finanzjarju, għandha tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam, waqt li għandhom ikunu stabbiliti l-kriterji li jippermettu lill-Kummissjoni biex jiddeterminaw, fil-kuntest ta' l-istrateġija tagħha tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll, il-livell ta' assikurazzjoni li din tista' tikseb minn entitajiet nazzjonali tal-verifika.

(21) L-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond jiddpenedu wkoll fuq il-valutazzjoni tagħhom. Ir-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward u l-arranġamenti biex tkun assigurata kemm il-valutazzjoni tkun waħda kredibbli, għandhom ikunu formalizzati.

(22) L-azzjonijiet għandhom ikunu valutati f'reviżjoni ta' nofs it-terminu u b'valutazzjoni ta' l-impatt, waqt li l-proċess tal-valutazzjoni għandu jkun inkorporat f'arranġamenti ta' sorveljanza tal-proġett.

(23) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt prinċipali ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fit-tifsira tal-punt 33 tal-ftehim interinstituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit[21].

(24) Minħabba li l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jitmexxa 'l quddiem bilanċ ta' sforz bejn l-Istati Membri meta dawn jiġu biex jilqgħu fi ħdanhom refuġjati u persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni dan jista' jinkiseb aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

---

[21] ĠU C 172, it-18 ta' Ġunju 1999, p. 1

(25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri biex jitħaddmu s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni.[22]

(26) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u lanqas hija marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I
IS-SUĠĠETT, L-GĦANIJIET U L-AZZJONIJIET

Artikolu 1

Is-Suġġett u l-iskop

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għar-Refuġjati, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ «Il-Fond», bħala parti mill-programm ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" *(ħtieġa għal premessa speċifika),* biex jgħin fit-tisħiħ taż-żona tal-Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja.

Din id-deċiżjoni tiddefinixxi l-għanijiet tal-Fond, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Din tistabbilixxi r-regoli tat-tmexxija tal-Fond, inklużi dawk finanzjarji, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbilitajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 2

L-Għan ġenerali tal-Fond

1. L-għan ġenerali tal-Fond għandu jkun li jappoġġja u jinkuraġġixxi l-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri li jirċievu u jitgħabbew bil-konsegwenzi talli jkunu laqgħu fi ħdanhom refuġjati u persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, waqt li jqisu l-liġi tal-Komunità f'dawn il-materji bl-iffinanzjar konġunt ta' l-azzjonijiet provduti b'din id-Deċiżjoni.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-iffinanzjar konġunt ta' l-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew il-Kummissjoni.

[22] ĠU L 184, is-17 ta' Lulju 1999, p. 23.

Artikolu 3

L-Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jkollhom x'jaqsmu ma' wieħed minn dawn li ġejjin jew aktar:

   (a) il-kondizzjonijiet ta' l-ilqugħ u l-proċeduri tal-kenn politiku;

   (b) l-integrazzjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6 li r-residenza tagħhom fi Stat Membru tkun waħda li ddum u stabbli;

   (c) ir-ripatrijazzjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6 (1), (2) u (4), sakemm dawn ma jkunux kisbu ċittadinanza ġdida, u tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6 (3), sakemm dawn ma jkunux irċevew deċiżjoni negattiva għat-talba tagħhom biex jingħataw protezzjoni internazzjonali.

2. Dwar il-kondizzjonijiet ta' ilqugħ u l-proċeduri ta' kenn politiku, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

   (a) l-infrastruttura jew servizzi ta' akkommodazzjoni;

   (b) l-għotja ta' għajnuna materjali u kura medika jew psikoloġika;

   (c) l-għajnuna soċjali, informazzjoni jew għajnuna b'formalitajiet amministrattivi;

   (d) l-għajnuna legali u l-għajnuna lingwistika;

   (e) l-edukazzjoni, it-taħriġ f'lingwi u inizjattivi oħra li jkunu konsistenti ma' l-istatus tal-persuna;

   (f) l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ bħalma huma t-traduzzjoni u t-taħriġ biex ikunu jistgħu jitjiebu l-kondizzjonijiet ta' l-ilqugħ u l-effiċjenza u l-kwalità tal-proċeduri tal-kenn politiku;

   (g) l-informazzjoni għall-komunitajiet lokali li jkunu qed jitħalltu ma' dawk li jkunu qed jintlaqgħu fil-pajjiż li qed jilqa'.

3. Dwar l-integrazzjoni fis-soċjetà ta' l-Istati Membri tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1) punt b) u l-membri tal-familji tagħhom, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

   (a) il-pariri u l-għajnuna f'oqsma bħalma huma l-akkommodazzjoni, il-mezzi ta' għixien, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-kura medika, psikoloġika u soċjali;

   (b) l-azzjonijiet li bis-saħħa tagħhom minn jirċevihom jkun jista' jadatta ruħu għas-soċjetà ta' l-Istat Membru f'termini soċjo-kulturali, u li jaqsam ma' l-oħrajn il-valuri kkontemplati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea;

(c) l-azzjonijiet li jmexxu ’l quddiem il-parteċipazzjoni b’saħħitha u sostenibbli fil-ħajja ċivili u kulturali;

(d) il-miżuri li jiffokaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-għarfien ta’ kwalifiki u diplomi;

(e) l-azzjonijiet imfassla biex imexxu ’l quddiem l-awtorizzazzjoni tal-persuna stess u biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jaħsbu għalihom infushom;

(f) l-azzjonijiet li jmexxu ’l quddiem kuntatt li jagħmel sens u djalogu kostruttiv bejn dawn il-persuni u s-soċjetà li tkun qed tilqagħhom, inklużi azzjonijiet li jmexxu ’l quddiem l-involviment ta’ l-imsieħba ewlenin bħalma huma l-pubbliku ġenerali, l-awtoritajiet lokali, l-għaqdiet tar-refuġjati, gruppi volontarji, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili usa’;

(g) il-miżuri li jappoġġjaw l-akkwist ta’ ħiliet b’dawn il-persuni, inkluż it-taħriġ tal-lingwi;

(h) l-azzjonijiet li jmexxu ’l quddiem kemm l-ugwaljanza ta’ l-aċċess kif ukoll l-ugwaljanza ta’ l-eżiti f’dak kollu li jiġri lil dawn il-persuni meta jkollhom x’jaqsmu ma’ istituzzjonijiet pubbliċi.

4. Dwar l-azzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mar-ripatrijazzjoni volontarja, dawn li ġejjin, b’mod speċjali, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond:

(a) is-servizzi ta’ informazzjoni u pariri dwar inizjattivi jew programmi ta’ ripatrijazzjoni volontarja;

(b) l-informazzjoni fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż jew ir-reġjun ta’ l-oriġini jew dwar ir-residenza ta’ qabel;

(c) it-taħriġ ġenerali jew vokazzjonali u l-għajnuna għall-integrazzjoni mill-ġdid;

(d) l-azzjoni mill-komunitajiet ta’ l-oriġini li jkunu residenti fl-Unjoni Ewropea biex titħaffef ir-ripatrijazzjoni volontarja tal-persuni msemmija f’din id-Deċiżjoni;

(e) l-azzjoni li tħaffef l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ programmi nazzjonali ta’ ripatrijazzjoni volontarja.

5. L-azzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom, b’mod speċjali, jmexxu ’l quddiem l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità fil-qasam tas-sistema komuni Ewropea tal-kenn politiku.

6. L-azzjonijiet għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta’ persuni vulnerabbli bħalma huma t-tfal, tfal li ma jkunux akkumpanjati, persuni b’diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal żgħar, u persuni li jkunu ġew ittorturati, abbużati sesswalment jew li jkunu għaddew minn forom serji oħra ta’ vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Artikolu 4

Azzjonijiet ta' interess għall-Komunità

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 7 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond jistgħu jintużaw biex ikunu finanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha ("azzjonjijiet tal-Komunità") li jkollhom x'jaqsmu mal-politika għall-kenn politiku u ma' miżuri li jgħoddu għall-gruppi ta' mira msemmija fl-Artikolu 6.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar, l-azzjonijiet tal-Komunità għandhom b'mod speċjali:

   (a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Komunità u prattika tajba;

   (b) jappoġġjaw it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn l-entitajiet li jkunu jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar, li dawn ikunu tfasslu b'tali mod li jistimulaw l-innovazzjoni, iħaffu l-iskambju ta' esperjenzi u prattika tajba kif ukoll itejbu l-kwalità tal-politika tal-kenn politiku;

   (c) jappoġġjaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

   (d) jappoġġjaw studji, it-tixrid u l-bdil ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattika u l-aspetti l-oħra kollha tal-Fond, inkluż fuq l-użu ta' teknoloġija ta' livell għoli ħafna;

   (e) jappoġġjaw proġetti pilota u studji li jistħarrġu l-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja u ta' liġijiet tal-Komunità f'dan il-qasam;

   (f) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strumenti ta' statistika, metodi u indikaturi komuni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-azzjonijiet tal-Komunità għandu jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 5

Miżuri ta' emerġenza

1. F'każ li jkunu implimentati mekkaniżmi ta' protezzjoni temporanja fit-tifsira tad-Direttiva 2001/55/KE, il-Fond għandu jiffinanzja wkoll miżuri biex ikunu megħjuna l-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom ikunu separati mill-, u fi żjieda ma', l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

2. Il-miżuri ta' emerġenza li huma eliġibbli għandhom ikunu relatati mat-tipi ta' azzjoni li ġejjin:

   (a) l-ilqugħ u akkommodazzjoni;

   (b) l-għoti ta' mezzi ta' għixien, inkluż ikel u ħwejjeġ;

(c) l-għajnuna medika, psikoloġika u għajnuna oħra;

(d) l-ispejjeż ta' ħaddiema u amministrazzjoni marbuta ma' l-ilqugħ tal-persuni kkonċernati u l-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) l-ispejjeż ta' loġistika u trasport.

Artikolu 6

Il-Gruppi ta' mira

1. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-gruppi ta' mira għandu jkun fihom il-kategoriji li ġejjin:

(1) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollha status definit bil-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 li tittratta dwar l-Istat tar-Refuġjati, u bil-protokoll ta' l-1967 għal dan, liema persuna tkun awtorizzata tgħix bħala refuġjata f'wieħed mill-Istati Membri;

(2) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn protezzjoni sussidjarja fit-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE[23];

(3) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun applikat għal waħda mill-forom ta' protezzjoni deskritti fil-punti 1 u 2;

(4) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn protezzjoni temporanja fit-tifsira tad-Direttiva 2001/55/KE.

2. Ċittadin ta' pajjiż terz tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin ta' l-Unjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

KAPITOLU II
IL-PRINĊIPJI TA' L-GĦAJNUNA

Artikolu 7

Il-Komplementarjetà, il-konsistenza u l-konformità

1. Il-Fond għandu jipprovdi għajnuna li tkun tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, waqt li jintegraw fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-għajnuna mill-Fond u mill-Istati Membri tkun konsistenti mal-ħidmiet, il-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera l-aktar fil-programm multiannwali msemmi fl-Artikolu 19.

---

[23] ĠU L 304, it-30 ta' Settembru 2004, p. 12.

3. L-operazzjonijiet ffinanzjati mill-Fond għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħt dan.

Artikolu 8

Il-programm

1. L-għanijiet tal-Fond qed ikunu ssuktati fil-qafas ta' żewġ perjodi ta' programm multiannwali (2008-2010 u 2011-2013). Is-sistema ta' programmar multiannwali tinkludi l-prijoritajiet u l-proċess tat-tmexxija, it-teħid ta' deċiżjoni, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi annwali.

Artikolu 9

L-intervent sussidjarju u proporzjonali

1. L-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali u annwali msemmija fl-Artikoli 19 u 21 għandha ssir mill-Istati Membri fuq il-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali li tkun speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbilità għandha tkun eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. Il-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandhom ivarjaw skond il-qies tal-kontribuzzjoni tal-Komunità f'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet ta' verifika. Id-divrenzjar għandu jgħodd ukoll għad-dispożizzjonijiet fuq il-valutazzjoni u għar-rapporti fuq il-programmi multiannwali u annwali.

Artikolu 10

Il-Metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-baġit tal-Komunità allokat għall-Fond għandu jkun implimentat skond l-Artikolu 53 (1), il-punt (b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill, ħlief għall-Azzjonijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 4 u l-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 16.

   L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba.

2. Il-Kummissjoni għandha teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej billi:

   a) tivverifika l-eżistenza u t-tħaddim xieraq ta' sistemi ta' tmexxija u kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32;

   b) jinterrompu jew iwaqqfu l-pagamenti kollha jew partijiet minnhom skond l-Artikoli 41 u 42, jekk is-sistemi nazzjonali ta' tmexxija u kontroll jkunu naqsu

b'xi mod, u billi japplikaw kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 45 u 46.

Artikolu 11

L-Addizzjonalità

1. Il-kontribuzzjonijiet mill-Fond m'għandhomx jieħdu post infiq pubbliku jew ieħor ekwivalenti li jkun sar minn xi Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' kull Stat Membru, tivverifika nofs it-terminu ta' l-addizzjonalità sal-31 ta' Diċembru 2012 u dik *ex-post* sat-30 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 12

Is-Sħubija

1. L-Istat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika preżenti, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-entitajiet li dan ikun ħatar, jiġifieri:

   a) l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u oħrajn pubbliċi kompetenti;

   b) kwalunkwe entità xierqa oħra li tkun tirrappreżenta s-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi l-imsieħba soċjali.

   L-Istat Membru għandu jassigura l-involviment wiesa' u effettiv ta' l-entitajiet xierqa kollha, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali.

2. Is-sħubija għandha titmexxa f'konformità sħiħa mal-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħeb.

   Is-sħubija għandha tkopri t-tħejjija, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-programmi multiannwali.

KAPITOLU III
IL-QAFAS FINANZJARJU

Artikolu 13

Ir-riżorsi globali

1. L-ammont tar-referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Fond mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċmebru 2013 għandu jkun ta' 1.112,3 miljun Euro.

2. L-approprijazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel taqsim indikattiv annwali għal kull Stat Membru, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14.

Artikolu 14

Id-Distribuzzjoni annwali tar-riżorsi għall-azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' 300,000 Euro mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

   Dan l-ammont għandu jkun ta' 500,000 Euro fis-sena għall-perjodu 2008-2013 għal dawk l-istati li jkunu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

   Dan l-ammont għandu jkun ta' 500,000 Euro fis-sena għall-Istati Membri li jkunu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fil-perjodu 2008 – 2013; dan għandu jkun hekk għall-perjodu 2008 - 2013 mis-sena ta' wara s-sħubija tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżorsi annwali disponibbli għandhom jinqasmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

   (a) 30 % fi proporzjon għan-numru ta' persuni li jkunu ddaħħlu f'waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikoli 6 (1) u (2) matul it-tliet snin ta' qabel*;*

   (b) 70 % fi proporzjon għan-numru ta' persuni msemmija fl-Artikolu 6 (3) u (4) u li kienu ġew reġistrati matul it-tliet snin ta' qabel.

3. Il-figuri ta' referenza għandhom ikunu l-aktar statistika reċenti maħruġa mill-Uffiċċju Statistiku tal-Komunitajiet Ewropej skond il-liġi tal-Komunità fuq il-ġbir u l-analiżi tad-data relatata mal-kenn politiku.

4. Fejn l-istatistika msemmija fil-paragrafu 3 ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-figuri meħtieġa.

Artikolu 15

L-Istruttura ta' l-iffinanzjar

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandu tieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-approprijazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għan-nefqa pubblika jew dik ekwivalenti li tkun ġiet allokata mill-Istati Membri għall-miżuri koperti b'din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti appoġġjati, fejn għandhom x'jaqsmu l-azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3, m'għandhiex tkun iktar minn 50 % tan-nefqa totali ta' azzjoni speċifika.

   Din tista' tiżdied sa 60 % għal dawk il-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji ta' gwida multiannwali tal-Kummissjoni kif definit fl-Artikolu 18.

Din għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Bħala regola ġenerali, l-għanjnua finanzjarja tal-Komunità mogħtija għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond, għandha tingħata għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin, suġġett għar-rapporti perjodiċi tal-progress.

Artikolu 16

L-Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva ta' u/jew f'isem il-Kummissjoni, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, is-sorveljanza, miżuri amministrattivi u ta' appoġġ tekniku, kif ukoll miżuri ta' valutazzjoni, verifika u spezzjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fil-limiti ta' 0.20% ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond.

2. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinkludu:

   (a) studji, valutazzjonijiet, rapporti ta' l-esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar l-operat tal-Fond;

   (b) miżuri maħsuba għall-imsieħba, il-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Fond u għall-pubbliku ġenerali, l-aktar miżuri ta' informazzjoni;

   (c) l-istallazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għat-tmexxija, is-sorveljanza, l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;

   (d) titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-bdil ta' informazzjoni fuq prattika f'dan il-qasam.

Artikolu 17

L-Għajnuna teknika ta' l-Istati Membri

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, tnexxija, sorveljanza, valutazzjoni, informazzjoni u ta' kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-ħila amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont annwali li jitwarrab għall-għajnuna teknika m'għandux ikun iżjed minn 4 % ta' l-ammont totali annwali ta' l-iffinanzjar konġunt allokat għall-Istati Membru, u 30 000 Euro.

KAPITOLU IV

IL-PROGRAMM

Artikolu 18

L-Adozzjoni tal-linji ta' gwida strateġiċi

1. Għal kull perjodu ta' programmazzjoni multiannwali, il-Kummissjoni għandha tadotta linji ta' gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-politika dwar il-kenn politiku kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perjodu kkonċernat.

2. Għal kull wieħed mill-għanijiet tal-Fond, dawk il-linji ta' gwida għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità biex imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Kenn Politiku.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji ta' gwida strateġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ewwel perjodu ta' programm multiannwali (2008-2010), u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010 din għandha tadotta dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tieni perjodu ta' programmar multiannwali (2011-2013).

4. L-linji ta' gwida strateġiċi għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 19

It-Tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali

1. Kull Stat Membru għandu, għal kull fażi tal-programm u fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 18, jipproponi abbozz ta' programm multiannwali li għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti fl-Istat Membru dwar l-arranġamenti għall-ilqugħ, il-proċeduri tal-kenn politiku, l-integrazzjoni u r-ripatrijazzjoni volontarja tal-persuni koperti bl-Artikolu 6;

   (b) analiżi dwar il-kriterji fl-Istat Membru in kwistjoni f'termini ta' ilqugħ, proċeduri ta' kenn politiku, l-integrazzjoni u r-ripatrijazzjoni volontarja u indikazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-operat maħsuba biex jilqgħu għal dawn il-kriterji matul il-perjodu kopert mill-programm multiannwali;

   (c) preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex ikunu implimentati dawn il-prijoritajiet;

   (d) indikazzjoni dwar jekk din l-istrateġija tkunx waħda kumpatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali jew oħrajn tal-Komunità;

(e) informazzjoni fuq il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom ikunu kwantifikati billi jintuża numru limitat ta' indikaturi għall-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt, waqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jagħmluha possibbli biex jitkejjel il-progress fejn għandhom x'jaqsmu s-sitwazzjoni tal-linja ta' bażi u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) abbozz ta' pjan ta' ffinanzjar li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull sena, il-kontribuzzjoni proposta tal-Fond u l-ammont ġenerali tal-iffinanzjar konġunt pubbliku jew privat;

(g) l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-programm multiannwali, inklużi:

- il-ħatra mill-Istat Membru ta' l-entitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 25;
- deskrizzjoni tas-sistemi ta' implimentazzjoni, sorveljanza, kontroll u valutazzjoni;
- definizzjoni tal-proċeduri għall-mobilizzazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' fondi biex tkun żgurata t-trasparenza tagħhom;
- id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex ikun żgurat li l-programm multiannwali jkun pubbliċizzat;

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kull programm multiannwali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 12.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozz tal-programm multiannwali tagħhom sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji ta' gwida strateġiċi għall-perjodu in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-programm multiannwali propost fid-dawl ta':

(a) il-konsistenza tiegħu ma' l-għanijiet tal-Fond u l-linji ta' gwida strateġiċi definiti fl-Artikolu 18,

(b) ir-relevanza, il-konvenjenza u r-riżultati mistennija ta' l-istrateġija u t-temi ta' prijorità ta' l-operat proposti mill-Istat Membru;

(c) il-konformità ma' l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' dan mal-liġi tal-Komunità u l-aktar mal-liġi tal-Komunità li jkollha l-għan li tassigura l-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli ta' fuq il-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li programm multiannwali ma jkunx konsistenti mal-linji ta' gwida strateġiċi jew ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li

tistabbilixxi l-arranġamenti tat-tmexxija u s-sistemi ta' kontroll, din għandha titlob lill-Istat Membru biex jirrevedi l-programm propost kif xieraq.

6. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm multiannwali fi żmien erba' xhur wara s-sottomissjoni formali ta' dan, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 20

Ir-Reviżjoni tal-programmi multiannwali

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru jew il-Kummissjoni, il-programm multiannwali għandu jkun mistħarreġ mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perjodu ta' programmar biex jagħti attenzjoni akbar jew differenti lejn il-prijoritajiet tal-Komunità, l-aktar fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-programmi multiannwali jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fid-dawl tal-valutazzjonijiet u/jew wara xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova r-reviżjoni tal-programm multiannwali kemm jista' jkun malajr wara s-sottomissjoni formali ta' talba mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 21

Il-Programmi annwali

1. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, bi stima ta' l-ammonti li għandhom ikunu allokati lilhom għas-sena ta' wara mill-approprijazzjonijiet totali taħt il-proċedura tal-baġit annwali, ikklakulati kif hemm spjegat fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm multiannwali li jkun jinkludi:

   (a) ir-regoli ġenerali għall-għażla ta' proġetti li għandhom ikunu finanzjati taħt il-programm annwali;

   (b) deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom isiru mill-awtorità responsabbli meta jiġi implimentat il-programm annwali;

   (c) it-taqsim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex tkun koperta l-għajnuna teknika u amministrattiva taħt l-Artikolu 17 biex ikun implimentat il-programm annwali.

4. Meta teżamina l-proposta ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprijazzjonijiet allokati għll-Fond taħt il-proċedura tal-baġit u

għandha tieħu deċiżjoni fuq il-iffinanzjar konġunt mill-Fond sa mhux aktar tard mill-1ta' Marzu tas-sena in kwistjoni. Id-deċiżjoni għandha turi l-ammont allokat għall-Istat Membru u l-perjodu li għalih in-nefqa hija eliġibbli.

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet speċjali dwar il-miżuri ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni dwar il-kriterji u bi pjan ta' implimentazzjoni għall-miżuri ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 5, inkluża deskrizzjoni tal-miżuri mfassla u l-entitajiet reponsabbli biex jimplimentaw dawn.

2. L-għajnuna finanzjarja mill-Fond għall-miżuri ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 5 għandha tkun limitata għal perjodu ta' sitt xhur u m'għandhiex tkun iżjed minn 80 % tan-nefqa ta' kull miżura.

3. Ir-riżorsi disponibbli għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tan-numru ta' persuni li jkunu qed igawdu minn protezzjoni temporanja f'kull Stat Membru, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 9(1).

KAPITOLU V
IS-SISTEMI TAT-TMEXXIJA U L-KONTROLL

Artikolu 23

L-Implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni skond kif ikun meħtieġ.

Artikolu 24

Il-Prinċipji Ġenerali fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

Is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programmi ta' l-operat stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu għal:

(a) definizzjoni ċara tal-funzjonijiet ta' l-entitajiet u/jew tad-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni u l-kontroll u allokazzjoni ċara tal-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(b) separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn l-entitajiet u/jew id-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u l-kontroll, u bejn dawk il-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(c) riżorsi xierqa għal kull entità jew dipartiment biex jitwettqu l-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lil dawn matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati mill-Fond;

(d) arranġamenti ta' kontroll intern effettiv ta' l-awtorità responsabbli u ta' kwalunkwe awtorità li tkun ġiet delegata;

(e) sistemi kredibbli ta' kontabilità, sorveljanza u rapportar finanzjarju, f'forma kompjuetrizzata;

(f) sistema effettiva ta' rapportar u sorveljanza fejn it-turija tal-ħidmiet tkun ġiet delegata;

(g) manwali dettaljati tal-proċedura fejn għandhom x'jaqsmu l-funzjonijiet li jridu jitwettqu;

(h) arranġamenti effettivi għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) sistemi u proċeduri biex ikun assigurat rekord ta' verifika suffiċjenti;

(j) proċeduri li jikkonċernaw ir-rapportar u s-sorveljanza ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti ta' flus li ma jkunux tħallsu kif suppost.

Artikolu 25

Il-Ħatra ta' l-awtoritajiet

1. Għal kull programm multiannwali, l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: entità funzjonali ta' l-Istat Membru jew awtorità pubblika nazzjonali jew entità maħtura mill-Istat Membru, li tkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' programmi multiannwali u annwali appoġġjati mill-Fond. Din għandha tittratta l-komunikazzjonijiet kollha li hija jkollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità li tiċċertifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha din tkun indipendenti minn kwalunkwe dipartiment li jawtorizza ta' l-awtorità responsabbli, u li tinħatar mill-Istat Membru biex tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-applikazzjonijiet għall-ħlas qabel ma dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(c) awtorità tal-verifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha tkun indipendenti minn kull dipartiment ta' l-awtorità responsabbli, li tkun maħtura mill-Istat Membru, u li tkun responsabbli biex tivverifika l-operat tajjeb tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll;

(d) awtorità delegata;

(e) entità ta' valutazzjoni tal-konformità li għandha tinħatar fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-awtorità tal-verifika maħtura bħala l-entità tal-

valutazzjoni tal-konformità, fejn din ikollha l-ħila meħtieġa u l-indipendenza ta' l-operat. Din għandha twettaq ix-xogħol tagħha skond standards internazzjonali ta' verifika.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli li jikkontrollaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' dawk l-awtoritajiet u entitajiet u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Suġġett għall-Artikolu 24 (b), il-funzjonijiet tal-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu mill-istess entità jew dipartiment.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 sa 30 għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 26

L-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità reponsabbli tista' tkun entità ta' l-Istat Membru stess, awtorità pubblika nazzjonali, kif ukoll entità kkontrollata bil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li jkollha missjoni ta' servizz pubbliku. Fejn l-Istat Membru jaħtar awtorità responsabbli għajr lilu nnifsu, dan għandu jistabbilixxi l-arranġamenti kollha li jkunu jikkontrollaw ir-relazzjonijet tiegħu ma' din l-awtorità kif ukoll r-relazzjonijiet ta' din ta' l-aħħar mal-Kummissjoni.

2. L-awtorità responsabbli għandha tilħaq dawn il-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Din għandha:

   (a) ikollha personalità legali, ħlief fejn din tkun entità funzjonali ta' l-Istat Membru;

   (b) ikollha l-infrastruttura meħtieġa biex titwassal malajr kull komunikazzjoni għand sensiela kbira ta' utenti u għand l-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħra jew għand il-Kummissjoni;

   (c) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jipperemtti li jitwettqu l-ħidmiet tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

   (d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli tat-tmexxija tal-fond tal-Komunità;

   (e) ikollha ħiliet finanzjarji u ta' tmexxija li jkunu fi proporzjon għall-volum tal-fondi tal-Komunità li din ikollha tamministra;

   (f) ikollha għad-dispożizzjoni tagħha ħaddiema bi kwalifiki professjonali xierqa u ħiliet lingwistiċi għax-xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

3. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-fondi meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-ħidmiet tagħha kif xieraq u mingħajr waqfien matul il-perjodu kollu 2008-2013.

Artikolu 27

Ix-Xogħol ta' l-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva u korretta tal-programm multiannwali.

   Din għandha b'mod speċjali:

   (a) tikkonsulta lill-imsieħba relevanti (organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, imsieħba soċjali eċċ.) permezz tal-mekkaniżmi tas-sħubija stabbiliti fl-Artikolu 12;

   (b) tissottometti lill-Kummissjoni l-proposti għal programmi multiannwali u annwali definiti fl-Artikoli 19 u 21;

   (c) torganizza u tippubblika sejħat għall-offerti u proposti;

   (d) torganizza proċeduri ta' għażla u aġġudikazzjoni għall-iffinanzjar konġunt tal-Fond skond il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament l-istess u n-non-kombinazzjoni ta' għotjiet;

   (e) tirċievi pagamenti li jkunu saru mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji;

   (f) tassigura konsistenza u komplementarjetà bejn il-iffinanzjar konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji relevanti oħra;

   (g) tivverifika t-twassil u t-twettiq tal-prodotti u s-servizzi ko-finanzjati u li n-nefqa dikjarata għall-azzjonijiet tkun saret verament u tkun konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

   (h) tassigura li jkun hemm sistema li tkun tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata rekords dettaljati ta' kontabilità għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali, u li d-data fuq l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għat-tmexxija, is-sorveljanza, il-kontroll u l-valutazzjoni finanzjarja tkun tabilħaqq inġabret;

   (i) tassigura li l-benefiċjarji u l-entitajiet l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond ikunu qed iżommu jew sistema separata ta' kontabilità jew kodiċi xieraq ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha li jkunu relatati ma' l-operat;

   (j) tassigura li l-valutazzjonijiet tal-programmi multiannwali msemmija fl-Artikolu 49 ikunu qed isiru fil-limiti taż-żmien stabbilit f'din id-Deċiżjoni u jkunu laħqu standards ta' kwalità li dwarhom ikun ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

   (k) tistabbilixxi proċeduri li jassiguraw li d-dokumenti kollha dwar in-nefqa u l-verifika meħtieġa, biex ikun assigurat rekord xieraq ta' verifika, ikunu qed jinżammu skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 43;

(l) tassigura li l-awtorità tal-verifika tirċievi, biex jitwettqu l-verifiki definiti fl-Artikolu 30(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri tat-tmexxija li jkunu qed jitħaddmu u dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Fond;

(m) tassigura li l-awtorità li tiċċertifika tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn tidħol in-nefqa għall-għan ta' ċertifikazzjoni;

(n) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti, prospetti tan-nefqa li jkunu ġew iċċertifikati mill-awtorità li tiċċertifika, kif ukoll l-applikazzjonijiet għall-pagamenti;

(o) twettaq ħidmiet ta' għoti ta' informazzjoni u pariri u xxerred ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġjati;

(p) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fi Stati Membri oħra.

2. Il-ħidmiet tat-tmexxija ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 28

Id-Delega ta' ħidmiet mill-Awtorità Responsabbli

1. Fejn il-ħidmiet kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, ikunu ġew delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi b'mod preċiż l-iskop tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26.

2. Dawn il-proċeduri jridu jipprovdu lill-awtorità responsabbli b'informazzjoni regolari fuq it-turija effettiva tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati u deskrizzjoni dwar il-mezzi li jkunu ntużaw.

Artikolu 29

L-Awtorità li Tiċċertifika

1. L-awtorità li tiċċertifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tiċċertifika li:

– il-prospett tan-nefqa jkun korrett, ikun ġej minn sistemi kredibbli ta' kontabilità u li dan ikun ibbażat fuq dokumenti ta' appoġġ li jkunu jistgħu jiġu verifikati,

– in-nefqa dikjarata tkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li din tkun saret għall-azzjonijiet magħżula skond il-kriterji

applikabbli tal-programm u li jkunu konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(b) tassigura għall-għanijiet taċ-ċertfikazzjoni li hi tkun irċeviet informazzjoni xierqa mill-Awtorità Responsabbli fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn tidħol in-nefqa inkluża fil-prospetti tan-nefqa;

(c) tqis għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni r-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu saru minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika;

(d) iżżomm rekords ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata tan-nefqa dikjarata lill-Kummissjoni;

(e) tassigura l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjar tal-Komunità li ma jkunx sar kif suppost minħabba xi irregolaritajiet li jkunu nstabu, flimkien ma' l-interessi fejn ikun xieraq, waqt li żżomm rekord ta' l-ammonti li jkunu ġew irkuprati u tħallas lura dawn l-ammonti lill-Kummissjoni; fejn ikun possibbli din għandha tnaqqashom mill-propsett tan-nefqa li jkun imiss.

2. Il-ħidmiet ta' l-awtorità li tiċċertifika fejn jidħlu l-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 25, ikunu rispettati.

Artikolu 30

L-Awtorità tal-Verifika

1. L-awtorità tal-verifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tassigura li l-verifiki li jkunu saru skond standards internazzjonali ta' verifika biex ikun verifikat l-operat effettiv tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm multiannwali;

(b) tassigura li jsiru l-verifiki fuq l-azzjonijiet fuq il-bażi ta' kampjun xieraq biex din tkun tista' tivverifika n-nefqa dikjarata; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għal kull programm annwali;

(c) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm multiannwali, strateġija ta' verifika li tkun tkopri l-entitajiet li se jagħmlu l-verifiki msemmija taħt il-punti (a) u (b), il-metodu li se jintuża, il-metodu ta' kif jittieħed il-kampjun għall-verifiki fuq l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond, u l-ippjanar indikattiv tal-verifiki biex ikun assigurat li l-benefiċjarji ewlenin ta' l-iffinanzjar konġunt mill-Fond ikunu ġew verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxa b'mod bilanċjat matul il-perjodu kollu ta' l-ipprogrammar.

2. Fejn l-awtorità tal-verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità tal-verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet….., …… u …… [24], jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija kombinata waħda taħt il-paragrafu 1 il-punt (c).

3. L-awtorità tal-verifika għandha tagħmel abbozz ta' rapport finali fuq l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali kif definit fl-Artikolu 50(2), li għandu jinkludi:

   (a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu saru skond l-istrateġija tal-verifika tal-programm annwali, fejn għandhom jiġu rappurtati kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu nstabu fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm.

   (b) opinjoni dwar jekk is-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tkunx ħadmet b'mod effettiv biex tingħata assikurazzjoni raġonevoli fuq il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni u dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jsiru rigward din in-nefqa.

   (c) dikjarazzjoni li tistħarreġ il-validità ta' l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jkunu saru rigward dan u li jkunu koperti bil-prospett finali tan-nefqa.

4. Fejn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 isiru minn entità għajr l-awtorità tal-verifika, l-awtorità tal-verifika għandha tassigura li dawn l-entitajiet ikollhom l-awtonomija ta' l-operat meħtieġa u li x-xogħol isir skond standards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-ħidmiet ta' l-awtorità tal-verifika jew ta' l-entità msemmija fil-paragrafu 4 li jkollhom x'jaqsmu mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jkunu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritti fl-Artikolu 25, ikunu rispettati.

KAPITOLU VI
IL-KONTROLLI

Artikolu 31

Ir-Responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-programmi multiannwali u annwali kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet kollha li jsiru rigward dawn.

2. Huma għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kull awtorità delegata, l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, l-awtoritajiet tal-verifika u kwalunkwe entitajiet oħra

[24] Daħħal ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-Fond għar-Ripatrijazzjoni, il-Fond għat-Territorji ta' Barra u l-Fond għall-Integrazzjoni

kkonċernati jirċievu gwida xierqa biex jitwaqqfu s-sistemi ta' tmexxija u kontroll msemmija fl-Artikoli 24 sa 30. Dan biex ikun assigurat li l-iffinanzjar tal-Komunità jintuża b'mod effiċjenti u tajjeb.

3. L-Istati Membri għandhom jevitaw, ifittxu u jikkoreġu kull irregolarità. Dawn għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni mgħarrfa dwar il-progress li jkun sar fil-proċeduri amministrattivi u legali.

Meta jkun hemm ammonti li jkunu tħallsu lil benefiċjarji mhux kif suppost u dawn ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru jrid iħallas lura dawk l-ammonti mitlufa lill-estimi tal-Komunitajiet Ewropej.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-verifika jkunu implimentati b'tali mod li jkunu jiggarantixxu li l-fondi tal-Komunità jintużaw kif xieraq u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummussjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni għall-ġbir ta' l-istatistika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 14.

6. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 32

Is-Sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

1. Qabel l-adozzjoni ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll għall-programmi ta' l-operat jkunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 24 sa 30. Dawn għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li s-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu kollu tal-programm.

2. Flimkien mas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll deskrizzjoni dwar l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, u dwar is-sistemi ta' verifiki interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawn l-awtoritajiet u entitajiet, fl-awtorità tal-verifika, u fi kwalunkwe entità oħra li tkun qed tagħmel tal-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport stabbilit mill-entità tal-valutazzjoni tal-konformità. Dan għandu jipprovdi r-riżultati tal-valutazzjoni dwar is-sistemi, waqt li jagħti opinjoni fuq il-konformità ta' dawn ma' l-Artikoli 24 sa 30. F'każ li l-opinjoni jkollha xi riżervi, ir-rapport għandu juri n-nuqqasijiet u l-gravità tagħhom. L-Istati Membri għandhom ifasslu, bi ftehim mal-Kummissjoni, pjan li jistabbilixxi l-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu u l-orarju għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 33

Ir-Responsabbilitajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nfisha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31, li l-Istati Membri jkunu waqqfu sistemi ta' tmexxija u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 24 sa 30, u, fuq il-bażi tar-rapporti tal-verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jkunu qed jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jkunu saru mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, li dawn jistgħu jinkludu verifiki fuq l-azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali; biex isiru dawn il-verifiki għandu jingħata avviż ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim tajjeb tas-sistemi jew il-korrettezza ta' waħda minn transazzjonijiet jew iktar. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li jkunu ngħataw l-informazzjoni, il-pubbliċità u l-issuktar xierqa għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 34

Il-Kooperazzjoni ma' l-entitajiet tal-kontroll ta' l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet tal-verifika tal-programmi multiannwali biex jikkoordinaw il-pjani ta' kontroll u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom. Hija għandha tagħmel minnufih bdil tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll biex tkun tista' tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tal-kontroll u biex ikun evitat irduppjar ta' xogħol mhux ġustifikat.

   Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha fuq l-istrateġija tal-verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 30 sa mhux aktar tard minn tliet xhur jew fl-ewwel laqgħa wara li din tkun irċevietha.

2. Biex tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi multiannwali li

   (a) jkunu konformi mas-sistema stabbilita taħt l-Artikolu 31 mingħajr riżervi jew li għalihom ir-riżervi jkunu tneħħew wara li jkunu ttieħdu miżuri korrettivi; u

(b) għalihom l-istrateġija tal-verifika ta' l-awtorità tal-verifika taħt l-Artikolu 29 tkun tajba u fejn tkun inkisbet assikurazzjoni raġonevoli li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru mill-Kummissjoni u l-Istat Membru.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Istati Membri kkonċernati li din tkun se tistrieħ l-aktar fuq l-opinjoni ta' l-awtorità tal-verifika fejn jidħlu l-korrettezza, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa dikjarata, u li din tkun se tagħmel verifiki fuq il-post f'każijiet eċċezzjonali biss.

KAPITOLU VII
IT-TMEXXIJA FINANZJARJA

Artikolu 35

L-Eliġibbilità – id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha tan-nefqa għandhom jinkludu l-ammont tan-nefqa li jkun sar mill-benefiċjarji biex jimplimentaw l-azzjonijiet kif ukoll il-kontribuzzjoni li tikkorrispondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. In-nefqa għandha tkun tikkorrispondi għall-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarji. Din għandha tkun ġustifikata b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità li jkunu jixhdu għal din in-nefqa.

3. In-nefqa tista' tiqies eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond biss jekk din tkun tħallest fil-fatt mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-iffinanzjar konġunt muri fl-Artikolu 21(4). L-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma jridux ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

4. In-nefqa li ġejja m'għandhiex tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fond:

   – il-VAT;

   – imgħax fuq id-dejn;

   – ix-xiri ta' art għal ammont li jkun iżjed minn 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għall-operat ikkonċernat;

   – akkommodazzjoni.

5. Ir-regoli li jikkontrollaw l-eliġibbilità tan-nefqa fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati li jkunu ffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 36

Is-Sħuħija tal-ħlas lill-benefiċjarji

L-Istati Membri għandhom ikunu sodisatti li l-awtorità responsabbli tassigura li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi kemm jista' jkun malajr u b'mod sħiħ. L-ebda ammonti m'għandhom jitnaqqsu jew jinżammu, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tista' tnaqqas dawn l-ammonti lill-benefiċjarji.

Artikolu 37

L-Użu ta' l-Euro

L-ammonti kollha msemmija fid-deċiżjonijiet tal-finanzjament, ir-rabtiet tal-Kummissjoni u l-pagamenti, kif ukoll l-ammonti tan-nefqa ċċertifikata u t-talbiet għall-ħlas mill-Istati Membri għandhom ikunu espressi u mħallsa f'Euro.

Artikolu 38

Ir-Rabtiet

Ir-rabtiet tal-baġit tal-Komunità għandhom isiru ta' kull sena fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt imsemmi fl-Artikolu 21(4).

Artikolu 39

Il-Pagamenti - Finanzjament minn qabel

1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni bħala kontribuzzjoni mill-Fondi għandhom isiru skond ir-rabtiet tal-baġit.

2. Il-pagamenti għandu jkollhom il-forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Dawn għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. Pagament ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni annwali tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond, għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt.

4. It-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat ir-rapport tal-progress fuq l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjrazzjoni ċċertifikata tan-nefqa li tkun saret skond l-Artikoli 29, il-punt a) u 35; dan għandu jammonta għal mill-inqas 70 % ta' l-ammont tal-pagament tal-bidu. L-ammont tat-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel li jkun sar mill-Kummissjoni m'għandux ikun iktar minn 50 % ta' l-ammont totali allokat bid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt jew, fi kwalunkwe eventwalità, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi tal-Komunità li l-Istat Membru jkun intrabat bihom għal proġetti magħżula taħt il-programm annwali, bit-tnaqqis ta' l-ewwel pagament ta' finanzjament minn qabel.

5. L-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' finanzjament minn qabel għandhom ikunu assenjati għall-programm ikkonċernat u għandhom jitnaqqsu mill-ammont tan-nefqa pubblika ddikjarata fil-prospett finali tan-nefqa.

6. L-ammonti mħallsa bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

Artikolu 40

Il-Pagamenti tal-bilanċ

1 Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm din tkun irċeviet d-dokumenti li ġejjin fi żmien disa' xhur mid-data tat-tmiem ta' l-eliġibbilità ta' l-ispejjeż definiti fid-deċiżjoni annwali fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond:

(a) id-dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż li tkun saret kif xieraq skond l-Artikoli 29, il-punt a) u 35;

(b) ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni għall-programm annnwali, inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 51;

(c) ir-rapport tal-verifika, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3);

il-ħlas tal-bilanċ huwa suġġett għall-approvazzjoni tar-rapport finali ta' l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-validità għat-talba biex jitħallas il-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data stabbilita u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tikkanċella kwalunkwe parti mir-rabta tal-baġit tal-programm annwali li tikkorrispondi li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura tal-kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti kkonċernati, fejn il-proċeduri legali jew appell amminstrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom fis-seħħ fuq livell ta' Stat Membru fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dokumenti definiti fil-paragrafu 1. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie sottomess, għandu jagħti informazzjoni dettaljata fuq dawn il-proġetti, u jibgħat ir-rapporti fuq il-progress li jkun sar fuq dawn il-proġetti kull 6 xhur. Fi żmien 3 xhur mill-konklużjoni tal-proċeduri legali jew il-proċedura ta' l-appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perjodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwaqqaf jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tkun tissospendi l-pagamenti ta' l-iffinanzjar konġunt għall-programm annwali relevanti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41. Il-perjodu għandu jibda għal darb'oħra mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 42(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41, il-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur minn mindu din tkun irċeviet id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont tan-nefqa li għandu jinġarr

mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġejjin mid-differenza bejn in-nefqa dikjarata u n-nefqa li tinġarr mill-baġit. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur minn mindu tkun irċeviet il-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tan-nefqa li jkun a karigu tal-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn in-nefqa finali magħrufa u s-somom li jkunu tħallsu diġà lill-Istati Membri.

7. Suġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din tkun aċċettat id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 fuq. Il-bilanċ tar-rabta tal-baġit għandu jkun rilaxxjat fi żmien sitt xhur wara li jkun sar il-pagament.

Artikolu 41

L-Interruzzjoni

1. L-għeluq iż-żmien tal-pagament għandu jkun interrott, mill-uffiċjal li jawtorizza b'delega fit-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, għal perjodu massimu ta' sitt xhur, jekk ikun hemm dubji dwar it-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll jew jekk l-uffiċjali li jawtorizza ikun jeħtieġ aktar tagħrif mill-awtoritajiet nazzjonali fil-proċess tas-sorveljanza ta' l-osservazzjonijiet li jkunu saru taħt ir-reviżjoni annwali, jew jekk dan ikollu suspetti li jkun hemm irregolaritajiet serji, misjuba jew preżunti, fin-nefqa dikjarata.

2. Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-awtorità responsabbli dwar ir-raġunijiet għal din l-interruzzjoni. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

3. Il-perjodu massimu ta' sitt xhur għandu jiżdied għal perjodu massimu ieħor ta' sitt xhur jekk ikun hemm verament il-ħtieġa li tkun adottata deċiżjoni skond l-Artikoli 41 u 44.

Artikolu 42

Is-Sospensjoni

1. Il-pagamenti kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jkunu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm li jaffettwa l-kredibilità tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-pagamenti u li għal dawn ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

   (b) in-nefqa fi propsett iċċertifikat ta' nefqa tkun marbuta ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet korretta; jew

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 31 u 32.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex dan jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perjodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex titneħħa din is-sospensjoni.

4. Jekk il-miżuri meħtieġa ma jkunux ittieħdu mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tnaqqas l-ammont nett jew li tħassar il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm annwali skond l-Artikolu 46.

Artikolu 43

Iż-Żamma tad-dokumenti

F'kull Stat Membru l-awtorità responsabbli għandha tassigura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa u l-verifiki fuq il-programm annwali kkonċernat jibqgħu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri.

Id-dokumenti għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara t-tmiem tal-programm annwali, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkontrollaw l-għajnuna ta' l-Istat. Dan il-perjodu għandu jkun interrott jew f'każ ta' proċeduri legali jew fuq it-talba tal-Kummissjoni waqt li tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

Id-dokumenti għandhom jinżammu jew fil-forma oriġinali tagħhom jew inkella f'verżjonijiet iċċertifikati bħala konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' ħażna ta' data aċċettati b'mod ġenerali.

KAPITOLU VIII
IL-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 44

Il-Korrezzjonijiet finanzjarji stabbiliti mill-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni biex din timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli biex jistħarrġu kull irregolarità. Dawn għandhom jaġixxu fuq l-evidenza ta' kwalunkwe bidla kbira li tkun taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' l-għajnuna. Dawn għandhom jagħmlu wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji fejn għandhom x'jaqsmu irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali. Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fl-irkupru tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali li huma jibagħtu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 50(2) lista ta' proċeduri ta' skanċellatura li jkunu nbdew għall-programm annwali kkonċernat.

Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha, u, fejn l-ammont ma jkunx tħallas lura fiż-żmien previst mill-Istat Membru relevanti, għandhom jitħallsu interessi kontumaċji bir-rata pprovduta fl-Artikolu 47(2).

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistematiċi, l-Istat Membru għandu jestendi l-istħarriġ tiegħu biex ikopri l-operat kollu li jista' jiġi affettwat.

Artikolu 45

Il-Verifiki tal-kontijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-verifiki li jkunu twettqu mill-Istati Membri skond il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki tal-kampjun, fuq l-operazzjonijiet finanzjati mill-Fond u fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan għandu jingħata avviż b'ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat biex tikseb l-għajnuna kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew il-ħaddiema ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex iwettaq verifika fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew aktar. L-uffiċjali jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31, din għandha tissospendi l-pagament tal-finanzjament minn qabel jew dak finali skond l-Artikolu 42.

Artikolu 46

Il-Kriterji għall-korrezzjonijiet

1. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel il-korrezzjonijiet fil-perjodu stabbiliti kif imfisser fl-Artikolu 42(4) u jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fi żmien tliet xhur li tikkanċella l-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità, jew parti minnha, għall-programm annwali meta din tikkonkludi li:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm u li dan ikun poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Komunità li tkun tħallset diġà għall-programm;

(b) in-nefqa li tkun tidher fi propsett ta' nefqa ċċertifikat tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu; u

(c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31 qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun qieset kwalunkwe kummenti li jkunu saru mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità li tkun ġiet identifikata, waqt li tqis in-natura sistematika ta' l-irregolarità biex tistabbilixxi jekk għandhiex tkun applikata korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkollu x'jaqsam ma' prospett ta' nefqa li għalih tkun ingħatat assikurazzjoni pożittiva skond l-Artikolu 30(3), il-punt b) f'rapport annwali, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur biex jirribatti din il-preżunzjoni.

3. Il-Kummissjoni, meta din tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni, għandha tqis l-importanza ta' l-irregolarità kif ukoll il-limitu u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm ta' l-operat ikkonċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, din għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha stess dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 32, ir-rapporti ta' l-irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġibiet li jkunu saru mill-Istat Membru.

Artikolu 47

Il-Ħlas lura

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-Kummissjoni għandu jkun effettwat qabel id-data murija fl-ordni għall-irkupru li tkun saret skond l-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[25]. Din id-data għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar ta' wara l-pubblikazzjoni ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien biex isir il-ħlas lura għandu jwassal biex ikun impost imgħax minħabba ħlas li jkun sar tard; dan l-imgħax għandu jibda jgħodd mid-data li sa dakinhar kellu jsir il-ħlas u jintemm fid-data ta' meta jsir il-ħlas proprju. Ir-rata ta' dan l-imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operat ewlieni tiegħu ta' finanzjar mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun taħbat id-data, u li mbagħad tiżdied bi tliet punti perċentwali u nofs.

[25] ĠU L 248, is-16 ta' Settembru 2002

Artikolu 48

L-Obbligi ta' l-Istati Membri

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 46.

KAPITOLU IX
IS-SORVELJANZA, IL-VALUTAZZJONI U R-RAPPORTI

Artikolu 49

Is-Sorveljanza u l-valutazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja il-Fond fuq bażi regolari flimkien ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jkun valutat regolarment mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri biex tkun valutata r-relevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-għan ġenerali msemmi fl-Artikolu 2.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk issuktati taħt politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 50

Ir-Rapporti

1. F'kull Stat Membru l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tassigura s-sorveljanza jew il-valutazzjoni tal-proġett.

   Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu ħalli jkunu sottomessi rapporti regolari u dettaljati fuq l-istat tal-progress ta' l-implimentazzjoni u t-tkomplija ta' l-għanijiet assenjati.

2. F'mhux iktar minn disa' xhur wara għeluq iż-żmien ta' l-eliġibbiltà għan-nefqa stabbilit fid-deċiżjoni ta' iffinanzjar konġunt għal kull programm annwali, l-awtorità responsabbli għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapport finali ta' l-implimentazzjoni u dikjarazzjoni finali tan-nefqa kif hemm imsemmi fl-Artikolu 35.

3. L-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012 għall-perjodu 2008-2010 u t-30 ta' Ġunju 2015 għall-perjodu 2011-2013 rispettivament, rapport ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, sa mhux aktar tard mill-31

ta' Diċembru 2012 għall-perjodu 2008-2010 u sal-31 ta' Diċembru 2015 għall-perjodu 2011-2013 rispettivament, rapport ta' valutazzjoni *ex post*.

Artikolu 51

Ir-Rapport annwali finali

1. Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 50(2) għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja biex tinkiseb stampa ċara dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali u multiannwali:

   (a) l-implimentazzjoni finanzjarja u ta' l-operat tal-programm annwali;

   (b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm multiannwali u l-prijoritajiet fejn jidħlu l-miri speċifiċi u verifikabbli tagħhom, bi kwantifikazzjoni, kulfejn u kulmeta dawn iwasslu lilhom infushom għall-kwantifikazzjoni, ta' l-indikaturi fiżiċi u dawk ta' l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt għall-prijorità;

   (c) il-miżuri meħuda mill-Awtorità Responsabbli biex tassigura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, l-aktar:

      – miżuri ta' sorveljanza u valutazzjoni, inklużi arranġamenti ta' ġbir ta' data;

      – taqsira dwar kwalunkwe problemi kbar li wieħed ikun iltaqa' magħhom waqt l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-operat u kwalunkwe miżuri li jkunu ttieħdu;

      – l-użu li jkun sar mill-għajnuna teknika.

   (d) il-miżuri meħuda biex tingħata informazzjoni fuq u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u multiannwali.

2. Ir-rapporti għandhom ikunu ġġudikati bħala aċċettabbli fejn dawn ikollhom l-informazzjoni kollha li hemm imniżżla fil-paragrafu 1. Fi żmien xahrejn il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-kontenut tar-rapport annwali fuq l-implimentazzjoni li jkun ġie sottomess mill-awtorità responsabbli. Jekk il-Kummissjoni ma tagħti l-ebda tweġiba fiż-żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies bħala wieħed aċċettabbli.

KAPITOLU X
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 52

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat komuni għas-"Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", stabbilit bid-Deċiżjoni li twaqqaf il-Fond għall-Fruntieri esterni għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni' ../… (din id-Deċiżjoni u d-deċiżjonijiet ….., …… u …..)[26] ("il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' din.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 53

Ir-Reviżjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013.

Artikolu 54

Dispożizzjonijiet transizzjonali

1 Din id-Deċiżjoni m'għandhiex taffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifikazzjoni, inkluż it-tħassir kollu jew parzjali, ta' l-għajnuna pprovduta mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2004/904/KE, jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra li tkun tgħodd għal dik l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2007.

2. Fit-tfassil tal-iffinanzjar konġunt tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe miżura li tkun ġiet approvata diġà qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u li matul il-perjodu kopert b'dak il-iffinanzjar konġunt din ikollha riperkussjonijiet finanzjarji.

3. Is-somom marbuta għall-iffinanzjar konġunt u li jkunu ġew approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċemrbu 2007, li għal dawn id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-programmi ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sa għeluq iż-żmien biex ikun sottomess ir-rapport finali, għandhom jiġu rilaxxjati awtomatikament mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010; dan għandu jwassal għall-ħlas lura ta' ammonti li ma jkunux tħallsu kif xieraq.

L-ammonti marbuta ma' l-operazzjonijiet jew programmi li jkunu ġew sospiżi minħabba proċeduri legali jew appelli amministrattivi li jkollhom effett sospensorju m'għandhomx jitqiesu biex ikun kalkulat l-ammont li għandu jiġi rilaxxjat awtomatikament.

---

[26] Niżżel ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jwaqqfu l-Fond għar-Ripatrijazzjoni, il-Fond għat-Territorji ta' Barra u l-Fond għall-Integrazzjoni

4. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009 rapport ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati u l-impatti ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond li jikkonċerna l-perjodu 2005-2007.

5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009 il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport intermedju fuq ir-riżultati miksuba u fuq l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2005-2007.

Artikolu 55

Ir-Revoka

Id-Deċiżjoni 2004/904/KE qed tiġi hawnhekk imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 56

L-Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 57

Id-Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-IŻVILUPP TAS-SOLIDARJETÀ FIL-QASAM TAL-FRUNTIERI ESTERNI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻA

1.1. Espożizzjoni u analiżi tal-problema

Li jkun assigurat li l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni jkunu kemm jista' jkun effettivi biex ikun evitat id-dħul illegali ta' persuni hija prekondizzjoni għall-abolizzjoni tal-fruntieri interni fiż-żona Schengen. Ladarba wieħed ikun daħal fl-UE f'post partikolari dan jew din jistgħu jimxu prattikament mingħajr l-ebda restrizzjoni lejn Stati Membri oħra, irrispettivament mid-dritt tar-residenza tiegħu/tagħha (imkien ieħor) fl-UE. Bħala riżultat ta' dan, kull Stat Membru fiż-żona Schengen għandu interess fl-effettività li biha Stati Membri oħra jikkontrollaw il-fruntieri esterni li għalihom ikunu responsabbli. Dan għaliex jekk ikun hemm influss mhux mixtieq ta' immigranti illegali u din il-ħidma ma ssirx b'mod effiċjenti, dawn l-Istati Membri jistgħu jintlaqtu ħażin. Għalhekk, jeżisti argument interessanti għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet komuni fuq livell ta' KE f'dan ir-rigward u għat-twaqqif ta' ċerti mezzi biex ikunu żgurati standards minimi fil-kontroll ta' fuq il-fruntieri esterni, minkejja li r-responsabbilità aħħarija tibqa' f'idejn l-Istati Membri kkonċernati. Dan huwa magħruf b'mod espliċitu fil-Konvenzjoni Schengen, liema Konvenzjoni tistabbilixxi r-regoli komuni fuq id-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE. Bħala riżultat ta' dan, l-Istati Membri, bi fruntieri esterni, kellhom jadattaw il-verifiki u s-sorveljanza tal-fruntieri tagħhom għall-istandards u l-proċeduri deċiżi fuq livell ta' UE, u dawn se jkollhom ikomplu jagħmlu hekk fis-snin li ġejjin.

B'mod komparattiv, hemm ftit Stati Membri li għandhom territorji ta' art u/jew baħar ta' kwalunkwe tul jew importanza ġeopolitika li jeħtieġu sorveljanza mill-qrib u dettaljata – dawn tgħabbew bir-responsabbilità li jikkontrollaw l-immigrazzjoni illegali u li jissalvagwardjaw is-sigurtà interna billi jikkontrollaw il-qsim tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen. Bħala konsegwenza, dawn qed jitgħabbew ukoll b'sehem mhux proporzjonat ta' l-ispejjeż involuti mhux biss biex ikun evitat id-dħul illegali iżda ugwalment importanti biex dawk li huma awtorizzati li jagħmlu hekk jkunu jistgħu jidħlu mingħajr dewmien jew inkonvenjenza żejda.

1.2. Il-mixja 'l quddiem

It-tqassim tal-piżijiet bejn l-Istati Membri u l-Unjoni għat-tmexxija tal-fruntieri esterni huwa wieħed mill-ħames komponenti tal-politika komuni għat-tmexxija tal-fruntieri esterni, kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002 'Lejn tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM (2002) 233 finali) u approvata mill-Kunsill fil-'Pjan tat-Tmexxija tal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea' tiegħu (Dokument tal-Kunsill 10019/02, l-14 ta' Ġunju 2002).

Il-Kunsill Ewropew, f'diversi okkażjonijiet, kien għamel talba għall-ħolqien ta' Fond li jkun jappoġġja lill-Istati Membri li jkollhom, għall-ġid tal-Komunità, piż finanzjarju iebes u li jdum ħafna f'dan ir-rigward. Dan hu rifless fil-programm *The Hague*, adottat mill-Kunsill f'Novembru ta' l-2004, li jisħaq fuq "il-ħtieġa għas-solidarjetà u t-tqassim xieraq tar-responsabbilità, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri".

1.3. L-Għanijiet tal-Fond

L-erba' għanijiet ta' politika ewlenin li għalihom il-Fond se jikkontribwixxi huma:

- li jtejjeb l-effiċjenza tal-kontrolli u b'hekk l-effettività tat-tmexxija u l-ħarsien tal-fruntieri esterni biex jitnaqqas id-dħul illegali u tiżdied is-sigurtà taż-żona interna ta' l-UE ta' moviment ħieles;

- li tkun eħfef għal vjaġġaturi awtorizzati li jidħlu fl-UE skond l-*acquis* Schengen waqt li l-UE tkun imħarsa kontra kull dħul illegali;

- biex l-Istati Membri japplikaw il-liġi ta' l-UE b'mod uniformi waqt li jkun hemm effiċjenza ġenerali minn-naħa tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali biex dawn iwettqu ħidmiethom skond il-liġi ta' l-UE;

- li tissaħħaħ l-effiċjenza għall-ħruġ ta' viżas u l-implimentazzjoni ta' verifiki oħra ta' qabel il-fruntieri.

Qed ikun propost li dan il-Fond ikun jappoġġja wkoll azzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-politika komuni dwar il-viża. Tmexxija effiċjenti ta' viża tista' titqies bħala pass preliminari għall-kontroll ta' fuq il-fruntieri esterni, u għalhekk isawwar parti integrali minn sistema komuni u integrata ta' tmexxija tal-fruntieri fl-UE, kif kien ġie suġġerit fil-Programm *The Hague*.

Taħt dawn l-għanijiet se jkunu inklużi wkoll aspetti miż-żewġ strumenti finanzjarji li hemm bħalissa: il-'Faċilità Schengen' u l-'Faċilità Kaliningrad'.

- Skond l-Artikolu 35(1) ta' l-Att tas-Sħubija ta' l-2003, il-'Faċilità Schengen' inħolqot biex tappoġġja lill-Estonja, lill-Ungerija, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Polonja, lir-Repubblika Slovakka u lis-Slovenja biex dawn ikunu jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda ta' l-UE ħalli jkun implimentat l-*acquis* Schengen. Il-Faċilità tintemm fl-2006.

- Skond il-Protokoll nru 5 tat-Trattat tas-Sħubija tal-Litwanja fuq it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 5213 tistabbilixxi l-arranġamenti ta' implimentazzjoni fejn għandu x'jaqsam il-Programm Speċjali ta' Kaliningrad dwar it-Transitu 2004 – 2006.

Il-Faċilità Kaliningrad ġiet mibdula minn dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Fond. Ir-responsabbilità ta' l-awtoritajiet Litwani biex jimplimentaw b'mod korrett il-leġislazzjoni tal-Komunità li tħaffef it-transitu hija parti mill-piż tal-Litwanja biex tikkontrolla l-fruntieri esterni ta' l-UE, li din qed iġġorr f'isem l-Istati Membri kollha. Għalhekk, ikun aħjar jekk titwaqqaf kontribuzzjoni fil-qafas ta' l-istrument tal-fruntieri esterni milli dawn joqogħdu jaġixxu b'mod separat.

1.4. Il-komplementarjetà ma' l-Aġenzija Ewropea għat-Tnexxija tal-Kooperazzjoni ta' l-Operat fuq il-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-UE ('l-Aġenzija')

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-erba' għanijiet t'hawn b'mod komplementari ma' l-iżvilupp tal-leġislazzjoni relevanti u x-xogħol ta' l-Aġenzija.

L-Aġenzija tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għajnuna teknika meħtieġa u tiffaċilita l-applikazzjoni tal-miżuri preżenti u futuri tal-Komunità fuq il-fruntieri esterni. Għalhekk, il-Fond għandu jappoġġja biss azzjonijiet fuq livell nazzjonali li jitwettqu mill-Istati Membri u li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Komunità u mhux azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra fl-amministrazzjoni tal-fruntieri esterni.

Barra minn hekk, ir-riżorsi li jitwarrbu taħt il-Fond għal azzjonijiet ta' interess għall-Komunità ('azzjonijiet tal-Komunità') se jkollhom x'jaqsmu primarjament mal-politika dwar il-viża (għan nru 4 taħt il-Fond), materja li ma taqax taħt il-kompetenza ta' l-Aġenzija.

1.5. L-iskop ta' l-azzjonijiet u d-definizzjoni ta' 'fruntieri esterni'

Minħabba li l-Fond jisħaq fuq is-solidarjetà mill-Istati Membri biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen fejn jidħlu l-fruntieri esterni, l-Istati Membri jkunu eliġibbli biss fejn huma jkunu marbutin b'dawn id-dispożizzjonijiet.

L-Artikolu 3(1) ta' l-Att tas-Sħubija jgħid li d-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen u ta' l-atti li jinbnew fuq dan jew li b'xi mod huma relatati miegħu, li jidhru fl-Anness I għall-Att, se jkunu jorbtu lil u se jkunu applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda mid-data tas-sħubija.[27] Id-dispożizzjonijiet u l-atti li mhumiex imsemmija fl-Anness, waqt li jkunu jorbtu lill-Istati Membri l-ġodda mid-data tas-sħubija, se jkunu jgħoddu biss fi Stat Membru ġdid skond deċiżjoni tal-Kunsill għal dak il-għan, liema deċiżjoni tkun ittieħdet skond dan l-Artikolu 3(2) ta' l-Att tas-Sħubija.

Din il-proċedura ta' implimentazzjoni hija maqsuma f'żewġ partijiet. B'hekk ċerti dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen isiru vinkolanti u applikabbli mid-data tas-sħubija fl-Unjoni waqt li oħrajn, speċjalment dawk marbuta intrinsikament mat-tneħħija tal-verifiki fuq il-fruntieri ta' ġewwa, isiru vinkolanti mid-data tas-sħubija iżda applikabbli fl-Istat Membru l-ġdid biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fuq. Id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen fuq il-fruntieri esterni (l-Artikoli 3 sa 8 tal-Konvenzjoni Schengen u d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom, l-aktar il-Manwal Komuni) huma mniżżla fl-Anness, u għalhekk jorbtu lil u japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda mid-data tas-sħubija.[28]

Għalhekk, l-Istati Membri l-ġodda ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt dan il-Fond hekk kif dan jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, anke jekk ma jkunux għadhom ittieħdu Deċiżjonijiet tal-Kunsill, għal wieħed mill-Istati Membri l-ġodda kkonċernati jew aktar, dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' Schengen fuq it-tneħħija tal-verifiki fil-fruntieri interni fuq persuni. Kollha għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt dan il-Fond biex tkun assigurata kemm jista' jkun il-kontinwità mal-Faċilità Schengen u mal-Faċilità tat-Transizzjoni fejn jikkonċerna t-tisħiħ tal-kontrolli ta' fuq il-fruntieri esterni. Waqt li titqies il-konsegwenza tad-Deċiżjoni(jiet) tal-Kunsill kkonċernata(i), ix-xogħol biex jinkisbu l-istandards ta' kontroll meħtieġa fuq il-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri l-ġodda għandu jitkompla, waqt li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tappoġġja din it-tħejjija fl-interess tal-Komunità.

Dan ir-raġunar għandu dawn il-konsegwenzi li ġejjin:

---

27 ĠU L 236, it-23 ta' Settembru 2003, p.33

28 Ħlief għall-Artikolu 5(1)(d), marbut mal-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

- Għall-kalkolu annwali tat-tul tal-fruntieri esterni taħt iċ-ċavetta tad-distribuzzjoni, il-fruntieri esteni kollha ma' pajjiżi terzi li mhumiex assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen se jkunu inklużi. Barra minn hekk, il-fruntieri temporanji se jkunu inklużi, iżda biss għall-Istati Membri li diġà qed jimplimentaw l-*acquis* Schengen. Għalhekk, qed jiġu inklużi biss il-fruntieri temporanji ta' l-Istati Membri li jwettqu kontrolli fil-fruntieri għal Stati Membri oħrajn ukoll. Dan jirrifletti s-sitwazzjoni kurrenti iżda jrid jiġi enfasizzat li din hija temporanja għax il-kontrolli fil-fruntieri se jitneħħew kompletament mill-aktar fis possibbli. Tant hu hekk li kif mistqarr fil-Programm ta' The Hague: "Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni malajr kemm jista' jkun, dejjem jekk ikunu ntlaħqu r-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u wara li s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tibda taħdem fl-2007. Barra minn hekk, biex jiġi enfasizzat aktar il-karattru provviżorju tal-fruntieri temporanji u bħala turija tal-fatt li l-prijoritajiet politiċi għandhom ikunu għall-appoġġ tal-fruntieri "definittivi", qed jiġi propost li l-fruntieri temporanji ma jingħatawx l-istess importanza daqs il-fruntieri "definittivi". Ta' min jinnota li billi ji[u kkalkulati l-fruntieri temporanji ta' l-Istati Membri li qed jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* Schengen sakemm id-Deċiżjoni(jiet) tal-Kunsill imsemmija hawn fuq ma tkunx/ikunux adottata/i, għall-finijiet tal-kalkolu annwali taħt dan il-Fond, it-tul tal-fruntieri esterni jista' jkun iżjed mit-tul tal-fruntieri esterni tal-Komunità tal-ġejjieni.

- Biex ikunu stabbiliti azzjonijiet li jkunu eliġibbli taħt il-Fond, l-azzjonijiet kollha li jsiru fil-fruntieri temporanji se jkunu eliġibbli, ħlief meta dawn l-azzjonijiet jammontaw għal investiment ta' qafas li ma jkunx kompatibbli ma' l-għan biex jitneħħew il-kontrolli fuq persuni f'dawn il-fruntieri. Dan ifisser li l-investimenti fil-bini, it-tiġdid u l-aġġornar ta' l-infrastrutturi tal-qsim ta' fuq il-fruntieri, kif ukoll ta' bini ieħor relatat u tagħmir li ma jkunx interoperabbli mhux se jkun eliġibbli.

Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fuq livell nazzjonali bejn is-servizzi ċċarġjati mal-kontroll ta' persuni u dawk responsabbli għall-kontroll ta' oġġetti (servizzi doganali) jew għal politika oħra (kooperazzjoni tal-Pulizija, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali), il-Fond jista' jkopri azzjonijiet minn Stati Membri li biex titjieb il-ħila tal-gwardji tal-fruntieri ħalli dawn jaqdu l-missjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

Il-komplementarjetà ma' l-azzjonijiet doganali ukoll se tkun assigurata. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet għall-kontroll ta' persuni u dawk responsabbli mill-kontroll ta' oġġetti se tkun ta' importanza kbira biex ikun assigurat li ma jitħalla l-ebda vojt fil-fruntieri esterni.

2. VALUTAZZJONIJIET

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni *ex ante*, li hija mehmuża ma' din il-proposta.

3. IL-BAŻI LEGALI U L-PRINĊIPJI ĠUSTIFIKATTIVI TA' L-ISTRUMENT TA' POLITIKA

3.1. L-Għażla tal-bażi legali

Il-bażi legali proposta għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-Artikolu 62, il-paragrafu 2 għaliex din il-leġislazzjoni tinvolvi "miżuri dwar il-qsim fuq il-fruntieri esterni ta' l-Istati

Membri" u b'mod speċifiku "standards u proċeduri li għandhom ikunu ssuktati mill-Istati Membri meta dawn iwettqu verifiki fuq persuni f'dawn il-fruntieri" (Artikolu 62(2)(a)) u "r-regoli fuq viżas għal residenza li tkun maħsuba għal mhux iktar minn tliet xhur, inklużi (…) il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżas mill-Istati Membri" (Artikolu 62(2)(b)(ii)).

Minħabba li l-proposta hija bbażata fuq it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE (viżas, kenn politiku, immigrazzjoni u politika oħra marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni), din trid tkun ippreżentata u adottata skond il-protokolli fuq il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, li huma mehmuża mat-Trattat ta' Amsterdam.

Taħt l-Artikolu 6 tal-protokoll li jintegra l-*acquis* Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea (il-Protokoll Schengen), in-Norveġja u l-Islanda ukoll huma assoċjati ma' l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen. Il-konsegwenzi tad-diversi protokolli huma eżaminati fil-punt 6 taħt.

3.2. Li tkun imfissra s-solidarjetà fl-allokazzjoni tar-riżorsi

Mingħajr preġudizzju għall-kalkulazzjoni speċifika dwar il-piż ta' l-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad, ir-riżorsi għall-Istati Membri se jkunu allokati fuq il-bażi ta' ċavetta ta' distribuzzjoni li tiddefinixxi b'mod ġenerali l-piż relattiv ta' l-Istati Membri f'rabta mat-tmexxija ta' fruntiera integrata u l-politika komuni dwar il-viża.

Meta tesprimi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu sew:

- Il-fatt li jeżisti sehem ta' ħidma bażiku u minimu dwar il-kontroll u s-sorveljanza ta' fuq il-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viża għal kull Stat Membru, ibbażat fuq sett ta' elementi kostanti, jiġifieri t-tul tal-fruntieri ta' l-art ta' barra, it-tul tal-fruntieri tal-baħar, in-numru ta' punti ta' qsim fuq il-fruntieri li jkunu awtorizzati (art, sema, baħar) u n-numru ta' uffiċċji konsulari;

- Il-fatt li għal kull Stat Membru, fatturi aktar varjabbli bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-flussi ta' Migrazzjoni, jiddeterminaw is-'sehem ta' ħidma' attwali ta' kuljum ta' l-awtoritajiet, jiġifieri n-numru ta' persuni li jaqsmu fuq il-fruntieri esterni (art, sema, baħar); in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux tħallew jidħlu, in-numru ta' persuni miżmuma u n-numru ta' applikazzjonijiet għall-viża (viżas maħruġa u viżas miċħuda).

Din hija r-raġuni għaliex qed ikun propost li ċ-ċavetta tad-distribuzzjoni tkun magħmula minn żewġ komponenti: wieħed relatat ma' l-elementi kostanti u l-ieħor ma' elementi aktar varjabbli. Ir-riżorsi disponibbli jistgħu jinqasmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

- 40 % fi proporzjoni għall-elementi kostanti u

- 60% fi proporzjon għall-elementi varjabbli.

Qed ikun propost li tiddaħħal il-possibbiltà li l-elementi kostanti jitwieżnu f'bażi legali u f'dan ir-rigward li tkun konsultata l-Aġenzija FRONTEX qabel ma jittieħdu kwalunkwe deċiżjonijiet.

Minħabba li d-data relevanti hija dik marbuta ma' l-flussi ta' persuni u viżas, u x'aktarx ikun hemm xi varjazzjonijiet f'dawn l-flussi, għandu jkun hemm kalkulazzjoni ta' kull sena. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-kriterji għat-tqassim tal-fondi se tassigura li l-evoluzzjonijiet (marbuta, per eżempju, mal-bidliet fi pressjoni migratorja f'ċerti punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri, bidliet fir-rotot ta' Migrazzjoni b'mod illegali) jitqiesu kif xieraq, waqt li tkun tista' titwettaq azzjoni korrettiva bl-appoġġ tal-Fond.

Mill-kalkulazzjonijiet fuq il-bażi taċ-ċavetta tad-distribuzzjoni, huma esklużi r-riżorsi li jkunu disponibbli għall-għan ta' l-Iskema ta' Transitu ta' Kaliningrad. Dawn ir-riżorsi huma kkalkulati fuq il-bażi tal-miżati predeterminati u l-ispiża addizzjonali li huma ġejjin minn din l-Iskema.

3.3. Azzjonijiet definiti fil-Fond

Minħabba l-għanijiet ġenerali tal-Fond li dan jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' kontroll u sorveljanza effettivi fuq il-fruntieri esterni tagħna, permezz ta' l-implimentazzjoni tas-solidarjetà finanzjarja bejn il-Komunità u l-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tipproponi li timplimenta l-Fond l-aktar permezz ta' tmexxija mqassma ma' l-Istati Membri u permezz ta' tmexxija deċentralizzata mal-pajjiżi assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen. Dan ikun jista' jippermetti għal appoġġ finanzjarju li jkun immirat skond is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġiet ta' kull Stat Membru u pajjiż assoċjat.

Barra minn hekk, biex ikun żgurat l-użu tal-fondi bl-aktar mod effiċjenti, il-proposta għandha dispożizzjonijiet dettaljati ħafna dwar l-għanijiet ta' l-operat li għandhom jintlaħqu kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet identifikati bħala li jkunu qed jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.

3.4. Sistemi ta' programmar, tmexxija finanzjarja u kontroll

Skond il-ħtieġa biex ikunu razzjonalizzati u armonizzati s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta għal deċiżjoni huma allinjati mad-dispożizzjonijiet proposti għat-tliet Fondi l-oħra taħt il-Programm Ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni". L-ipprogrammar huwa organizzat fuq livell multiannwali, b'żewġ perjodi ta' programmar: (2007-2010 u 2011-2013), bi programmi ta' implimentazzjoni annwali.

4. IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

Is-Sussidjarjetà

Il-prinċipju fundamentali jibqa' li l-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fuq il-fruntieri tagħhom. Biex tkun implimentata 'sistema ta' tmexxija komuni u integrata tal-fruntieri, il-Fond jappoġġja b'mod espliċitu l-ħidmiet li jkunu twettqu wkoll mill-Istati Membri f'isem l-Istati Membri kollha ta' Schengen. Għalhekk, l-azzjonijiet li għandhom ikunu appoġġjati jridu jkunu identifikati b'mod ċar, marbuta ma' kondizzjonijiet oġġettivi fi Stati individwali u jġibu valur miżjud għall-Komunità bħala ħaġa waħda.

Il-Proporzjonalità

Id-deċiżjoni tagħmilha possibbli biex jingħata appoġġ finanzjarju mill-Fond għal sensiela ta' azzjonijiet li, fuq livell ta' operat, ikunu jikkontribwixxu għal sensiela ta' għanijiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati, waqt li l-Istati Membri jitħallew jagħżlu l-azzjonijiet u l-mod kif dawn

għandhom jitwettqu taħt skemi li dwarhom ikun ftehim mal-Kummissjoni. L-użu ta' l-approprijazzjonijiet tal-Komunità jrid ikun suġġett ukoll għal regoli ċari u uniformi li jkunu mniżżla f'deċiżjoni tal-Kunsill, liema deċiżjoni tkun l-istrument xieraq biex ikunu implimentati l-programmi tal-Komunità.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Fond taħt il-Perspettivi Finanzjarji proposta mill-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 hija ta' 2.152,3 miljun Euro.

6. IL-KONSEGWENZI TAD-DIVERSI PROTOKOLLI MEHMUŻA MAT-TRATTATI

Ir-Renju Unit u l-Irlanda

Skond l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, "l-Irlanda ui r-Renju Unit ta' l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq, li mhumiex marbuta bl-*acquis* Schengen, jistgħu f'kull żmien jitolbu biex jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* jew anke kollha".

Din il-proposta ssawwar żvilupp ta' dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen, li fih ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jieħdux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000[29] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004[30] fuq it-talba tar-Renju Unit ta' l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 fuq it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen. Għalhekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u mhumiex marbutin b'din jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

Id-Danimarka

Bil-Protokoll mehmuż mat-Trattat ta' Amsterdam fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fil-miżuri adottati mill-Kunsill skond it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, ħlief għall-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni, jew miżuri li jkunu marbuta mal-format uniformi tal-viżas" (l-Artikolu 100c ta' qabel tat-Trattat tal-KE).

Minħabba li din il-proposta ssawwar żvilupp ta' l-*acquis* Schengen u meta jitqies l-Artikolu 5 tal-Protokoll, "id-Danimarka għandha tiddeċiedi, f'perjodu ta' 6 xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda fuq proposta jew inizjattiva biex ikompli jibni fuq l-*acquis* Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, kemm jekk li timplimenta din id-Deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha jew le".

In-Norveġja u l-Islanda

[29] ĠU L131/43 (2000/365/EC) l-1 ta' Ġunju 2000

[30] ĠU L395/70 (2004/926/EC) il-31 ta' Diċembru 2004

Skond l-Artikolu 6, l-ewwel inċiż, tal-Protokoll Schengen, kien ġie ffirmat ftehim fit-18 ta' Mejju 1999 bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-Islanda biex ikunu assoċjati dawk iż-żewġ pajjiżi ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen[31].

L-Artikolu 1 ta' dan il-ftehim jisħaq li n-Norveġja u l-Islanda huma assoċjati mal-ħidmiet tal-KE u l-UE fl-oqsma li huma koperti bid-dispożizzjonijiet msemmija fl-Annessi A (id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen) u B (id-dispożizzjonijiet ta' l-atti tal-Komunità Ewropea, li ħadu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għal, jew li huma skond, il-Konvenzjoni Schengen) tal-ftehim kif ukoll b'dawk li se jsegwu minnhom.

Skond l-Artikolu tal-ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' l-atti jew il-miżuri kollha meħuda mill-Unjoni Ewropea li jemendaw jew li jibnu fuq l-*acquis* Schengen integrat (Annessi A, B) għandhom ikunu implimentati u applikati min-Norveġja u l-Islanda.

Il-proposta preżenti tibni fuq l-*acquis* Schengen kif definit fl-Anness A tal-ftehim.

Bħala riżultat, din trid tiġi diskussa fil-"Kumitat Konġunt" kif hemm imfisser fl-Artikolu 4 tal-ftehim biex in-Norveġja u l-Islanda jkollhom il-possibbiltà "li jispjegaw il-problema li qed jiltaqgħu magħha fejn tidħol" il-miżura u "li jesprimu lilhom infushom fuq kwalunkwe kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet li jolqtuhom jew ma' l-implimentazzjoni ta' dawn".

L-Isvizzera

Dwar l-Isvizzera, din il-proposta ssawwar żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen fejn jikkonċerna l-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE fuq l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u fuq l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet, ta' dak il-Ftehim[32].

Il-Ftehim ma' l-Isvizzera, iffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004, jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet b'seħħ mid-data ta' l-iffirmar, l-aktar fejn tidħol il-parteċipazzjoni ta' l-Isvizzera fil-Kumitat Konġunt li jittratta l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen.

---

31 ĠU L 176, l-10 ta' Lulju 1999, p. 35

32 ĠU L370/78, (2004/860/EC) is-17 ta' Diċembru 2004

2005/0047 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 62, il-paragrafu 2 ta' dan,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[33],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[34],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[35]

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[36],

Billi:

(1) Waqt li kull Stat Membru jikkontribwixxi għal livell effiċjenti, għoli u uniformi ta' kontroll fuq persuni u ta' sorveljanza ta' fuq il-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea, uħud minn dawn qed ikollhom jiffaċċjaw piż ikbar mill-oħrajn.

(2) Id-differenza fil-piż hija spjegata bis-sitwazzjonijiet differenti li jkunu qed iseħħu fl-Istati Membri fejn jidħlu l-ġeografija ta' fuq il-fruntieri esterni, in-numru ta' punti ta' qsim ta' fruntieri li jkunu awtorizzati u operattivi, il-livell tal-pressjoni ta' Migrazzjoni, kemm legali u illegali, ir-riskji u t-theddid li dawn jiltaqgħu magħhom, u fl-aħħarnett il-piż ta' ħidma tas-servizzi nazzjonali dwar l-analiżi ta' applikazzjonijiet ta' viżas u l-ħruġ ta' viżas.

(3) It-tqassim tal-piż bejn l-Istati Membri u l-Unjoni għat-tmexxija tal-fruntieri esterni huwa wieħed mill-ħames komponenti tal-politika komuni għat-tmexxija tal-fruntieri esterni, kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002 'Lejn tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[37] u approvata mill-Kunsill fil-'Pjan tat-tmexxija tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea' tiegħu[38].

---

[33] ĠU C …
[34] ĠU C …
[35] ĠU C …
[36] ĠU…
[37] (COM(2002) 233 finali)
[38] Dokument tal-Kunsill 10019/02, l-14 ta' Ġunju 2002.

(4) Waqt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004, li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni ta' l-Operat fuq il-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[39] (minn hawn ''il quddiem imsejħa "l-Aġenzija"), isawwar pass importanti lejn l-iżvilupp progressiv fid-dimensjoni ta' l-operat tas-sistema komuni u integrata tat-tmexxija tal-fruntieri, l-implimentazzjoni ta' standards effettivi u komuni għall-kontroll u s-sorveljanza ta' fuq il-fruntieri esterni issejjaħ għal mekkaniżmu ta' solidarjetà finanzjarja tal-Komunità biex ikunu appoġġjati dawk l-Istati Membri li jkollhom ibatu, għall-ġid tal-Komunità, piż finanzjarju iebes u li jdum għal ħafna żmien.

(5) Il-Fond għall-Fruntieri esterni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") għandu jesprimi s-solidarjetà permezz ta' għajnuna finanzjarja għal dawk l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet Schengen fejn jikkonċerna l-fruntieri esterni.

(6) Din l-għajnuna finanzjarja għandha tkun modulata b'tali mod biex fl-istess ħin isservi bħala pont mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-imgħoddi ta' l-Unjoni Ewropea lill-Istati Membri li, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, ma jkunux għadhom qed japplikaw il-partijiet kollha tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen, mingħajr, madankollu, ma ssawwar sempliċiment kontinwazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati qabel minn sorsi oħrajn koperti mill-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. F'każijiet bħal dawn, il-Fond għandu jgħin lil dawk l-Istati Membri li jkunu qed iħejju lilhom infushom għall-parteċipazzjoni sħiħa.

(7) Barra minn hekk, il-Fond għandu jqis is-sitwazzjonijiet speċifiċi, bħalma huma t-transitu fuq l-art ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom ta' bilfors jaqsmu l-fruntieri ta' Stat Membru wieħed jew aktar biex jivvjaġġaw bejn żewġ partijiet tal-pajjiż tagħhom stess li ġeografikament ma jkunux kontigwi. Dan għandu jkun mhux biss fl-interess stess ta' l-Istat Membru(i) ikkonċernat(i), iżda wkoll ta' l-Istati Membri kollha li jkunu neħħew il-verifiki fuq il-fruntieri ta' ġewwa tagħhom. F'dawn il-każijiet, l-azzjonijiet li għandhom ikunu finanzjati għandhom ikunu definiti b'mod eżawrijenti waqt li l-allokazzjonijiet tar-riżorsi għandhom ikunu determinati fuq il-bażi ta' valutazzjoni fattwali tal-ħtiġiet f'rabta ma' dawn l-azzjonijiet.

(8) Il-Fond għandu jinkludi appoġġ għal miżuri nazzjonali u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viża u ħidmiet oħra ta' qabel il-fruntieri, li għandhom jitwettqu fi stadju qabel ma jseħħu l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni. Tmexxija effiċjenti ta' ħidmiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viża, bħala parti minn sistema maqsuma f'diversi partijiet li jkollha l-għan li tħaffef l-ivvjaġġar leġittimu u li tingħeleb il-problema ta' l-immigrazzjoni illegali għall-Unjoni Ewropea. Din issawwar ukoll parti integrali minn sistema komuni u integrata tat-tmexxija tal-fruntieri.

(9) Għandhom jitwaqqfu kriterji oġġettivi biex ikunu allokati l-fondi lill-Istati Membri. Dawn il-kriterji għandhom iqisu elementi kostanti li jkunu jiddeterminaw il-punt tat-tluq attwali ta' Stat Membru fejn jikkonċerna l-obbligi tiegħu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen, kif ukoll elementi aktar varjabbli li jesprimu s-sehem tax-xogħol ta' l-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, ċerti elementi kostanti għandhom jitwieżnu biex *inter alia* jitqiesu r-riskji u t-theddid fil-fruntieri esterni, is-

[39] ĠU L 349, il-25 ta' Novembru 2004, p.1

sehem tal-ħidma relattiv fl-uffiċċji kosulari jew il-qies tal-flussi tal-passiġġieri f'punti awtorizzati ta' qsim fuq il-fruntieri. Hawnhekk, l-Aġenzija tista' tintalab biex tagħti l-għajnuna tagħha.

(10) Minħabba l-missjoni ta' l-Aġenzija li tgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-aspetti ta' l-operat tat-tmexxija tal-fruntieri esterni u biex din tiżviluppa komplementarjetà bejn il-missjoni tagħha stess u r-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri għall-kontroll u s-sorveljanza tal- fruntieri esterni, l-Aġenzija għandha tiġi kkonsultata mill-Kummissjoni fuq abbozzi ta' programmi multiannwali sottomessi mill-Istati Membri kif ukoll fuq il-linji ta' gwida strateġiċi mħejjija mill-Kummissjoni.

(11) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija biex tipprovdi sehemha fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-impatt tal-Fond fuq l-iżvilupp tal-politika u l-leġislazzjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni, is-sinerġiji bejn il-Fond u l-ħidmiet ta' l-Aġenzija, kif ukoll il-konvenjenza tal-kriterji biex ikunu allokati l-fondi bejn l-Istati Membri fid-dawl ta' l-għanijiet issuktati mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

(12) Dan l-istrument huwa mfassal biex jifforma parti minn qafas koerenti intitolat il-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni', liema programm għandu l-għan li jindirizza l-kwistjoni tat-tqassim ġust tar-responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri fejn jikkonċerna l-piż finanzjarju li jkun ġej mill-introduzzjoni ta' tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni kif ukoll mill-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif ġew żviluppati skond it-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

(13) Il-parteċipazzjoni ta' Stat Membru f'dan l-istrument m'għandhiex taħbat mal-parteċipazzjoni tiegħu fi strument temporanju tal-ġejjieni mfassal biex jgħin lil Stati Membri benefiċjarji biex jiffinanzjaw azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda ta' l-Unjoni ħalli jkunu implimentati l-*acquis* Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

(14) L-appoġġ pprovdut mill-Fond jista' jkun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk l-iffinanzjar konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli kien ikun ibbażat fuq programmi strateġiċi multiannwali u fuq programmi ta' ħidma annwali relatati mfassla minn kull Stat Membru flimkien mal-Kummissjoni.

(15) Fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmar multiannwali li jkun iqis is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet tiegħu, waqt li jistabbilixxi l-istrateġija tiegħu ta' l-iżvilupp; dan għandu jkun negozjat u deċiż mill-Kummissjoni u jkun isawwar il-qafas biex jitħejjew il-programmi multiannwali.

(16) Il-programmi multiannwali għandhom iwasslu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Fond, billi tkun żgurata d-disponibbilità tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa kif ukoll il-konsistenza u l-kontinwità ta' l-azzjoni konġunta mill-Komunità u l-Istati Membri.

(17) Il-programmi multiannwali għandhom jassiguraw il-koordinazzjoni tal-Fond ma' strumenti finanzjarji oħra.

(18) Skond il-metodi ta' l-implimentazzjoni, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 53(1), il-punt (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet

Ewropej[40], il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbilitajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ikunu speċifikati, waqt li għandhom ikunu ċċarati l-obbligi għall-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri. L-applikazzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet twassal lill-Kummissjoni biex tissodisfa lilha nfisha li l-Istati Membri jkunu tabilħaqq qed jużaw il-Fond b'mod leġittimu u korrett u skond il-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba fit-tifsira ta' l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

(19) Il-Kummissjoni għandha twaqqaf it-taqsim indikattiv ta' l-approprijazzjonijiet ta' rabta disponibbli waqt li jintuża metodu oġġettiv u trasparenti.

(20) Taħt għajnuna teknika, il-Fond għandu jipprovdi appoġġ għall-valutazzjonijiet, it-titjib tal-ħila amministrattiva marbuta mat-tmexxija tal-Fond, studji, proġetti pilota u bdil ta' esperjenzi maħsuba l-aktar biex jinkuraġġixxu metodi u prattika ġodda.

(21) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiggarantixxu t-tħaddim proprju tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan il-għan, ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha jridu jilħqu.

(22) Huwa importanti li f'kull Stat Membru tinħatar awtorità responsabbli waħda biex tmexxi l-intrerventi tal-Fond u biex tiċċara r-responsabbilitajiet tiegħu. Il-ħatra u l-funzjonijiet ta' l-awtorità tal-verifika għandhom ikunu previsti wkoll. Barra minn hekk, biex ikunu garantiti standards ta' kwalità uniformi dwar iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa qabel ma dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni u biex tkun iċċarata n-natura u l-kwalità ta' l-informazzjoni li fuqha dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu bbażati, huwa meħtieġ li tinħatar awtorità li tiċċertifika.

(23) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom ir-responsabblità ewlenija biex jimplimentaw u jikkontrollaw l-interventi.

(24) L-obbligi fuq l-Istati Membri dwar is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, is-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ksur fil-liġi tal-Komunità għandhom ikunu speċifikati biex tkun garantita l-implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi ta' l-operat. L-aktar, fejn huma kkonċernati t-tmexxija u l-kontroll, ikun meħtieġ li jitwaqqfu l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jassiguraw li s-sistemi jkunu f'posthom u jkunu qed jitħaddmu tajjeb.

(25) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar il-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiżdied waqt li għandhom ikunu stabbiliti l-kriterji li bihom il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina, fil-kuntest ta' l-istrateġija tagħha tal-kontroll tas-sistemi nazzjonali, il-livell ta' assikurazzjoni li din tista' tikseb mill-entitajiet nazzjonali tal-verifika.

(26) L-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond jiddependu wkoll fuq il-valutazzjoni tagħhom. Ir-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u l-arranġamenti biex tkun żgurata l-kredibbiltà tal-valutazzjoni, għandhom jiġu formalizzati.

---

[40] ĠU L 248, is-16 ta' Settembru 2002, p.1

(27) L-azzjonijiet għandhom ikunu valutati permezz ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu u ta' valutazzjoni ta' l-impatt. Il-proċess tal-valutazzjoni għandu jiġi inkorporat f'arranġamenti ta' sorveljanza ta' proġett.

(28) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fit-tifsira tal-punt 33 tal-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura ta' l-estmi.[41]

(29) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-aktar biex ikunu appoġġjati t-twaqqif ta' sistema komuni u integrata tat-tmexxija ta' fruntiera kif ukoll l-amministrazzjoni ta' ħidmiet organizzati mis-servizzi konsulari f'pajjiżi terzi, ma jistgħux jintlaħqu tajjeb mill-Istati Membri, u għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn min dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

(30) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri li bihom il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha.[42]

(31) Dwar l-Islanda u n-Norveġja, din id-deċiżjoni ssawwar żvilupp ta' l-*acquis* Schengen fit-tifsira tal-Ftehim milħuq bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE fuq ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim[43].

(32) Dwar l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni ssawwar żvilupp dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(A) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE fuq l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim[44].

(33) Biex ikunu stabbiliti r-regoli supplementari meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument, għandu jintlaħaq ftehim bejn il-Komunità u l-Istati assoċjati msemmija fuq.

(34) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u din mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni

[41] ĠU C 172, it-18 ta' Ġunju 1999, p.1
[42] ĠU L 184, is-17 ta' Lulju 1999, p. 23
[43] ĠU L 176, l-10 ta' Lulju 1999, p. 31
[44] ĠU L 370, is-17 ta' Diċembru 2004. p.78

tibni fuq l-*acquis* Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur minn wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni, jekk din tkunx se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha jew le.

(35) Din id-Deċiżjoni ssawwar żvilupp dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kumsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 fuq it-talba tar-Renju Unit ta' l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq biex dan jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen[45]. Għalhekk, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(36) Din id-Deċiżjoni ssawwar żvilupp dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 fuq it-talba ta' l-Irlanda biex din tkun tista' tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* Schengen[46]. Għalhekk, l-Irlanda mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I
IS-SUĠĠETT, L-GĦANIJIET U L-AZZJONIJIET

Artikolu 1

Is-Suġġett u l-iskop

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għall-Fruntieri esterni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ «Il-Fond», bħala parti mill-programm Ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", biex jgħin fit-tisħiħ taż-żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-għanijiet li għalihom il-Fond għandu jikkontribwixxi, l-implimentazzjoni, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli, kif ukoll il-kriterji tat-tqassim għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Din tistabblixxi r-regoli tat-tmexxija tal-Fond, inklużi dawk finanzjarji, u l-mekkaniżmi tas-sorveljanza u l-kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbilitajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

[45] ĠU L 131, l-1 ta' Ġunju 2000, p. 43
[46] ĠU L 64, is-7 ta' Marzu 2002, p.20

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni:

(a) 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri, kemm jekk ikunu temporanji jew le;

(b) 'fruntieri temporanji' tfisser

– il-fruntiera komuni bejn Stat Membru li jkun qed jimplimenta b'mod sħiħ l-*acquis* Schengen u Stat Membru marbut li japplika l-*acquis* Schengen kollu, skond l-Att tas-Sħubija, iżda li d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil dawn biex japplikaw b'mod sħiħ dak l-*acquis* ma tkunx għadha daħlet fis-seħħ;

– il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri marbuta li japplikaw l-*acquis* Schengen kollu, skond l-Att tas-Sħubija tagħhom, iżda li għal dawn id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizzahom biex japplikaw b'mod sħiħ dak l-*acquis* ma tkunx għadha daħlet fis-seħħ;

(c) 'Aġenzija' tfisser l-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni ta' l-Operat fuq il-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif stabbilita bir-Regolemant tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004;

(d) 'sistema komuni u integrata tat-tmexxija ta' fruntiera' tfisser l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' metodu koerenti għall-allokazzjoni tar-riżorsi umani, it-tagħmir u t-teknoloġija għad-dispożizzjoni tagħhom għall-applikazzjoni uniformi u sistematika tar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun ipprovdut livell għoli ta' sigurtà fuq il-fruntieri esterni permezz ta' ħidmiet ta' kontroll u sorveljanza. Il-metodu għandu jkun skond ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea u bbażat fuq ġabra sistematika ta' intelliġenza dwar sitwazzjonijiet li jkunu qed iseħħu fuq l-art qabel, fi jew wara l-fruntieri esterni ta' Stat Membru, waqt li jitqiesu l-analiżi tar-riskju komuni, kif stabbilit mill-Aġenzija.

Artikolu 3

L-Għanijiet ġenerali

1. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tas-sistema komuni u integrata t' l-amministrazzjoni tal-fruntieri għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni;

(b) l-amministrazzjoni effiċjenti mill-Istati Membri tal-flussi ta' persuni fuq il-fruntieri esterni, biex ikun żgurat, minn-naħa waħda, livell għoli ta' protezzjoni fuq il-fruntieri esterni għas-sigurtà interna u li, minn-naħa l-oħra, il-fruntieri esterni jinqasmu bla problemi minn vjaġġaturi *bona fide* skond l-*acquis* Schengen;

(c) l-applikazzjoni uniformi tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri u l-effiċjenza ġenerali tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali biex fil-fruntieri esterni

dawn ikunu jistgħu jwettqu l-ħidmiet tagħhom skond il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea;

(d) it-titjib fl-amministrazzjoni ta' l-atttivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dan.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-iffinanzjar ta' l-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew il-Kummissjoni.

Artikolu 4

Għanijiet speċifiċi

1. Fejn huwa kkonċernat l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) il-Fond għandu jappoġġja l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, standards ta' l-operat u l-aħjar prattika, kif definit mill-Aġenzija;

(b) l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jitjiebu s-sistemi tas-sorveljanza bejn punti awtorizzati ta' qsim ta' fruntieri;

(c) l-introduzzjoni ta' miżuri jew l-iżvilupp ta' sistemi effettivi li jwasslu għall-ġabra metodoloġika ta' intelliġenza dwar is-sitwazzjoni li qed tiżviluppa fuq l-art qabel, fi u wara l-fruntieri esterni;

(d) li tkun żgurata r-reġistrazzjoni xierqa tan-numru ta' persuni li jkunu qed jaqsmu fit-tipi kollha ta' fruntieri esterni (art, sema, baħar);

(e) l-introduzzjoni jew l-aġġornar ta' sistema ta' kwalità għolja u kredibbli biex tinġabar l-istatistika u d-data amministrattiva dwar il-kategoriji ta' vjaġġaturi, in-numru u n-natura ta' verifiki u miżuri ta' sorveljanza fit-tipi differenti ta' fruntieri esterni, ibbażati fuq ir-reġistrazzjoni ta' sorsi oħra għall-ġbir ta' data;

(f) it-twaqqif ta' koordinazzjoni effettiva, strutturali, strateġika u ta' l-operat bejn l-awtoritajiet nazzjonali kollha li jkunu qed joperaw f'punti ta' qsim ta' fruntieri;

(g) it-titjib tal-ħila u l-kwalifiki tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali biex dawn iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' sorveljanza u kontroll;

(h) it-titjib fil-bdil ta' l-informazzjoni fuq livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tal-fruntieri esterni u awtoritajiet kompetenti u relevanti oħra;

(i) it-tmexxija 'l quddiem ta' l-istandards tat-tmexxija tal-kwalità għal kull ħidma mwettqa fil-fruntieri esterni.

2. Dwar l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b) il-Fond għandu jappoġġja l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) ħlief għall-fruntieri esterni, it-twaqqif ta' kontrolli sistematiċi fuq persuni meta dawn jidħlu jew iħallu punti ta' qsim ta' fruntieri, l-aktar permezz ta' metodi ġodda ta' xogħol, miżuri loġistiċi u teknoloġija ta' livell għoli ħafna;

(b) it-tmexxija 'l quddiem ta' l-użu tat-teknoloġija u taħriġ speċjalizzat għall-ħaddiema responsabbli mill-isfruttar effettiv ta' din;

(c) it-tmexxija 'l quddiem tal-bdil ta' informazzjoni u t-titjib ta' taħriġ fuq id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar li jkunu foloz, inkluż l-iżvilupp ta' strumenti u prattika komuni biex jinstabu dawn id-dokumenti;

(d) il-promozzjoni ta' konsultazzjoni effiċjenti u ta' żmien reali dwar id-data fil-punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri, bl-użu ta' sistemi wiesgħa ta' IT bħalma huma s-SIS u l-VIS, u l-bdil effettiv fi żmien reali ta' l-informazzjoni kollha bejn il-punti ta' qsim ta' fruntieri tul il-fruntieri esterni;

(e) li tkun assigurata l-implimentazzjoni ta' malajr u inġenjuża fuq livell tekniku u ta' l-operat dwar ir-riżultati ta' l-analiżi tar-riskju li jkunu saru mill-Aġenzija.

3. Dwar l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) il-Fond għandu jappoġġja l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) it-twaqqif gradwali f'kull Stat Membru ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki uniformi tal-gwardji tal-fruntieri, l-aktar bl-implimentazzjoni ta' kurrikulu speċifiku komuni għat-taħriġ, kif żviluppat mill-Aġenzija, u billi jkunu appoġġjati b'mod koerenti l-attivitajiet ta' l-Aġenzija f'dan il-qasam;

(b) l-appoġġ u ż-żjieda fil-bdil u fl-issekondar tal-gwardji tal-fruntieri bejn l-Istati Membri, skond il-linji ta' gwida u l-ħidmiet ta' l-Aġenzija f'dan il-qasam;

(c) il-promozzjoni ta' l-użu ta' teknoloġija simili jew ekwivalenti ta' livell għoli fuq il-fruntieri esterni kollha, kulmeta din tkun meħtieġa għall-użu korrett, effettiv jew uniformi tar-regoli.

(d) il-promozzjoni tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet nazzjonali biex japplikaw l-istess proċeduri u biex jieħdu deċiżjonijiet uniformi, rapidi u ta' kwalità għolja fuq kwistjonijiet li jolqtu l-viża kif ukoll id-dritt tad-dħul;

(e) it-tisħiħ taż-żoni ta' detenzjoni f'ajruporti u f'portijiet tal-baħar u t-titjib tal-kundizzjonijiet f'dawn iż-żoni;

(f) l-aġġornar tas-sigurtà fil-bini ta' punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri biex tkun assigurata s-saħħa tal-gwardji tal-fruntieri u l-ħarsien tat-tagħmir, tas-sistemi tas-sorveljanza u tal-mezzi tat-trasport.

4. Dwar l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) il-Fond għandu jappoġġja l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-operat tan-netwerk ta' l-uffiċjali ta' kollegamenti ta' l-immigrazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar effettiva permezz tan-netwerk bejn is-servizzi ta' l-Istati Membri.

(b) l-introduzzjoni ta' miżuri dwar it-titjiriet li x'aktarx jirriżultaw f'wasliet illegali fuq il-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri;

(c) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar effettiva mal-kumpaniji ta' l-ajru fl-ajruporti tal-pajjiżi tat-tluq, inkluż taħriġ uniformi lill-ħaddiema tal-kumpaniji ta' l-ajru dwar id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar;

(d) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċità tas-servizzi konsulari ħalli jistħarrġu applikazzjonijiet ta' viża;

(e) il-promozzjoni ta' prattika investigattiva komuni, proċeduri amministrattivi u deċiżjonijiet uniformi fuq viżas mis-servizzi konsulari ta' Stat Membru li jkunu jinsabu f'pajjiżi terzi differenti;

(f) il-promozzjoni tal-progress lejn kooperazzjoni sistematika u regolari bejn is-servizzi konsulari u servizzi oħra ta' Stati Membri differenti, inkluż l-ippûljar tar-riżorsi u l-mezzi għall-ħruġ ta' viża, il-bdil ta' informazzjoni, stħarriġ u investigazzjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' viża u l-iżvilupp ta' ċentru komuni għall-applikazzjoni ta' viżas;

(g) il-promozzjoni ta' inizjattivi nazzjonali li jwasslu għal prattika investigattiva komuni, proċeduri amministrattivi u deċiżjonijiet uniformi fuq il-ħruġ ta' viżas mis-servizzi konsulari ta' Stati Membri differenti;

(h) l-iżvilupp ta' uffiċċji konsulari komuni skond l-evoluzzjoni politika f'dan il-qasam.

Artikolu 5

Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għan definit fl-Artikolu 4 (1) sa (4) u l-aktar dawn li ġejjin:

(a) l-infrastruttura tal-qsim ta' fuq il-fruntieri u l-bini relatat, bħalma huma stazzjonijiet ta' fuq il-fruntieri, postijiet fejn jinżlu l-elikottri jew mogħdijiet jew postijiet li fihom ikunu jistgħu jiffurmaw kjuwijiet ta' vetturi u persuni f'punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri;

(b) l-infrastruttura u l-bini meħtieġ għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri;

(c) tagħmir ta' l-operat, bħalma huwa tagħmir ta' laboratorju, strumenti li jeżaminaw id-dokumenti u għodod tat-tiftix, terminali mobbli jew fissi biex ikunu kkonsultati s-sistemi SIS u oħrajn nazzjonali, terminali għar-riċezzjoni ta' sinjali bis-satellita u sinjali oħrajn;

(d) mezzi ta' trasport għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni, bħalma huma vetturi, vapuri, elikottri, u ajruplani żgħar, li jkunu mgħammra apposta b'tagħmir elettroniku għas-sorveljanza tal-fruntieri u s-sejbien ta' persuni li jkunu fi trakkijiet;

(e) tagħmir għall-bdil ta' informazzjoni fi żmien reali bejn l-awtoritajiet relevanti;

(f) sistemi ta' ICT;

(g) programmi għall-istakkament u l-bdil ta' ħaddiema bejn l-Istati Membri, bħalma huma l-gwardji tal-fruntieri, uffiċċjali ta' l-immigrazzjoni u uffiċjali konsulari;

(h) it-taħriġ u l-edukazzjoni għall-ħaddiema fl-awtoritajiet relevanti;

(i) investimenti fl-iżvilupp, l-ittestjar u l-istallazzjoni ta' teknoloġija ta' livell għoli ħafna;

(j) studji u proġetti pilota li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, l-istandards ta' l-operat u l-aħjar prattika, kif definit mill-Aġenzija;

(k) studji u proġetti pilota mfassla biex jippromwovu l-innovazzjoni, iħaffu l-bdil ta' l-esperjenza u l-prattika tajba u biex itejbu l-kwalità tat-tmexxija ta' l-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi.

2. Il-Fond m'għandux jappoġġja azzjonijiet fejn għandhom x'jaqsmu l-fruntieri temporanji, meta dawn l-azzjonijiet ikunu jammontaw għal investiment strutturali li ma jkunx kumpatibbli ma' l-għan biex jitneħħew il-kontrolli fuq persuni f'dawn il-fruntieri, l-aktar kif issemma fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.

Artikolu 6

L-Iskema tat-Transitu ta' Kaliningrad

1. Il-Fond għandu jappoġġja miżati predeterminati mill-viżas ta' transitu kif ukoll spejjeż addizzjonali li jkunu saru fl-implimentazzjoni ta' l-iskemi FTD u FRTD skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003[47] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003[48].

2. Għall-għan tal-paragrafu 1, spejjeż addizzjonali tfisser spejjeż li jkunu ġejjin direttament mill-kriterji speċifiċi biex ikun implimentat l-operat ta' skema ta' transitu speċjali u li jkunu ġew iġġenerati minħabba l-ħruġ ta' viżas ta' transitu jew oħrajn.

It-tipi ta' spejjeż addizzjonali li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-ħlas:

(a) investiment fl-infrastruttura

(b) it-taħriġ għall-gwardji tal-fruntieri u l-ħaddiema tal-ferroviji

(c) l-ispiża addizzjonali ta' l-operat, inklużi s-salarji għall-ħaddiema li jkunu qed jimplimentaw speċifikament l-operat ta' skema speċjali ta' transitu.

[47] ĠU L 99, is-17 ta' April 2003, p.8
[48] ĠU L 99, is-17 ta' April 2003, p.15

3. Il-miżati predeterminati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tal-livell ta' miżati għall-viżas ta' transitu stabbiliti fl-Anness 12 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni fuq il-viżas.

Artikolu 7

Azzjonijiet ta' interess għall-Komunità

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 2 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond jistgħu jintużaw biex ikunu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet li jkunu ta' interess għall-Komunità bħala ħaġa waħda ('Azzjonijiet tal-Komunità'), fejn għandhom x'jaqsmu l-għan ġenerali li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ħidmiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ta' din u l-għan li titmexxa 'l quddiem l-inklużjoni progressiva tal-kontrolli doganali, veterinarji u fito-sanitarji f'ħidmiet integrati ta' tmexxija ta' fruntiera, skond l-evoluzzjoni politika f'dan il-qasam.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond, l-azzjonijiet tal-Komunità għandhom b'mod speċjali:

   (a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità biex ikunu implimentati l-liġi tal-Komunità u prattika tajba;

   (b) jappoġġjaw it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji bejn is-servizzi konsulari li jkunu jinsabu f'żewġ Stati Membri jew aktar, li dawn ikunu mfassla biex jippromwovu l-innovazzjoni u jħaffu l-bdil ta' esperjenza u prattika tajba;

   (c) jappoġġjaw studji, it-tixrid u l-bdil ta' informazzjoni, inkluż fuq l-użu ta' teknoloġija ta' livell għoli ħafna, fuq l-aħjar prattika u fuq l-aspetti l-oħra kollha ta' l-għan ġenerali li jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' l-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

   (d) jappoġġjaw proġetti pilota u studji li jesploraw il-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja u ta' liġi tal-Komunità f'dan il-qasam;

   (e) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod ta' statistika, metodi u indikaturi komuni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-azzjonijiet tal-Komunità għandu jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

KAPITOLI II
IL-PRINĊIPJI TA' L-GĦAJNUNA

Artikolu 8

Il-Komplementarjetà, il-konsistenza u l-konformità

1. Il-Fond għandu jipprovdi għajnuna li tkun tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, waqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-għajnujna mill-Fond u l-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistena għandha tintwera l-aktar fil-programm multiannwali msemmi fl-Artikolu 20.

3. L-operat iffinanzjat mill-Fond għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħt dan.

Artikolu 9

Il-Programm

1. L-għanijiet tal-Fond huma ssuktati fil-qafas ta' żewġ programmi multiannwali (2007-2010 u 2011-2013). Is-sistema tal-programmi multiannwali tinkludi l-prijoritajiet u proċess ta' tmexxija, teħid ta' deċiżjonijiet, verifika u ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi annwali.

Artikolu 10

L-Intervent sussidjarju u proporzjonali

1. L-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali u annwali msemmija fl-Artikoli 20 u 22 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fuq il-livell territorjali xieraq u skond is-sistema istituzzjonali li tkun speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbilità għandha tkun eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. Il-mezzi użati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ivarjaw skond il-qies tal-kontribuzzjoni tal-Komunità f'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-verifika. Id-divrenjzar għandu jkun jgħodd ukoll għad-dispożizzjonijiet fuq il-valutazzjoni u r-rapporti fuq il-programmi multiannwali u annwali.

Artikolu 11

Il-Metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-baġit tal-Komunità allokat għall-Fond għandu jkun implimentat, skond l-Artikolu 53, il-paragrafu 1, il-punt b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002[49], ħlief għall-Azzjonijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 7 u għall-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17.

   L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba.

[49] ĠU L 248, is-16 ta' Settembru 2002, p.1

2. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej billi:

(a) tivverifika l-eżistenza u t-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32;

(b) tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom skond l-Artikoli 41 u 42 jekk is-sistemi nazzjonali tat-tmexxija u l-kontroll ikunu jonqsu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 45 u 46.

3. Il-pajjiżi assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Schengen għandhom jieħdu sehem fil-Fond skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.

4. Għandhom ikunu konklużi arranġamenti li jkunu jespiċifikaw ir-regoli supplementari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni, inklużi dispożizzjonijiet li jassiguraw il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità u s-setgħa tal-verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri.

Artikolu 12

L-Addizzjonalità

1. Il-kontribuzzjonijiet mill-Fond m'għandhomx jieħdu post nefqa pubblika jew oħra ekwivalenti li tkun saret minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni, flimkien ma' kull Stat Membru, għandha tivverifika l-addizzjonalità ta' nofs it-terminu sal-31 ta' Diċembru 2012 u dik *ex-post* sat-30 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 13

Is-Sħubija

1. L-Istat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali preżenti, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-entitajiet li dan jaħtar, jiġifieri:

(a) l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u oħrajn pubbliċi kompetenti;

(b) kwalunkwe entità xierqa oħra li tirrappreżenta s-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet li mhumiex tal-gvern, inklużi l-imsieħba soċjali.

2. L-Istat Membru għandu jassigura involviment wiesa' u effettiv ta' l-entitajiet xierqa kollha, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali.

3. Is-sħubija għandha ssir skond il-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħeb.

4. Is-sħubija għandha tkopri l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-programmi multiannwali.

KAPITOLU III
IL-QAFAS FINANZJARJU

Artikolu 14

Ir-riżorsi globali

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' 2.152, 3 miljun Euro.

2. L-approprijazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-taqsim annwali indikattiv mill-Istati Membri skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15.

Artikolu 15

Id-distribuzzjoni annwali tar-riżorsi għall-azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Ir-riżorsi annwali disponibbli għandhom jinqasmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

   (a) 40 % fi proporzjon għall-fatturi oġġettivi li jiddefinixxu l-pożizzjoni tal-bidu ta' l-Istati Membri dwar l-amministrazzjoni tal-fruntieri u t-tmexxija ta' politika dwar il-viża f'uffiċċji konsulari matul l-aħħar sena; u

   (b) 60 % fi proporzjon għan-numru kollu ta' persuni milquta u għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri li jkunu qed japplikaw il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-amministrazzjoni tal-fruntieri u t-tmexxija ta' politika dwar il-viża f'uffiċċji konsulari matul l-aħħar sena.

2. Il-komponent taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jqis il-fatturi li ġejjin: it-tul tal-fruntieri esterni ta' l-art, it-tul tal-fruntieri esterni tal-baħar, in-numru ta' punti ta' qsim ta' fuq il-fruntieri li huma awtorizzati u n-numru ta' uffiċċji konsulari.

3. Dawn il-fatturi għandhom jitqiesu *inter alia* skond

   – in-natura tal-fruntiera ta' barra u l-grad konkomitanti ta' diffikultà biex titwettaq is-sorveljanza;

   – il-qies tal-flussi ta' passiġġieri f'punti awtorizzati ta' qsim fuq il-fruntieri, li jaffettwa l-ħila biex tkun assigurata t-tmexxija effiċjenti ta' dawn l-flussi;

   – in-numru ta' applikazzjonijiet għall-viża f'uffiċċji konsulari;

   – il-livell ta' riskju u t-theddid li wieħed jiltaqa' magħhom fil-fruntieri esterni, waqt li titqies l-analiżi tar-riskju li tkun saret mill-Aġnzija fuq il-bażi ta' mudell ta' analiżi ta' riskju komuni u integrat;

– is-sitwazzjoni speċifika ta’ żoni partikolari li jkunu qed jiffaċċjaw livell għoli ta’ pressjoni ta’ immigrazzjoni illegali.

4. Għal dak li għandu x’jaqsam mat-tul tal-fruntieri esterni ta’ l-art kif hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2, il-kalkolu m’għandux jinkludi l-fruntieri temporanji, ħlief għall-fruntieri temporanji għall-Istati Membri li qed jimplimentaw l-Acquis ta’ Schengen b’mod sħiħ. Minkejja dan, għal dawn il-fruntieri temporanji, se jiġi applikat koeffiċjenti korrettiv ta’ 65% għal dak li għandu x’jaqsam mal-fruntieri esterni ta' l-art.

5. Il-komponent taħt il-paragrafu 1(b) għandu jqis il-fatturi li ġejjin: in-numru ta’ persuni li jaqsmu punti awtorizzati ta’ qsim fuq il-fruntieri, in-numru ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li fil-fruntieri esterni jkunu ġew imċaħħda l-permess għad-dħul, in-numru ta’ persuni arrestati u n-numru ta’ applikazzjonijiet għall-viża.

6. Il-figuri ta’ referenza għall-flussi ta’ passiġġieri u n-numru ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li kienu mċaħħda l-permess tad-dħul ’il ġewwa mill-fruntieri ta’ l-Istati Membri huma l-iktar statistika reċenti li saret mill-Uffiċċju ta’ l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej skond il-liġi tal-Komunità.

7. Fejn l-istatistika msemmija fil-paragrafu 5 ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-figuri meħtieġa.

8. Għandha tkun adottata analiżi tal-fatturi kostanti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

9. L-allokazzjoni tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 m’għandhiex tinkludi r-riżorsi allokati għall-għan ta’ l-Artikolu 6. Dawn ir-riżorsi m’għandhomx ikunu aktar minn 15-il miljun Euro u m’għandhomx ikunu iżjed minn 75 % tan-nefqa totali msemmija taħt l-Artikolu 6(1).

Artikolu 16

L-Istruttura ta’ l-iffinanzjar

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tieħu l-forma ta’ għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m’għandhomx ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-estimi ġenerali ta’ l-Unjoni Ewropea.

3. L-approprijazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għan-nefqa pubblika jew dik ekwivalenti li tkun ġiet allokata mill-Istati Membri għall-miżuri koperti b’din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għal proġetti li jkunu appoġġjati, fejn għandhom x’jaqsmu l-azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, m’għandhiex tkun iktar minn 50 % tan-nefqa totali ta’ azzjoni speċifika.

Din tista' tiżdied sa 60 % għal dawk il-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji ta' gwida multiannwali tal-Kummissjoni kif definit fl-Artikolu 18.

Din għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Bħala regola ġenerali, l-għanjnua finanzjarja tal-Komunità mogħtija għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond, għandha tingħata għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin, suġġett għar-rapporti perjodiċi tal-progress perjodiku.

Artikolu 17

L-Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva ta' u/jew f'isem il-Kummissjoni, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, is-sorveljanza, miżuri amministrattivi u ta' appoġġ tekniku, kif ukoll miżuri ta' valutazzjoni, verifika u spezzjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fil-limiti ta' 0.20% ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond.

2. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinkludu:

   (a) studji, valutazzjonijiet, rapporti ta' l-esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar l-operat tal-Fond;

   (b) miżuri maħsuba għall-imsieħba, il-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Fond u għall-pubbliku ġenerali, l-aktar miżuri ta' informazzjoni;

   (c) l-istallazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għat-tmexxija, is-sorveljanza, l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;

   (d) titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-bdil ta' informazzjoni fuq prattika f'dan il-qasam.

Artikolu 18

L-Għajnuna teknika ta' l-Istati Membri

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, tmexxija, sorveljanza, valutazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-ħila amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont annwali li jitwarrab għall-għajnuna teknika m'għandux ikun iżjed minn 4 % ta' l-ammont totali annwali ta' l-iffinanzjar konġunt allokat għall-Istati Membru, u 30 000 Euro.

KAPITOLU IV

IL-PROGRAMM

Artikolu 19

L-Adozzjoni tal-linji ta' gwida strateġiċi

1. Għal kull perjodu ta' programmazzjoni multiannwali, il-Kummissjoni għandha tadotta linji ta' gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-politika dwar il-fruntieri esterni u l-viża kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perjodu kkonċernat.

2. Għall-għanijiet ġenerali msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, punt a) sa c) ta' din id-Deċiżjoni, dawk il-linji ta' gwida għandhom jagħtu effett b'mod speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità biex jitkompla t-twaqqif gradwali tas-sistema komuni u integrata tat-tmexxija tal-fruntieri esterni kif ukoll it-tisħiħ tal-kontrolli u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni;

3. Għall-għan ġenerali msemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, punt d) ta' din id-Deċiżjoni, dawk il-linji ta' gwida għandhom jagħtu effett b'mod speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità biex tkompli tiżviluppa l-politika komuni tagħha dwar il-viża bħala parti minn sistema maqsuma f'diversi partijiet li għandha l-għan li tħaffef l-ivvjaġġar leġittimu u li tittratta l-immigrazzjoni illegali billi tissaħħaħ il-prattika tat-tmexxija waqt missjonijiet konsulari lokali.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji ta' gwida strateġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ewwel programm multiannwali (2007-2010) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2006, u dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tieni programm multiannwali (2011-2013) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010.

5. Il-linji ta' gwida strateġiċi għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 20

It-Tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali

1. Kull Stat Membru għandu, għal kull fażi tal-programm u fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 19, jipproponi abbozz ta' programm multiannwali li għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti fl-Istat Membru dwar l-infrastruttura, tagħmir, mezzi ta' trasport, sistemi ta' ICT u arranġamenti għat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-ħaddiema li jaħdmu fl-awtoritajiet tal-fruntieri u fl-awtoritajiet konsulari rispettivament;

(b) analiżi tal-kriterji fl-Istat Membru in kwistjoni dwar l-infrastruttura, tagħmir, mezzi ta' trasport, sistemi ta' ICT u arranġamenti għat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-ħaddiema li jaħdmu fl-awtoritajiet tal-fruntieri u fl-awtoritajiet konsulari rispettivament, kif ukoll indikazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-operat imfassla biex jintlaħqu l-kriterji matul il-perjodu kopert bil-programm multiannwali;

(c) preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet mehnuża ma' l-akkwist ta' dawn, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex ikunu implimentati dawn il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk din l-istrateġija tkunx waħda kumpatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali jew oħrajn tal-Komunità;

(e) informazzjoni fuq il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom ikunu kwantifikati billi jintuża numru limitat ta' indikaturi għall-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt, waqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jagħmluha possibbli biex jitkejjel il-progress fejn għandhom x'jaqsmu s-sitwazzjoni tal-linja ta' bażi u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) abbozz ta' pjan ta' ffinanzjar li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull sena, il-kontribuzzjoni finanzjarja proposta tal-Fond u l-ammont ġenerali ta' l-iffinanzjar konġunt pubbliku jew privat;

(g) l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-programm multiannwali, inklużi:

– il-ħatra mill-Istat Membru ta' l-entitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 25;

– deskrizzjoni tas-sistemi ta' implimentazzjoni, sorveljanza, kontroll u valutazzjoni;

– definizzjoni tal-proċeduri għall-mobilizzazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-fondi biex tkun assigurata t-trasparenza tagħhom;

– id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex ikun assigurat li l-programm multiannwali jkun pubbliċizzat.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kull programm multiannwali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 13.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozz tal-programm multiannwali tagħhom sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji ta' gwida strateġiċi għall-perjodu in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-programm multiannwali propost fid-dawl ta' dan li ġej:

(a) il-konsistenza tiegħu ma' l-għanijiet tal-Fond u l-linji ta' gwida strateġiċi definiti fl-Artikolu 19,

(b) ir-relevanza, il-konvenjenza u r-riżultati mistennija ta' l-istrateġija u t-temi ta' prijorità ta' l-operat proposti mill-Istat Membru;

(c) il-konformità ma' l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' dan mal-liġi tal-Komunità u l-aktar mal-liġi tal-Komunità li jkollha l-għan li tassigura l-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli tal-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li programm multiannwali ma jkunx konsistenti mal-linji ta' gwida strateġiċi jew ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll, din għandha titlob lill-Istat Membru biex jirrevedi l-programm propost kif xieraq.

6. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm multiannwali fi żmien erba' xhur mis-sottomissjoni formali tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 21

Ir-Reviżjoni tal-programmi multiannwali

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru jew il-Kummissjoni, il-programm multiannwali għandu jkun mistħarreġ mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perjodu tal-programm biex jagħti attenzjoni akbar jew differenti lejn il-prijoritajiet tal-Komunità, l-aktar fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-programmi multiannwali jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fid-dawl tal-valutazzjonijiet u/jew wara xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova fuq ir-reviżjoni tal-programm multiannwali kemm jista' jkun malajr wara s-sottomissjoni formali ta' talba mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 22

Il-Programmi annwali

1. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, bi stima ta' l-ammonti li għandhom ikunu allokati lilhom għas-sena ta' wara mill-approprijazzjonijiet totali taħt il-proċedura tal-baġit annwali, ikkalkulati kif hemm spjegat fl-Artikolu 15.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm multiannwali li jkun jinkludi:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla ta' proġetti li għandhom ikunu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom isiru mill-awtorità responsabbli meta jiġi implimentat il-programm annwali;

(c) it-taqsim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex tkun koperta l-għajnuna teknika u amministrattiva taħt l-Artikolu 18 biex ikun implimentat il-programm annwali.

4. Meta teżamina l-proposta ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprijazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura tal-baġit u għandha tieħu deċiżjoni fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond sa mhux aktar tard mill-1ta' Marzu tas-sena in kwistjoni. Id-deċiżjoni għandha turi l-ammont allokat għall-Istat Membru u l-perjodu li għalih in-nefqa hija eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Aġenzija l-programmi annwali nazzjonali li jkunu ġew approvati.

KAPITOLU V
IS-SISTEMI TAT-TMEXXIJA U L-KONTROLL

Artikolu 23

L-Implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni skond kif ikun meħtieġ.

Artikolu 24

Il-Prinċipji ġenerali tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

Is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programmi ta' l-operat stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu għal:

(a) definizzjoni ċara tal-funzjonijiet ta' l-entitajiet u/jew tad-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni u l-kontroll u allokazzjoni ċara tal-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(b) separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn l-entitajiet u/jew d-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u l-kontroll, u bejn dawk il-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(c) riżorsi xierqa għal kull entità jew dipartiment biex jitwettqu l-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lil dawn matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati mill-Fond;

(d) arranġamenti ta' kontroll intern effettiv ta' l-awtorità responsabbli u ta' kwalunkwe awtorità li tkun ġiet delegata;

(e) sistemi kredibbli ta' kontabilità, sorveljanza u rapportar finanzjarju, f'forma kompjuetrizzata;

(f) sistema effettiva ta' rapportar u sorveljanza fejn it-turija tal-ħidmiet tkun ġiet delegata;

(g) manwali dettaljati tal-proċedura fejn għandhom x'jaqsmu l-funzjonijiet li jridu jitwettqu;

(h) arranġamenti effettivi għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) sistemi u proċeduri biex ikun assigurat rekord ta' verifika suffiċjenti;

(j) proċeduri li jikkonċernaw ir-rapportar u s-sorveljanza ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti ta' flus li ma jkunux tħallsu kif suppost.

Artikolu 25

Il-Ħatra ta' l-awtoritajiet

1. Għal kull programm multiannwali, l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: entità funzjonali ta' l-Istat Membru jew awtorità pubblika nazzjonali jew entità maħtura mill-Istat Membru, li tkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' programmi multiannwali u annwali appoġġjati mill-Fond. Din għandha tittratta l-komunikazzjonijiet kollha li hija jkollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità li tiċċertifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha din tkun indipendenti minn kwalunkwe dipartiment li jawtorizza ta' l-awtorità responsabbli, u li tinħatar mill-Istat Membru biex tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-applikazzjonijiet għall-ħlas qabel dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(c) awtorità tal-verifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha tkun indipendenti minn kull dipartiment li jawtorizza ta' l-awtorità responsabbli, li tkun maħtura mill-Istat Membru u li tkun responsabbli biex tivverifika l-operat tajjeb tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll;

(d) awtorità delegata;

(e) entità ta' valutazzjoni tal-konformità li għandha tinħatar fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-awtorità tal-verifika maħtura bħala l-entità tal-valutazzjoni tal-konformità, fejn din ikollha l-ħila meħtieġa u l-indipendenza ta' l-operat. Din għandha twettaq ix-xogħol tagħha skond standards internazzjonali ta' verifika.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli li jikkontrollaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' dawk l-awtoritajiet u entitajiet u r-relazzjonijiet ta' dawn mal-Kummissjoni.

3. Suġġett għall-Artikolu 24 (b), il-funzjonijiet tal-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu mill-istess entità jew dipartiment.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 sa 30 għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 26

L-Awtorità responsabbli

1. L-awtorità reponsabbli tista' tkun entità ta' l-Istat Membru stess, awtorità pubblika nazzjonali, kif ukoll entità kkontrollata bil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li jkollha missjoni ta' servizz pubbliku. Fejn l-Istat Membru jaħtar awtorità responsabbli għajr lilu nnifsu, dan għandu jistabbilixxi l-arranġamenti kollha li jkunu jikkontrollaw ir-relazzjonijet tiegħu ma' din l-awtorità kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' din ta' l-aħħar mal-Kummissjoni.

2. L-awtorità responsabbli għandha tilħaq dawn il-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Din għandha:

   (a) ikollha personalità legali, ħlief fejn din tkun entità funzjonali ta' l-Istat Membru;

   (b) ikollha l-infrastruttura meħtieġa biex titwassal malajr kull komunikazzjoni għand sensiela kbira ta' utenti u għand l-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħra jew għand il-Kummissjoni;

   (c) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jipperemtti li jitwettqu l-ħidmiet tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

   (d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli tat-tmexxija tal-fond tal-Komunità;

   (e) ikollha ħiliet finanzjarji u ta' tmexxija li jkunu fi proporzjon għall-volum tal-fondi tal-Komunità li din ikollha tamministra;

   (f) ikollha għad-dispożizzjoni tagħha ħaddiema bi kwalifiki professjonali xierqa u ħiliet lingwistiċi għax-xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

3. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-fondi meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-ħidmiet tagħha kif xieraq u mingħajr waqfien matul il-perjodu kollu 2007-2013.

Artikolu 27

Ix-Xogħol ta' l-awtorità responsabbli

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva u korretta tal-programm multiannwali. Din għandha b'mod speċjali:

(a) tikkonsulta lill-imsieħba relevanti (organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, imsieħba soċjali eċċ.) permezz tal-mekkaniżmi tas-sħubija stabbiliti skond l-Artikolu 13;

(b) tissottometti lill-Kummissjoni l-proposti għall-programmi multiannwali u annwali definiti fl-Artikoli 20 u 22;

(c) torganizza u tippubblika sejħat għall-offerti u proposti;

(d) torganizza proċeduri ta' għażla u aġġudikazzjoni għall-iffinanzjar konġunt tal-Fond skond il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament l-istess u n-non-kombinazzjoni ta' għotjiet;

(e) tirċievi pagamenti li jkunu saru mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji;

(f) tassigura konsistenza u komplementarjetà bejn l-iffinanzjar konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji relevanti oħra;

(g) tivverifika t-twassil u t-twettiq tal-prodotti u s-servizzi ko-finanzjati u li n-nefqa dikjarata għall-azzjonijiet tkun saret verament u tkun konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(h) tassigura li jkun hemm sistema li tkun tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata rekords dettaljati ta' kontabilità għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali, u li d-data fuq l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għat-tmexxija, is-sorveljanza, il-kontroll u l-valutazzjoni finanzjarja tkun tabilħaqq inġabret;

(i) tassigura li l-benefiċjarji u l-entitajiet l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond ikunu qed iżommu jew sistema separata ta' kontabilità jew kodiċi xieraq ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha kkonċernati ma' l-operat;

(j) tassigura li l-valutazzjonijiet tal-programmi multiannwali msemmija fl-Artikolu 48 ikunu qed isiru fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u jkunu laħqu standards ta' kwalità li dwarhom ikun ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(mk tistabbilixxi proċeduri biex ikun assigurat li d-dokumenti kollha dwar in-nefqa u l-verifika, meħtieġa biex ikun assigurat rekord xieraq ta' verifika, ikunu qed jinżammu skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 43;

(l) tassigura li l-awtorità tal-verifika tirċievi, biex jitwettqu l-verifiki definiti fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1, l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri ta' tmexxija li jkunu qed jitħaddmu u dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Fond;

(m) tassigura li, għall-għan ta' ċertifikazzjoni, l-awtorità li tiċċertifika tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru b'rabta man-nefqa;

(n) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti, prospetti tan-nefqa li jkunu ġew ċertifikati mill-awtorità li tiċċertifika, kif ukoll l-applikazzjonijiet għall-pagamenti;

(o) twettaq ħidmiet ta' għoti ta' informazzjoni u pariri u tqassam ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġjati;

(p) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fi Stati Membri oħra.

2. Il-ħidmiet tat-tmexxija ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' l-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18.

Artikolu 28

Id-Delega ta' ħidmiet mill-Awtorità Responsabbli

1. Fejn il-ħidmiet kollha ta' l-awtorità responsabbli jew uħud minnhom ikunu ġew delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi b'mod preċiż l-iskop tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 fuq.

2. Dawn il-proċeduri jridu jipprovdu lill-awtorità responsabbli b'informazzjoni regolari fuq it-turija effettiva tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

Artikolu 29

L-Awtorità li Tiċċertifika

1. L-awtorità li tiċċertifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tiċċertifika li:

– il-prospett tan-nefqa jkun korrett, ikun ġej minn sistemi kredibbli ta' kontabilità u li dan ikun ibbażat fuq dokumenti ta' appoġġ li jkunu jistgħu jiġu verifikati,

– in-nefqa dikjarata tkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li din tkun saret għall-azzjonijiet magħżula skond il-kriterji applikabbli tal-programm u li jkunu konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(b) tassigura għall-għanijiet taċ-ċertfikazzjoni li hi tkun irċeviet informazzjoni xierqa mill-Awtorità Responsabbli fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn tidħol in-nefqa inkluża fil-prospetti tan-nefqa;

(c) tqis għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni r-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu saru minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika;

(d) iżżomm ir-rekords ta' kontabilità dwar in-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni f'forma kompjuterizzata;

(e) tassigura l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjar tal-Komunità li ma jkunx sar kif suppost minħabba xi irregolaritajiet li jkunu nstabu, flimkien ma' l-interessi fejn ikun xieraq, waqt li żżomm rekord ta' l-ammonti li jkunu ġew irkuprati u tħallas lura dawn l-ammonti lill-Kummissjoni; fejn ikun possibbli din għandha tnaqqashom mill-propsett tan-nefqa li jkun imiss.

2. Il-ħidmiet ta' l-awtorità li tiċċertifika fejn jidħlu l-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 25, ikunu rispettati.

Artikolu 30

L-Awtorità tal-Verifika

1. L-awtorità tal-verifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tassigura li l-verifiki jkunu saru skond standards internazzjonali ta' verifika biex ikun verifikat l-operat effettiv tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm multiannwali;

(b) tassigura li jsiru l-verifiki fuq l-azzjonijiet fuq il-bażi ta' kampjun xieraq biex din tkun tista' tivverifika n-nefqa dikjarata; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għal kull programm annwali;

(c) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm multiannwali, strateġija ta' verifika li tkun tkopri l-entitajiet li se jagħmlu l-verifiki msemmija taħt il-punti (a) u (b), il-metodu li se jintuża, il-metodu ta' kif jittieħed il-kampjun għall-verifiki fuq l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond, u l-ippjanar indikattiv tal-verifiki biex ikun assigurat li l-benefiċjarji ewlenin ta' l-iffinanzjar konġunt mill-Fond ikunu ġew verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxa b'mod ibbilanċjat matul il-perjodu kollu ta' l-ipprogrammar.

2. Fejn l-awtorità tal-verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità tal-verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet….., …… u …… [50], jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija kombinata waħda taħt il-paragrafu 1 punt (c).

3. L-awtorità tal-verifika għandha tagħmel abbozz ta' rapport finali fuq l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali kif definit fl-Artikolu 50(2), li għandu jinkludi:

[50] Daħħal ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilxxu l-ERF, il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni.

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu saru skond l-istrateġija tal-verifika tal-programm annwali, fejn għandhom jiġu rappurtati kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu nstabu fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm;

(b) opinjoni dwar jekk is-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tkunx ħadmet b'mod effettiv biex tingħata assikurazzjoni raġonevoli fuq il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni u dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jsiru rigward din in-nefqa;

(c) dikjarazzjoni li tistħarreġ il-validità ta' l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jkunu saru rigward dan u li jkunu koperti bil-prospett finali tan-nefqa.

4. Fejn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 jsiru minn entità għajr l-awtorità tal-verifika, l-awtorità tal-verifika għandha tassigura li dawn l-entitajiet ikollhom l-awtonomija ta' l-operat meħtieġa u li x-xogħol isir skond standards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-ħidmiet ta' l-awtorità tal-verifika jew ta' l-entità msemmija fil-paragrafu 4 li jkollhom x'jaqsmu mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jkunu finanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritti fl-Artikolu 25, ikunu rispettati.

KAPITOLU VI
IL-KONTROLLI

Artikolu 31

Ir-Responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-programmi multiannwali u annwali kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet kollha li jsiru rigward dawn.

2. Huma għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kull awtorità delegata, l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, l-awtoritajiet tal-verifika u kwalunkwe entitajiet oħra kkonċernati jirċievu gwida xierqa biex jitwaqqfu s-sistemi ta' tmexxija u kontroll msemmija fl-Artikoli 24 sa 30. Dan biex ikun assigurat li l-iffinanzjar tal-Komunità jintuża b'mod effiċjenti u tajjeb.

3. L-Istati Membri għandhom jevitaw, ifittxu u jikkoreġu kull irregolarità. Dawn għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni mgħarrfa dwar il-progress li jkun sar fil-proċeduri amministrattivi u legali.

Meta jkun hemm ammonti li jkunu tħallsu lil benefiċjarji mhux kif suppost u dawn ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru huwa għandu jħallas lura dawk l-ammonti mitlufa lill-estimi tal-Komunitajiet Ewropej.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-verifika jkunu implimentati b'tali mod li jkunu jiggarantixxu li l-fondi tal-Komunità jintużaw kif xieraq u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni għall-ġbir ta' l-istatistika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 15.

6. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 32

Is-Sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

1. Qabel l-adozzjoni ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll jkunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 24 sa 30. Dawn għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li s-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu kollu tal-programm.

2. Flimkien mas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll deskrizzjoni dwar is-sistemi, li jkopru l-aktar l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, u dwar is-sistemi ta' verifiki interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawn l-awtoritajiet u entitajiet, fl-awtorità tal-verifika, u fi kwalunkwe entità oħra li tkun qed tagħmel tali verifiki taħt ir-responsabbilità tagħha.

3. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport magħmul mill-entità tal-valutazzjoni tal-konformità. Dan għandu jipprovdi r-riżultati tal-valutazzjoni fuq is-sistemi, waqt li jagħti opinjoni fuq il-konformità ta' dawn ma' l-Artikoli 24 sa 30. F'każ li l-opinjoni jkollha xi riżervi, ir-rapport għandu juri n-nuqqasijiet u l-gravità tagħhom. L-Istati Membri għandhom ifasslu, bi ftehim mal-Kummissjoni, pjan li jistabbilixxi l-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu u l-orarju għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 33

Ir-Responsabbilitajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nfisha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30, li l-Istati Membri jkunu stabbilew sistemi ta' tmexxija u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 24 sa 30, u, fuq il-bażi tar-rapporti tal-verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jkunu qed jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jkunu saru mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, li dawn jistgħu jinkludu verifiki fuq l-azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali; biex isiru dawn għandu jingħata avviż ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim tajjeb tas-sistemi jew il-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew aktar. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħha jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li jkunu ngħataw l-informazzjoni, il-pubbliċità u l-issuktar xierqa għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 34

Il-Kooperazzjoni ma' l-entitajiet tal-kontroll ta' l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet tal-verifika tal-programmi multiannwali biex jikkoordinaw il-pjani ta' kontroll u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom. Hija għandha tagħmel minnufih bdil tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll ħalli tkun tista' tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tal-kontroll u biex ikun evitat irduppjar ta' xogħol li mhux ġustifikat.

   Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha fuq l-istrateġija tal-verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 30 sa mhux aktar tard minn tliet xhur jew fl-ewwel laqgħa wara li din tkun irċevietha.

2. Biex tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi multiannwali li

   (a) jkunu konformi mas-sistema stabbilita taħt l-Artikolu 32 mingħajr riżervi jew li għalihom ir-riżervi jkunu tneħħew wara li jkunu ttieħdu l-miżuri korrettivi; u

   (b) għalihom l-istrateġija tal-verifika ta' l-awtorità tal-verifika taħt l-Artikolu 30 tkun tajba u fejn tkun inkisbet assikurazzjoni raġonevoli li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru mill-Kummissjoni u l-Istat Membru.

3. Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Istati Membri kkonċernati li din tkun se tistrieħ l-aktar fuq l-opinjoni ta' l-awtorità tal-verifika fejn jidħlu l-korrettezza, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa dikjarata, u li din tkun se tagħmel verifiki fuq il-post f'każijiet eċċezzjonali biss.

KAPITOLU VII
IT-TMEXXIJA FINANZJARJA

Artikolu 35

L-Eliġibbilità – id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha tan-nefqa għandhom jinkludu l-ammont tan-nefqa li jkun sar mill-benefiċjarji biex jimplimentaw l-azzjonijiet kif ukoll il-kontribuzzjoni li tikkorrispondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. In-nefqa għandha tkun tikkorrispondi għall-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarji. Din għandha tkun ġustifikata b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità li jkunu jixhdu għal din in-nefqa.

3. In-nefqa tista' tiqies eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond biss jekk din tkun tħallset fil-fatt mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt muri fl-Artikolu 22(4). L-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma jridux ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbilità.

4. In-nefqa li ġejja m'għandhiex tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fond:

   – il-VAT;

   – imgħax fuq id-dejn;

   – ix-xiri ta' art għal ammont li jkun ta' iżjed minn 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għall-operat ikkonċernat;

   – akkommodazzjoni.

5. Ir-regoli li jikkontrollaw l-eliġibbilità tan-nefqa fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati li jkunu ko-finanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 36

Is-Sħuħija tal-ħlas lill-benefiċjarji

L-Istati Membri għandhom ikunu sodisatti li l-awtorità responsabbli tassigura li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi kemm jista' jkun malajr u b'mod sħiħ. L-ebda ammonti m'għandhom jitnaqqsu jew jinżammu, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tista' tnaqqas dawn l-ammonti lill-benefiċjarji.

Artikolu 37

L-Użu ta' l-Euro

L-ammonti kollha msemmija fid-deċiżjonijiet tal-finanzjament, ir-rabtiet tal-Kummissjoni u l-pagamenti, kif ukoll l-ammonti tan-nefqa ċċertifikata u t-talbiet għall-ħlas mill-Istati Membri għandhom ikunu espressi u mħallsa f'Euro.

Artikolu 38

Ir-Rabtiet

Ir-rabtiet tal-baġit tal-Komunità għandhom isiru ta' kull sena fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-ko-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 22(4).

Artikolu 39

Il-Pagamenti - Finanzjament minn qabel

1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fondi għandhom isiru skond ir-rabtiet tal-baġit.

2. Il-pagamenti għandu jkollhom il-forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Dawn għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. Pagament ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni annwali tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond, għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-iffinanzjar konġunt.

4. It-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat ir-rapport tal-progress fuq l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjrazzjoni ċċertifikata tan-nefqa li tkun saret skond l-Artikoli 29, il-punt a) u 35; dan għandu jammonta għal mill-inqas 70 % ta' l-ammont tal-pagament tal-bidu. L-ammont tat-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel li jkun sar mill-Kummissjoni m'għandux ikun aktar minn 50 % ta' l-ammont totali allokat bid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt jew, fi kwalunkwe eventwalità, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi tal-Komunità li l-Istat Membru jkun intrabat bihom għal proġetti magħżula taħt il-programm annwali, bit-tnaqqis ta' l-ewwel pagament ta' finanzjament minn qabel.

5. L-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' finanzjament minn qabel għandhom ikunu assenjati għall-programm ikkonċernat u għandhom jitnaqqsu mill-ammont tan-nefqa pubblika ddikjarata fil-prospett finali tan-nefqa.

6. L-ammonti mħallsa bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

Artikolu 40

Il-pagamenti tal-bilanċ

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm din tkun irċeviet d-dokumenti li ġejjin fi żmien disa' xhur mid-data tat-tmiem ta' l-eliġibbilità ta' l-ispejjeż definiti fid-deċiżjoni annwali fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond:

   (a) dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż li tkun saret kif xieraq skond l-Artikoli 29, il-punt a) u 35;

   (b) ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni għall-programm annwali, inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 51;

   (c) ir-rapport tal-verifika, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3).

   Il-ħlas tal-bilanċ huwa suġġett għall-approvazzjoni tar-rapport finali ta' l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-validità għat-talba biex jitħallas il-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data stabbilita u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tikkanċella kwalunkwe parti mir-rabta tal-bagit tal-programm annwali li jikkorrispondi li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura tal-kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti kkonċernati, fejn il-proċeduri legali jew appell amministrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom fis-seħħ fuq livell ta' Stat Membru fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dokumenti definiti fil-paragrafu 1. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie sottomess, għandu jagħti informazzjoni dettaljata fuq dawn il-proġetti, u jibgħat ir-rapporti fuq il-progress li jkun sar fuq dawn il-proġetti kull 6 xhur. Fi żmien 3 xhur mill-konklużjoni tal-proċeduri legali jew il-proċedura ta' l-appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perjodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragarfu 1 għandu jitwaqqaf jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tissospendi l-pagamenti ta' l-iffinanzjar konġunt għall-programm annwali relevanti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 42. Il-perjodu għandu jibda għal darb'oħra mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 42(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41, il-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur minn mindu tkun irċeviet id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont tan-nefqa li għandu jingarr mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġejjin mid-differenza bejn in-nefqa ddikjarata u n-nefqa li għandha tingarr mill-bagit. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur minn mindu tkun irċeviet il-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tan-nefqa li jkun a karigu tal-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn in-nefqa finali magħrufa u s-somom li jkunu tħallsu diġà lill-Istati Membri.

7. Suġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din tkun aċċettat id-dokumenti msemmija fil-

paragrafu 1 fuq. Il-bilanċ tar-rabta tal-baġit għandu jkun rilaxxjat fi żmien sitt xhur wara li jkun sar il-pagament.

Artikolu 41

L-Interruzzjoni

1. L-għeluq iż-żmien tal-pagament għandu jkun interrott mill-uffiċjal li jawtorizza b'delega, fit-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, għal perjodu massimu ta' sitt xhur jekk ikun hemm dubji dwar it-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll jew jekk l-uffiċjal li jawtorizza ikun jeħtieġ aktar tagħrif ieħor mill-awtoritajiet nazzjonali waqt il-proċess tas-sorveljanza ta' l-osservazzjonijiet li jkunu saru taħt ir-reviżjoni annwali, jew jekk dan ikollu suspetti li jkun hemm irregolaritajiet serji, misjuba jew preżunti, fin-nefqa ddikjarata.

   Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-awtorità responsabbli dwar ir-raġunijiet għal din l-interruzzjoni. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

2. Il-perjodu massimu ta' sitt xhur għandu jiżdied għal perjodu massimu ieħor ta' sitt xhur jekk ikun hemm verament il-ħtieġa li tkun adottata deċiżjoni skond l-Artikoli 42 u 45.

Artikolu 42

Is-Sospensjoni

1. Il-pagamenti kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jkunu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm li jaffettwa l-kredibbilità tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-pagamenti u li għal dawn ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

   (b) in-nefqa fi prospett iċċertifikat tan-nefqa tkun marbuta ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet korretta; jew

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 31 u 32.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex dan jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perjodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa biex titneħħa din is-sospensjoni.

4. Jekk il-miżuri meħtieġa ma jkunux ittieħdu mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tnaqqas l-ammont nett jew li tħassar il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm annwali skond l-Artikolu 46.

Artikolu 43

Iż-Żamma tad-dokumenti

F'kull Stat Membru, l-awtorità responsabbli għandha tassigura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa u l-verifiki fuq il-programm annwali kkonċernat jibqgħu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri.

Id-dokumenti għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara t-tmiem tal-programm annwali, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkontrollaw l-għajnuna ta' l-Istat. Dan il-perjodu għandu jkun interrott jew f'każ ta' proċeduri legali jew fuq it-talba tal-Kummissjoni waqt li tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

Id-dokumenti għandhom jinżammu jew fil-forma oriġinali tagħhom jew inkella f'verżjonijiet iċċertifikati bħala konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' ħażna ta' data aċċettati b'mod ġenerali.

KAPITOLU VIII
IL-KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 44

Il-Korrezzjonijiet finanzjarji stabbiliti mill-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni biex din timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli biex jistħarrġu kull irregolarità. Dawn għandhom jaġixxu fuq l-evidenza ta' kwalunkwe bidla kbira li tkun taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' l-għajnuna. Dawn għandhom jagħmlu wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji fejn għandhom x'jaqsmu irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali. Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fl-irkupru tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

   L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali li huma jibagħtu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 50(2) lista ta' proċeduri ta' skanċellatura li jkunu nbdew għall-programm annwali kkonċernat.

   Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità, jew ta' parti minnha, u, fejn l-ammont ma jkunx tħallas lura fiż-żmien previst mill-Istat Membru relevanti, għandhom jitħallsu interessi kontumaċji bir-rata pprovduta fl-Artikolu 47(2).

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistematiċi, l-Istat Membru għandu jestendi l-istħarriġ tiegħu biex ikopri l-operat kollu li jista' jiġi affettwat.

Artikolu 45

Il-Verifiki tal-kontijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-verifiki li jkunu twettqu mill-Istati Membri skond il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki tal-kampjun, fuq l-operazzjonijiet finanzjati mill-Fond u fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan għandu jingħata avviż b'ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat biex din tikseb l-għajnuna kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew il-ħaddiema ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex iwettaq verifika fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew aktar. L-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

3. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31, din għandha tissospendi l-pagament tal-finanzjament minn qabel jew dak finali skond l-Artikolu 42.

Artikolu 46

Il-Kriterji għall-korrezzjonijiet

1. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel il-korrezzjonijiet fil-perjodu stabbiliti kif imfisser fl-Artikolu 42(2) u jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fi żmien tliet xhur li tħassar il-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew parti minnha għal programm annwali meta din tikkonkludi li:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm, li jkun poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Komunità li tkun tħallset diġà għall-programm;

   (b) in-nefqa li tkun tidher fi propsett ta' nefqa ċċertifikat tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu; u

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31 qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

   (d) Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun qieset kwalunkwe kummenti li jkunu saru mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità li tkun ġiet identifikata, waqt li tqis in-natura sistematika ta' l-irregolarità biex tistabbilixxi jekk għandhiex tkun applikata korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkollu x'jaqsam ma' prospett ta' nefqa li għalih tkun ingħatat assikurazzjoni pożittiva skond l-Artikolu 30(3), il-punt

b) f'rapport annwali, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur biex jirribatti din il-preżunzjoni.

3. Il-Kummissjoni, meta din tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni, għandha tqis l-importanza ta' l-irregolarità kif ukoll il-limitu u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm ta' l-operat ikkonċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, din għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha stess dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 32, ir-rapporti ta' l-irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġibiet li jkunu saru mill-Istat Membru.

Artikolu 47

Il-Ħlas lura

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-Kummissjoni għandu jkun jsir qabel id-data murija fl-ordni għall-irkupru li tkun saret skond l-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[51]. Din id-data għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar ta' wara l-pubblikazzjoni ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien biex isir il-ħlas lura għandu jwassal biex ikun impost imgħax minħabba ħlas li jkun sar tard; dan l-imgħax għandu jibda jgħodd mid-data li sa dakinhar kellu jsir il-ħlas u jintemm fid-data ta' meta jsir il-ħlas proprju. Ir-rata ta' dan l-imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operat ewlieni tiegħu ta' finanzjar mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun taħbat id-data, u li mbagħad tiżdied bi tliet punti perċentwali u nofs.

Artikolu 48

L-Obbligi ta' l-Istati Membri

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 46.

KAPITOLU IX
IS-SORVELJANZA, IL-VALUTAZZJONI U R-RAPPORTI

Artikolu 49

Is-Sorveljanza u l-valutazzjoni

[51] ĠU L248, is-16 ta' Diċembru 2002

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sorveljanza regolari fuq il-Fond flimkien ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jkun valutat regolarment mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri biex tkun valutata r-relevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-għan ġenerali msemmi fl-Artikolu 3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk issuktati taħt politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

3. Sa Diċembru 2001 il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni dwar l-impatt tal-Fond fuq l-iżvilupp tal-politika u l-leġislazzjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni. Hija għandha tagħmel ukoll valutazzjoni dwar is-sinerġiji bejn il-Fond u l-ħidmiet ta' l-Aġenzija, kif ukoll dwar il-konvenjenza tal-kriterji stabbiliti biex ikunu allokati l-fondi bejn l-Istati Membri fid-dawl ta' l-għan issuktat mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Artikolu 50

Ir-Rapporti

1. F'kull Stat Membru l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tassigura s-sorveljanza jew il-valutazzjoni tal-proġett.

   Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet, għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu ħalli jkunu sottomessi rapporti regolari u dettaljati fuq l-istat tal-progress ta' l-implimentazzjoni u t-tkomplija ta' l-għanijiet assenjati.

2. F'mhux iktar minn disa' xhur wara għeluq iż-żmien ta' l-eliġibbiltà għan-nefqa stabbilit fid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt għal kull programm annwali, l-awtorità responsabbli għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport finali ta' l-implimentazzjoni u dikjarazzjoni finali tan-nefqa, kif hemm imsemmi fl-Artikolu 35.

3. L-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni:

   (a) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' valutazzjoni fuq l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond;

   (b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012 (għall-perjodu 2007-2010) u t-30 ta' Ġunju 2015 (għall-perjodu 2011-2013) rispettivament, rapport ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:

   (a) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009, rapport fuq l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15 għat-taqsim annwali bejn l-Istati Membri, flimkien mal-proposti dwar l-emendi jekk ikun meħtieġ;

   (b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, rapport intermedju fuq ir-riżultati miksuba u fuq l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-

implimentazzjoni tal-Fond, flimkien ma' proposta fuq l-iżvilupp tal-ġejjieni tal-Fond;

(c) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 (għall-perjodu 2007-2010) u l-31 ta' Diċembru 2015 (għall-perjodu 2011-2013) rispettivament, rapport ta' valutazzjoni *ex post*.

Artikolu 51

Ir-Rapport annwali finali

1. Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 50(2) għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja biex tinkiseb stampa ċara dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali u multiannwali:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u ta' l-operat tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm multiannwali u l-prijoritajiet fejn jidħlu l-miri speċifiċi u verifikabbli tagħhom, bi kwantifikazzjoni, kulfejn u kulmeta dawn iwasslu lilhom infushom għall-kwantifikazzjoni, ta' l-indikaturi fiżiċi u ta' l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt għall-prijorità;

(c) il-miżuri meħuda mill-awtorità responsabbli biex tassigura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, l-aktar:

– miżuri ta' sorveljanza u valutazzjoni, inklużi arranġamenti ta' ġbir ta' data;

– taqsira dwar kwalunkwe problemi kbar li wieħed ikun iltaqa' magħhom waqt l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-operat u kwalunkwe miżuri li jkunu ttieħdu;

– l-użu li jkun sar mill-għajnuna teknika.

(d) il-miżuri meħuda biex tingħata informazzjoni fuq u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u multiannwali.

2. Ir-rapporti għandhom ikunu ġġudikati bħala aċċettabbli fejn dawn ikollhom l-informazzjoni kollha li hemm imniżżla fil-paragrafu 1. Fi żmien xahrejn il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-kontenut tar-rapport annwali fuq l-implimentazzjoni li jkun intbagħat mill-awtorità responsabbli. Jekk il-Kummissjoni ma tagħti l-ebda tweġiba fiż-żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies bħala wieħed aċċettabbli. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Aġenzija r-rapporti approvati ta' l-implimentazzjoni.

KAPITOLU X

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 52

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat komuni għas-"Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", stabbilit b'din id-Deċiżjoni[52] ("il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' din.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 53

Ir-Reviżjoni

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013.

Artikolu 54

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 55

Id-Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[52] Niżżel ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-ERF, il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. LI TKUN ŻVILUPPATA S-SOLIDARJETA FIL-QASAM TA' L-INTEGRAZZJONI TA' ĊITTADINI TA' PAJJIZI TERZI

1.1. Id-Dikjarazzjoni u l-analiżi tal-problema

It-tluq minn pajjiżi terzi lejn l-UE hija realtà ta' kuljum f'kull Stat Membru. Waqt li t-tqassim relattiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jvarja b'mod sostanzjali fl-Istati Membri, kollha kemm huma jinsabu ffaċċjati bil-fenomenu tad-diversità etnika, kulturali u lingwistika dejjem tiżdied fis-soċjetajiet tagħhom u mill-ħtieġa biex jitmexxew 'il quddiem 'ir-relazzjonijiet interkulturali'.

Kif ikkonfermat mill-Ewwel Rapport Annwali fuq il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni[53], l-immigrazzjoni qed ikompli jkollha rwol importanti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-kuntest tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u tat-tnaqqis fin-numru ta' persuni li jaħdmu, il-flussi ta' l-immigrazzjoni x'aktarx li se jkomplu jiżdiedu; dawn huma meħtieġa biex jilqgħu għat-tkabbir ta' l-UE. L-Ewropa trid tkun imħejjija għal dan.

L-integrazzjoni b'suċċess ta' l-immigranti hija kemm materja ta' koeżjoni soċjali kif ukoll prerekwiżit għall-effiċjenza ekonomika. Fil-kuntest ta' l-aġenda ta' Liżbona mnedija mill-ġdid, huwa importanti li tkun assigurata l-integrazzjoni kemm ta' l-immigranti stabbiliti u dawk tal-ġejjieni.

L-importanza ta' politika aktar b'saħħitha biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE huwa rifless b'mod ċar fil-Programm ta' The Hague. Il-leġiżlazzjoni li tissalvagwardja d-drittijiet tar-residenti li jkunu qed jgħixu hemm għal perjodu twil, il-leġiżlazzjoni fuq ir-riunifikazzjoni ta' familji u dik fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija, kollha hemm ftehim dwarhom u issa dawn jew diġà ddaħħlu fil-liġi nazzjonali jew waslu biex ikunu. Dawn id-direttivi jsawru l-pedament tal-politika ta' l-UE fuq l-integrazzjoni.

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ħtiġiet ta' integrazzjoni speċifiċi, li huma differenti mill-ħtiġiet ta' gruppi żvantaġġati oħra. Dan għaliex ħafna drabi dawn ikunu ġodda għas-soċjetà li tilqagħhom. Ħafna drabi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkunux familjari mal-valuri Ewropej, u jista' jkollhom għarfien limitat dwar il-lingwa tal-komunità li qed tilqagħhom u dwar il-modi tal-ħajja ta' kuljum. Importanti wkoll huwa l-fatt li xi drabi dawn ma jkollhomx l-istess drittijiet u obbligi bħaċ-ċittadini ta' l-UE. Fil-fatt, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jbatu minn sanzjonijiet diffiċili, f'ċerti każijiet li jkunu jinvolvu t-tneħħija tad-dritt għar-residenza, jekk dawn ma jkunux konformi mar-regoli kkonċernati magħhom jew jekk ma jsegwux proċeduri speċifiċi.

1.2. It-triq 'il quddiem

Il-prinċipji bażiċi komuni adottati mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2004 jisħqu fuq il-ħtieġa għal metodu ħolistiku għall-integrazzjoni. Huwa ddikjarat li jridu jittieħdu miżuri mhux biss fl-Istati

[53] COM (2004) 508 finali, is-16 ta' Lulju 2004

Membri, iżda wkoll fuq livell Ewropew biex ikun assigurat li l-attenzjoni fuq l-integrazzjoni tkun tabilħaqq waħda ewlenija fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika, waqt li fl-istess ħin tkun żviluppata politika speċifika għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Il-prinċipji jisħqu li "n-nuqqas ta' Stat Membru individwali jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi għal Stati Membri oħra u għall-Unjoni Ewropea" u li huwa fl-interess ta' l-Istati Membri kollha li jkunu ssuktati strateġiji ta' integrazzjoni effettiva.

Fl-2002, il-Kummissjoni kienet tat bidu għal proġetti pilota fuq l-integrazzjoni (INTI). Dawn l-inizjattivi kienu limitati bil-marġinu limitat li kien hemm taħt l-Intestatura 3 tal-perspettivi finanzjarji li jibqgħu sejrin sat-tmiem ta' l-2006. Peress li dawn il-proġetti kellhom suċċess kbir, matul il-Presidenza Olandiża l-Kummissjoni nediet l-idea ta' 'Fond għall-Integrazzjoni' fil-konferenza inter-ministerjali fuq l-Integrazzjoni.

1.3. L-Għanijiet tal-Fond

Skond il-prinċipji bażiċi komuni, is-sitt għanijiet ta' politika ewlenin li għalihom il-Fond għandu jikkontribwixxi huma:

1. It-tħaffif ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' l-ammissjoni għall-immigranti, billi jissaħħaħ l-element ta' l-integrazzjoni tagħhom u billi jkunu antiċipati l-ħtiġiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

2. Il-kontribuzzjoni għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' introduzzjoni u attivitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, bil-bini tal-kapaċità u bl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika (il-prinċipju bażiku komuni Nru 4);

3. Iż-żjieda fil-parteċipazzjoni ċivika, kulturali u politika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà li tilqagħhom, biex jitmexxew 'il quddiem iċ-ċittadinanza attiva tagħhom u l-għarfien ta' valuri fundamentali; (il-prinċipju bażiku komuni Nru 7)

4. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' entitajiet pubbliċi u privati ta' l-Istati Membri li jipprovdu s-servizz biex din tirreaġixxi maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet tagħhom u biex twieġeb aħjar għall-ħtiġiet ta' gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

5. It-tisħiħ tal-ħila tas-soċjetà li qed tilqa' biex taġġusta ruħha għad-diversità li qed tiżdied, billi jkunu mmirati azzjonijiet ta' integrazzjoni fil-popolazzjoni stess li qed tilqa' (il-prinċipju bażiku komuni Nru 1)

6. Iż-żjieda fil-kapaċità ta' l-Istati Membri biex jiżviluppaw, jissorveljaw u janalizzaw l-politika ta' integrazzjoni.

Barra minn mekkaniżmu ta' solidarjetà, il-Fond jipprovdi wkoll qafas ta' politika biex jappoġġja l-bdil ta' esperjenzi, il-kooperazzjoni u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni ("azzjonijiet tal-Komunità"), l-aktar biex ikompli jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp ta' politika strutturata kif kien inbeda mill-INTI.

1.4. Il-Komplimentarjetà mal-Fond Soċjali Ewropew

Il-Komunikazzjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004 fuq il-Perspettivi Finanzjarji tisħaq li "*l-implimentazzjoni ta' politika komuni fuq l-immigrazzjoni teħtieġ ukoll li l-Komunità tipprovdi*

reazzjoni kredibbli għall-kwistjoni multidimensjonali ta' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan jimplika li għandu jkun hemm enfasi akar fuq li l-immigranti jieħdu sehem iżjed fl-attivitajiet tal-Fond Soċjali Ewropew (...). Għal dawk l-azzjonijiet li ma jkunux koperti mill-ESF, bħalma huma l-parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika u politika, ir-rispett lejn id-diversità u ċ-ċittadinanza ċivika, jew miżuri indirizzati għal dawk li jkunu qed ifittxu kenn politiku, inkluż it-twaqqif ta' netwerks, livelli u l-iżvilupp ta' indikaturi f'dawn l-oqsma, l-iffinanzjar għandu jsir taħt l-Intestatura 3" tal-perspettivi finanzjarji.

Biex tkun żviluppata din ir-reazzjoni, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Fond Soċjali Ewropew rivedut (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-ESF) fl-14 ta' Lulju 2004. F'din il-proposta qed jingħad li dan għandu jappoġġja azzjonijiet speċifiċi biex tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali ta' l-immigranti u biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fix-xogħol, inkluż gwida u taħriġ lingwistiku u l-validazzjoni ta' kompetenzi li jkunu nkisbu barra, kif ukoll it-tmexxija 'l quddiem tad-diversità fuq il-post tax-xogħol u biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-Istrateġija Ewropea dwar ix-Xogħol u l-Proċess ta' l-Inklużjoni Soċjali jipprovdu għanijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol u għall-promozzjoni ta' l-aċċess tagħhom għad-drittijiet, servizzi u riżorsi bażiċi. Fl-aħħarnett, id-direttivi ta' kontra d-diskriminazzjoni, li ilhom fis-seħħ mis-sena 2000, stabbilew qafas legali biex ikun żgurat li kwalunkwe forma ta' razziżmu u diskriminazzjoni ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu pprojbiti.

Dan l-istrument huwa maħsub biex jappoġġja attivitajiet ta' komplimentarjetà marbuta ma' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, liema attivitajiet mhumiex koperti mill-ESF. Qed ikun immirat li jkunu indirizzati ħtiġiet speċifiċi fil-qasam ta' l-integrazzjoni li jkunu ġejjin mill-iżvilupp tal-politika komuni dwar il-immigrazzjoni.

Bil-ħolqien ta' strument separat li jkun immirat lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u marbut mas-solidarjetà fuq il-bażi tat-tqassim relattiv taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu fl-Istati Membri, qed jiġu indirizzati ċerti sfidi speċifiċi li huma kkonċernati man-nuqqas ta' integrazzjoni ta' l-immigranti stess. B'mod speċjali, l-istrument jista' jaffettwa l-opportunitajiet taċ-ċittadini ta' pajjiż terz biex jagħmel tajjeb għall-kriterji ta' l-integrazzjoni mill-pajjiż li qed jilqagħhom, jipprovdi aċċess għal korsijiet komprensivi ta' xeħta ċivika, u jassigura li l-immigranti jkollhom l-opportunità li jintegraw lilhom infushom f'aspetti tas-soċjetà għajr is-suq tax-xogħol, l-aktar għal dawk li ma jkunux qed jaħdmu jew li ma jitħallewx jaħdmu. Dan jirrifletti l-ħsieb wara l-Prinċipju Bażiku Komuni nru 4, fejn il-Kunsill isejjaħ għall-programmi ta' introduzzjoni li jiffokaw fuq li jinġiebu flimkien l-għodod l-aktar xierqa biex jingħata bidu għall-proċess ta' l-integrazzjoni. L-issuktar ta' dawn il-programmi jwassal biex l-immigranti jsibu malajr post fid-dominji ewlenin tax-xogħol, akkommodazzjoni, edukazzjoni, u saħħa, waqt li jibdew il-proċess pjuttost twil biex dawn jadattaw ruħhom għan-normi tas-soċjetà l-ġdida.

Ir-raġunijiet għaliex dan l-istrument jikkomplementa l-ESF huma żviluppati f'aktar dettal fil-valutazzjoni dettaljata ta' l-impatt.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-Migrazzjoni, l-Integrazzjoni u x-Xogħol u r-Rapport Annwali fuq il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni saħqu fuq il-fatt li trattament ta' xejra dominanti ma jistax jibqa' waħdu jekk trid tkun żgurata l-integrazzjoni b'suċċess fl-aspetti kollha tas-soċjetà u biex tinħoloq soċjetà soċjali li ġġib l-għaqda li fiha l-immigranti jħossuhom verament parti minnha. Strument li jkun immirat speċifikament lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jkun jindirizza l-ħtiġiet speċjali tagħhom huwa importanti ħafna biex jikkomplementa l-isforzi taħt il-ESF f'dan ir-rigward.

Biex tkun assigurata l-konsistenza bejn dan l-istrument u l-ESF, ġew żviluppati mekkaniżmi biex tkun evitata kwalunkwe koinċiżjoni kemm fuq livell ta' UE u fuq livell nazzjonali, inklużi l-obbligi ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-implimentazzjoni biex dawn jikkoordinaw il-programmi tagħhom għall-fondi rispettivi.

2. VALUTAZZJONIJIET

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni *ex ante*, li qed tkun mehmuża ma' din il-proposta.

3. IL-BAŻI LEGALI U L-PRINĊIPJI ĠUSTIFIKATTIVI TA' L-ISTRUMENT TA' POLITIKA

3.1. L-Għażla tal-bażi legali

Il-bażi legali proposta għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-Artikolu 63, il-paragrafu 3, għaliex din il-leġislazzjoni tinvolvi "miżuri dwar il-politika fuq l-immigrazzjoni" fil-qasam tal-"kundizzjonijiet tad-dħul u r-residenza, u l-istandards fuq il-proċeduri għall-ħruġ ta' viżas għal żmien twil u ta' permessi ta' residenza mill-Istati Membri, inklużi dawk kkonċernati mar-riunifikazzjoni ta' familji" (Artikolu 63(3)(a).

Minħabba li l-proposta hija bbażata fuq it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE (Viżas, kenn politiku, immigrazzjoni u oqsma oħra ta' politika marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni), din trid tiġi ppreżentata u adottata skond il-protokolli fuq il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, mehmuża mat-Trattat ta' Amsterdam. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom il-possibbiltà li jipparteċipaw f'din il-miżura. Id-Danimarka mhux se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk din mhix marbuta biha u lanqas hija suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

Li tkun imfissra s-solidarjetà fl-allokazzjoni tar-riżorsi

L-ewwel, minħabba li ħafna Stati Membri (u l-aktar l-Istati Membri l-ġodda) jeħtieġu jagħmlu xi ftit investimenti strutturali biex jintegraw b'suċċess ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-Istati Membri se jkunu allokati ammont fiss kull sena. Dan l-ammont se jkun ogħla għall-perjodu 2007 - 2013 għal dawk l-Istati li jkunu ssieħbu l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Barra minn hekk, dan l-ammont se jkun ukoll aktar ogħla għal dawk l-Istati Membri li jkunu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fil-perjodu 2007 – 2013. Dan se jkun għall-perjodu 2007 – 2013, b'seħħ mis-sena ta' wara s-sħubija tagħhom.

It-tieni, biex ikun imfisser il-kunċett tas-solidarjetà, ħafna mill-allokazzjonijiet għall-Istati Membri jridu jiġu determinati fuq il-bażi ta' ċavetta ta' distribuzzjoni li tkun tiddefinixxi s-sehem relattiv ta' l-Istati Membri fejn jikkonċerna ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fl-UE. Iċ-ċavetta tad-distribuzzjoni tikkonsisti minn żewġ komponenti: wieħed ikkonċernat mad-data ta' ħażna u l-ieħor mad-data fuq il-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-ewwel komponent trid tittieħed il-medja tan-numru sħiħ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu preżenti legalment fl-Istat Membru fuq perjodu ta' tliet snin biex ikunu evitati kwalunkwe żjidiet jew tnaqqis aċċidentali u mhux rappreżentattivi. Għat-tieni komponent irid jiżdied in-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu awtorizzazzjoni biex jgħixu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri (jew taħt il-liġi nazzjonali jew dik tal-Komunità) fl-aħħar tliet snin. Dan it-total, imbagħad, b'xi mod jew ieħor, ikun jikkorrispondi għan-numru ta' persuni li x'aktarx ikunu se jgawdu mill-miżuri ta' l-integrazzjoni għal dawk li jkunu

għadhom kif tħallew jidħlu f'xi Stat Membru, waqt li jassumi li l-programmi ta' introduzzjoni u l-attivitajiet oħra ta' 'lqugħ' jkunu jistgħu jsiru wara s-sena li fiha l-persuni jkunu tħallew jidħlu; jistgħu jinvolvu wkoll sensiela ta' korsijiet li jseħħu fuq perjodu ta' sena jew sentejn.

Minħabba li l-Kummissjoni tipproponi li l-Fond jiffoka l-aktar fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu waslu reċentement u tħallew jidħlu minn Stat Membru biex jgħixu fit-territorju tiegħu ('persuni li għadhom jaslu'), it-tieni komponent jista' jkun l-iktar wieħed importanti, u għalhekk għandu jġorr piż aktar minn ta' l-ewwel (60 %). L-għan huwa li l-Fond ikun indirizzat biex jappoġġja lil dawk l-Istati Membri li matul dan l-aħħar żmien ikunu bdew jilqgħu fihom immigranti jew lil dawk li x'aktarx ikunu se jibdew isiru pajjiżi li jilqgħu fihom immigranti matul il-perjodu kopert minn dawn il-perspettivi finanzjarji. L-enfasi fuq dawk li għadhom jaslu għandu jkun rivedut.

Il-ġabra flimkien ta' dawn il-kriterji għad-distribuzzjoni tal-fondi għandha tassigura li l-iżviluppi (per eżempju, dwar it-tibdil fil-politika fuq l-immigrazzjoni) jitwettqu sew fil-metodu ta' l-allokazzjoni finanzjarja, waqt li titwettaq ukoll azzjoni korrettiva bl-appoġġ tal-Fond.

Għall-element tal-flussi, ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu esklużi mill-metodu ta' kalkulazzjoni, bħalma huma studenti, riċerkaturi kif ukoll ħaddiema staġonali u persuni li jirċievu bidla fl-istat tagħhom jew estensjoni fil-perjodu ta' residenza li kien ingħatalhom qabel.

Kemm għall-element tal-ħażna kif ukoll għal dak tal-flussi, ir-refuġjati u l-benefiċjarji l-oħra tal-protezzjoni internazzjonali huma esklużi. Dan minħabba l-fatt li dawn huma koperti mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Mill-banda l-oħra, il-persuni li jirċievu permess ta' residenza umanitarja (per eżempju, għal raġunijiet mediċi) jistgħu jkunu inklużi għaliex dawn mhumiex koperti mill-ERF.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' l-Istati Membri biex jidderieġu l-iffinanzjar għall-azzjonijiet li jistgħu jkopru (wkoll) studenti, riċerkaturi u ħaddiema staġonali.

3.2. L-Azzjonijiet definiti mill-Fond

Minħabba l-għanijiet ġenerali tal-Fond li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' politika nazzjonali dwar l-integrazzjoni skond il-Prinċipji Bażiċi Komuni, il-Kummissjoni qed tipproponi li timplimenta l-Fond l-aktar permezz ta' tmexxija mqassma bejn l-Istati Membri. Dan ikun jippermetti appoġġ finanzjarju skond is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġiet ta' kull Stat Membru.

Barra minn hekk, biex ikun assigurat l-użu tal-fondi bl-aktar mod effiċjenti, il-proposta fiha dispożizzjonijiet dettaljati ħafna dwar l-għanijiet ta' l-operat li għandhom jinkisbu kif ukoll it-tipi ta' azzjonijiet identifikati bħala li qed jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.

3.3. Il-Programm

Il-programm huwa organizzat fuq livell multiannwali, b'żewġ perjodi ta' programmar: 2007-2010 u 2011-2013.

Il-programm huwa bbażat fuq metodu maqsum f'żewġ partijiet:

Programm multiannwali (livell politiku): fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, u li jieħu in konsiderazzjoni analiżi dwar in-nuqqasijiet u l-ħtiġiet tiegħu, kull Stat Membru se jħejji programm nazzjonali multiannwali li jkollu prijoritajiet u strateġija għal azzjoni. Dan irid jiġi negozjat mal-Kummissjoni u jkun isawwar il-qafas biex jitħejja l-operat.

Programm annwali (livell operattiv): fuq il-bażi ta' l-istrateġija miftiehma u l-allokazzjoni tar-riżorsi li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni ta' kriterji definiti strettament, il-Kummissjoni beħsiebha tadotta programm annwali għal kull Stat Membru.

3.4. It-tmexxija u l-kontroll finanzjarju

Fil-qafas ta' tmexxija mqassma, wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-pakkett regolatorju tal-ġejjieni għall-perjodu ta' programm 2007-2013 huwa li jkunu delimitati ċar, fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba mill-kodiċi ta' liġi li hemm fis-seħħ, il-qafas, in-natura, u d-diviżjoni tar-responsabbilità bejn il-partijiet differenti kkonċernati mit-twettiq tal-baġit tal-Komunità.

3.5. Is-Sistema tat-tmexxija u l-kontroll

L-abbozz tad-Deċiżjoni jżid il-koerenza u t-trasparenza tal-qafas ġenerali tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-Fond:

- Il-koerenza, hekk kif inhu definit b'mod ċar li l-istess kondizzjonijiet minimi se jgħoddu għas-sistemi ta' kontroll u verifika fuq il-livelli kollha tal-proċess, kif ukoll il-ħidmiet u l-obbligi rispettivi ta' l-atturi differenti;

- It-trasparenza, hekk kif huwa meħtieġ li l-atturi differenti kollha kkonċernati mill-kontroll isiru aktar konxji mir-riżultati tal-kontrolli ta' kull parti, biex titjieb l-effiċjenza, l-effikaċja u l-bilanċ ġenerali tas-sistema.

Id-Deċiżjoni tiddefinixxi bażi komuni ta' sett minimu ta' kondizzjonijiet li kwalunkwe sistema ta' tmexxija u kontroll intern, marbuta mat-tmexxija tal-Fond, għandha tkun konformi magħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assikurazzjoni dwar is-sistemi ta' tmexxija u kontroll:

- Fil-bidu ta' kull programm multiannwali, permezz ta' opinjoni fuq is-sistema minn entità indipendenti ta' verifika;

- Ta' kull sena, permezz ta' l-opinjoni ta' l-awtorità tal-verifika li tkun appoġġjata minn rapport annwali dwar il-kontroll u minn assikurazzjoni fuq il-prospett finali tan-nefqa, li dawn għandhom ikunu mehmuża mar-rapport finali ta' l-implimentazzjoni tal-programmi annwali.

Il-prinċipju ta' l-addizzjonalità – i.e. li r-riżorsi ta' l-UE għandhom iżidu aktar milli jibdlu r-riżorsi nazzjonali – se jibqa' wieħed ewlieni. L-Istati Membri huma responsabbli biex jassiguraw li l-prinċipji ta' l-addizzjonalità jkun japplika tabilħaqq fil-Fond.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tipproponi t-twaqqif ta' proċedura ta' interruzzjoni u sospensjoni ta' pagamenti f'każ ta' problemi serji waqt il-preżentazzjoni tat-talba għall-ħlas.

4. IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPOZJONALITÀ

Is-Sussidjarjetà

Il-prinċipju fundamentali jibqa' li l-Istati Membri huma responsabbli għall-iżvilupp ta' l-istrateġiji ta' integrazzjoni. Madankollu, l-isforzi nazzjonali biex ikunu implimentati 'prinċipji bażiċi komuni' jistgħu jkunu appoġġjati minn Fond minħabba l-implikazzjonijiet ta' din il-politika għal Stati Membri oħra. L-azzjonijiet li għandhom ikunu appoġġjati għandhom, għalhekk, ikunu definit b'mod ċar, marbuta ma' kundizzjonijiet oġġettivi fi stati individwali u jġibu valur miżjud għall-Komunità bħala ħaġa sħiħa.

Il-Proporzjonalità

Id-Deċiżjoni tagħmilha possibbli biex ikun hemm appoġġ finanzjarju mill-Fond għal sensiela ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-operat ta' sensiela ta' għanijiet speċifiċi identifikati, waqt li tippermetti lill-Istati Membri biex jagħżlu l-azzjonijiet u l-mod li fih dawn għandhom jitwettqu taħt skemi li dwarhom ikun hemm ftehim mal-Kummissjoni. L-użu ta' l-approprijazzjonijiet tal-Komunità għandhom ikunu wkoll suġġetti għal regoli ċari u uniformi li jkunu msejsa f'deċiżjoni tal-Kunsill, li għandha tkun l-istrument xieraq biex ikunu implimentati l-programmi tal-Komunità.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

L-allokazzjoni finanzjarja għall-Fond taħt il-Perspettivi Finanzjarji proposti mill-Kummissjoni għall-perjodu 2007-2013 hija ta' 1,770.5 miljun Euro.

2005/0048 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 63(3)a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[54],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[55],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[56],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[57]

Billi:

(1) Minħabba t-twaqqif progressiv ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati lejn li jkun assigurat il-moviment ħieles ta' persuni, flimkien ma' miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw il-kontrolli fuq il-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw il-kenn politiku, l-immigrazzjonijiet u li jkunu salvagwardjati d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu li nżammet f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, kien iddikjara li l-Unjoni Ewropea għandha tassigura trattament ġust maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri tagħha. Politika ta' integrazzjoni aktar b'saħħitha għandha tagħmilha possibbli li dawn jingħataw drittijiet u obbligi li jkunu kumparabbli ma' dawk taċ-ċittadini ta' l-UE. Din għandha ssaħħaħ ukoll in-non-diskriminazzjoni fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali waqt li tiżviluppa miżuri kontra r-razziżmu l-ksenofobija.

(3) L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri hija element ewlieni biex titmexxa 'l quddiem il-koeżjoni ekonomika u soċjali, wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Komunità li huwa ddikjarat fit-Trattat.

---

54 ĠU C …
55 ĠU C …
56 ĠU C …
57 ĠU C …

(4) Fil-Programm ta' The Hague ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew saħaq li biex jinkiseb l-għan ta' l-istabbilità u l-koeżjoni fis-soċjetajiet ta' l-Istati Membri, huwa importanti li tkun żviluppata politika effettiva. Dan isejjaħ għal aktar koordinazzjoni tal-politika nazzjonali dwar l-integrazzjoni fuq il-bażi ta' qafas komuni, u jistieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-bdil strutturali ta' l-esperjenza u l-informazzjoni fuq l-integrazzjoni.

(5) Kif mitlub fil-Programm ta' The Hague, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fid-19 ta' Novembru 2004 kienu stabbilew 'Il-Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika ta' l-integrazzjoni ta' l-immigranti fl-Unjoni Ewropea'. Il-Prinċipji Bażiċi Komuni jgħinu lill-Istati Membri biex jifformulaw politika ta' integrazzjoni billi joffrulhom gwida maħsuba dwar il-prinċipji bażiċi li fuqhom dawn ikunu jistgħu jiġġudikaw u janalizzaw l-isforzi tagħhom stess.

(6) Il-Prinċipji Bażiċi Komuni huma komplimentari u f'sinerġija sħiħa mal-qafas leġislattiv preżenti, inkluż dawk li jikkonċernaw l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi, in-non-diskriminazzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrumenti tal-Komunità li għandhom dispożizzjonijiet ta' integrazzjoni, bħalma huma d-Direttivi tal-Kunsill li jiffurmaw politika komuni dwar l-immigrazzjoni fuq il-bażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-aktar il-punti 3 u 4 ta' l-Artikolu 63 ta' dan.

(7) Il-Kunsill ta' l-14 ta' Ottubru 2002 jisħaq, fil-Konklużjonijiet tiegħu fuq l-Integrazzjoni, li l-immigranti li jkunu għadhom kif waslu għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni aktar mgħaġġla u xieraq fuq is-soċjetà li tkun qed tilqagħhom; għandhom jiġu organizzati wkoll korsijiet lingwistiċi skond il-liġi nazzjonali. Il-Kunsill iqis ukoll bħala importanti li s-sistemi nazzjonali għandhom iħeġġu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-Komunità u fis-suq tax-xogħol skond il-liġi nazzjonali. Il-politika ta' l-integrazzjoni ta' l-Istati Membri timplika azzjoni miftiehma mill-gvernijiet, mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet ta' immigranti u oħrajn li mhumiex tal-gvern, mill-imsieħba soċjali u mis-soċjetà ċivili.

(8) In-nuqqas ta' Stat Membru individwali li jiżviluppa u jimplimenta politika ta' integrazzjoni jista' jwassal f'modi differenti għal implikazzjonijiet negattivi għal Stati Membri oħra kif ukoll għall-Unjoni Ewropea.

(9) Biex jissaħħaħ l-ipprogrammar fil-qasam ta' l-integrazzjoni, l-Awtorità tal-baġit stabbiliet approprijazzjonijiet speċifiċi fl-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea mill-2003 sal-2005 biex ikunu ffinanzjati azzjonijiet ta' tħejjija fil-qasam ta' l-integrazzjoni.

(10) Skond il-Konklużjonijiet ta' l-2002 fuq l-integrazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet, fil-Komunikazzjoni tagħha fuq il-perspettivi finanzjarji ta' l-14 ta' Lulju 2004, li għandu jkun hemm enfasi akbar fuq il-parteċipazzjoni miżjuda ta' l-immigranti fl-attivitajiet tal-Fond Soċjali Ewropew (minn hawn 'il quddiem il-ESF). Fil-proposta tagħha għall-ESF għall-perjodu 2007-2013, il-Kummissjoni qalet li dan għandu jappoġġja azzjonijiet speċifiċi biex tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali ta' l-immigranti u jżid il-parteċipazzjoni tagħhom fis-xogħol, inklużi gwida u taħriġ lingwistiku u l-validazzjoni tal-ħiliet li jkunu nkisbu barra, kif ukoll il-promozzjoni tad-diversità fuq il-post tax-xogħol u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

(11) Barra minn hekk, fid-dawl ta' l-azzjonijiet ta' tħejjija, u waqt li tirreferi għall-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u x-xogħol u għall-Ewwel rapport annwali fuq it-tluq minn post għall-ieħor u l-Integrazzjoni, qed jinħass bħala neċessarju li mill-2007 'il quddiem il-Komunità jkollha strument speċifiku mfassal biex jikkontribwixxi għall-isforzi nazzjonali ta' l-Istati Membri biex tkun żviluppata u integrata politika dwar l-integrazzjoni li bis-saħħa tagħha ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' sfond kulturali, reliġjuż, lingwistiku u etniku differenti, jkunu jistgħu jsibu posthom u jieħdu sehem attiv fl-aspetti kollha tas-soċjetajiet Ewropej, skond il-prinċipji bażiċi komuni u b'mod komplementari mal-ESF.

(12) Biex tkun assigurata l-konsistenza tar-reazzjoni tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-azzjonijiet finanzjati taħt dan l-istrument għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-ESF. F'dan il-kuntest, għandhom ikunu żviluppati arranġamenti ta' programmi konġunti speċifiċi biex tkun assigurata l-konsistenza tar-reazzjoni tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-ESF u dan l-istrument.

(13) Meta wieħed jikkunsidra li dan l-istrument u l-ESF huma taħt tmexxija mqassma ma' l-Istati Membri, għandhom isiru arranġamenti wkoll fuq livell nazzjonali biex tkun assigurata l-konsistenza fl-implimentazzjoni. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument, għandhom iwaqqfu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri biex imexxu l-implimentazzjoni tal-ESF kif ukoll biex jassiguraw li l-azzjonijiet taħt dan il-Fond ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet finanzjati taħt il-ESF.

(14) Dan l-istrument huwa mfassal biex jifforma parti minn qafas koerenti li jġib l-isem il-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjonita' Migrazzjoni', li għandu l-għan jindirizza l-kwistjoni ta' tqassim ġust ta' responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri fejn ikun jikkonċerna l-piż finanzjarju li jkun ġej mill-introduzzjoni tat-tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' politika komuni fuq il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif żviluppata skond it-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

(15) L-appoġġ pprovdut mill-Fond għandu jkun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk l-iffinanzjar konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programmi strateġiċi multiannwali u fuq programmi annwali ta' ħidma li jkunu tfasslu minn kull Stat Membru flimkien mal-Kummissjoni.

(16) Fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmar multiannwali waqt li jqis is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet tiegħu u waqt li jistabbilixxi l-istrateġija ta' l-iżvilupp tiegħu, li qed tkun negozjata mal-Kummissjoni u deċiża minn din stess, u li ssawwar il-qafas biex jitħejjew il-programmi annwali.

(17) Il-programmi multiannwali għandhom ikunu maħsuba biex jinkisbu l-għanijiet tal-Fond billi jassiguraw id-disponibbilità tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa kif ukoll il-konsistenza u l-kontinwità ta' l-azzjoni konġunta mill-Komunità u l-Istati Membri.

(18) Flimkien ma' l-arranġamenti speċifiċi magħmula biex jassiguraw il-konsistenza mal-ESF, l-ipprogrammar għandu jassigura l-koordinazzjoni tal-Fond ma' strumenti

finanzjarji eżistenti oħra, bħalma huma l-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond għall-Fruntieri esterni, il-Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni u l-programm PROGRESS.

(19) Fil-kuntest ta' tmexxija mqassma, kif imsemmi fl-Artikolu 53(1), il-punt b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[58], il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni biex teżerċita r-responsabbilitajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ikunu speċifikati, waqt li jiġu ċċarati wkoll l-obbligi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Jekk ikunu applikati dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa lilha nfisha li l-Istati Membri jkunu qed jużaw il-Fond b'mod leġittimu u korrett u skond il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba fit-tifsira ta' l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

(20) Biex ikun assigurat impatt ġenwin u taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni, il-kontribuzzjonijiet mill-Fond ma jistgħux jieħdu post nefqa pubblika li tkun saret mill-Istati Membri.

(21) Għandhom ikunu stabbiliti kriterji oġġettivi biex ikunu allokati l-fondi lill-Istati Membri. Dawn il-kriterji għandhom iqisu l-ammont totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fl-Istati Membri kif ukoll id-dħul totali ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq perjodu ta' referenza partikolari. Għandu jkun hemm enfasi fuq id-dħul ta' ċittadini ġodda, biex titfisser b'mod speċjali l-ħtieġa ta' l-appoġġ għal dawk l-Istati Membri li jkunu bdew jilqgħu immigranti fihom f'dan l-aħħar żmien jew għal dawk li x'aktarx ikunu se jibdew jagħmlu hekk ukoll fil-perjodu kopert minn dawn il-perspettivi finanzjarji. Dawn il-kriterji jridu jiġu riveduti.

(22) Taħt għajnuna teknika, dan l-istrument għandu jipprovdi appoġġ għall-valutazzjonijiet, it-titjib tal-kapaċità amministrattiva marbuta mat-tmexxija tal-Fond, studji, proġetti pilota u bdil ta' esperjenzi, maħsuba l-aktar biex iħeġġu metodi u prattika ġodda.

(23) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiggarantixxu t-tħaddim proprju tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li s-sistemi tal-programmi kollha għandhom jilħqu.

(24) Għalhekk, huwa meħtieġ li tinħatar awtorità responsabbli waħda biex tmexxi l-interventi tal-Fond u biex tiċċara r-responsabbilitajiet ta' Stat Membru. Iridu jkunu previsti wkoll l-ħatra u l-funzjonijiet ta' l-awtorità tal-verifika. Barra minn hekk, biex ikunu garantiti standards ta' kwalità uniformi dwar iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa qabel ma dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni u biex ikunu ċċarati n-natura u l-kwalità ta' l-informazzjoni li fuqha dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu bbażati, huwa meħtieġ li tinħatar ukoll awtorità li tiċċertifika.

(25) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbilità primarja li jimplimentaw u jikkontrollaw l-interventi.

---

58 ĠU L248, is-16 ta' Settembru 2002, p.1

(26) L-obbligi fuq l-Istati Membri dwar is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, is-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ksur fil-liġi tal-Komunità għandhom ikunu speċifikati biex jiggarantixxu l-implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi ta' l-operat. B'mod speċjali, safejn huma kkonċernati t-tmexxija u l-kontroll, huwa importanti li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jassiguraw li s-sistemi jkunu kif suppost u qed jitħaddmu tajjeb.

(27) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar il-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiżdied, waqt li għandhom jiġu stabbiliti kriterji li bihom il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina, fil-kuntest ta' l-istrateġija tagħha dwar il-kontroll tas-sistemi nazzjonali, il-livell ta' assikurazzjoni li din tista' tikseb mill-entitajiet nazzjonali tal-verifika.

(28) Barra mis-sospensjoni ta' pagamenti fejn ikunu nstabu xi nuqqasijiet fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, għandu jkun hemm miżuri li jippermettu lill-uffiċjal li jawtorizza b'delega biex jissospendi pagamenti fejn ikun hemm xi dubji dwar it-tħaddim xieraq ta' dawn is-sistemi, jew lill-Kummissjoni biex din tnaqqas il-pagamenti jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx implimenta l-miżuri kollha li jkun għad baqa' fi pjan ta' azzjoni korrettiv.

(29) L-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġjati b'dan l-istrument jiddependu wkoll fuq il-valutazzjoni tagħhom. Għandhom jiġu formalizzati r-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, kif ukoll l-arranġamenti biex tkun assigurata l-kredibilità tal-valutazzjoni.

(30) L-azzjonijiet għandhom ikunu analizzati permezz ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu u valutazzjoni ta' l-impatt. Il-proċess tal-valutazzjoni għandu jiġi inkorporat f'arranġamenti ta' sorveljanza tal-proġett.

(31) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt prinċipali ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fit-tifsira tal-punt 33 tal-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit[59].

(32) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet ta' l-Istati Membri li jilqgħuhom, fil-qafas tal-Prinċipji Bażiċi Komuni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni dawn jistgħu jinkisbu aħjar mill-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(33) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li

[59] ĠU C172, it-18 ta' Ġunju 1999, p.1

tistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-setgħat mogħtija lilha.[60]

(34) Skond l-Artikoli 1 u 2 jew il-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk din mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I
IS-SUĠĠETT, L-GĦANIJIET U L-AZZJONIJIET

Artikolu 1

Is-Suġġett u l-iskop

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ «Il-Fond», bħala parti mill-programm Ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", biex jgħin fit-tisħiħ taż-żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja u b'mod ġenerali biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-għanijiet li għalihom il-Fond għandu jikkontribwixxi, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli kif ukoll il-kriterji tat-tqassim għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Din tistabblixxi r-regoli tat-tmexxija tal-Fond, inklużi dawk finanzjarji, u l-mekkaniżmi tas-sorveljanza u l-kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbilitajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 2

L-Għanijiet ġenerali tal-Fond

1. L-għan ġenerali tal-Fond huwa li jappoġġja l-isforzi ta' l-Istati Membri biex ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' sfond kulturali, reliġjuż, lingwistiku u etniku differenti jkunu jistgħu jgħixu u jieħdu sehem attiv fl-aspetti kollha tas-soċjetajiet Ewropej, fejn huna kkonċernati proċeduri ta' dħul, programmi ta' introduzzjoni u attivitajiet bażiċi, il-parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika u politika u r-rispett lejn id-diversità u ċ-ċittadinanza ċivika.

2. Għall-għan tal-paragrafu 1, il-Fond se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, liema strateġiji jqisu l-Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika fuq l-integrazzjoni ta' l-immigranti fl-Unjoni

[60] ĠU L 184, is-17 ta' Lulju 1999, p. 23.

Ewropea kif miftiehem bejn il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri fid-19 ta' Novembru 2004.

3. Il-Fond għandu jikkontribwixxi wkoll għall-iffinanzjar ta' l-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew il-Kummissjoni.

Artikolu 3

Għanijiet speċifiċi

Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tħaffif ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċeduri tad-dħul għall-immigranti;

(b) il-kontribuzzjoni lejn l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' introduzzjoni u attivitajiet għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom l-għan li jintroduċu dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif waslu fis-soċjetà li qed tilqagħhom u jgħinuhom biex jiksbu għarfien bażiku dwar il-lingwa, l-istorja, l-istituzzjonijiet, il-fatturi soċjo-ekonomiċi, il-ħajja kulturali u n-normi u l-valuri bażiċi tas-soċjetà li tkun qed tospitahom,

(c) li tiżdied il-parteċipazzjoni ċivika, kulturali u politika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà li qed tilqagħhom u li jitjieb id-djalogu bejn gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-gvern u s-soċjetà ċivili, biex jitmexxew 'il quddiem iċ-ċittadinanza attiva tagħhom u l-għarfien tal-valuri fundamentali;

(d) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' dawk li jipprovdu s-servizz fl-Istati Membri biex jirreaġixxu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, u biex dawn iwieġbu aħjar għall-ħtiġiet ta' gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi nisa u tfal;

(e) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-soċjetà li qed tilqa' biex din taġġusta ruħha għad-diversità li qed tiżdied permezz ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni mmirati lejn il-popolazzjoni li qed tilqa', biex b'hekk ikun enfasizzat il-proċess ta' żewġ binarji li huwa meħtieġ għall-integrazzjoni b'suċċess waqt li jqis l-iżviluppi fil-qasam tat-tmexxija tad-diversità;

(f) iż-żjieda fil-kapaċità ta' l-Istati Membri biex dawn jiżviluppaw, jissorveljaw u jagħmlu valutazzjoni tal-politika ta' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 4

Azzjonijiet ta' interess għall-Komunità

1. Dwar l-għan iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (a), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) iħaffu l-iżvilupp mill-Istati Membri dwar il-proċeduri tad-dħul billi jkunu appoġġjati proċessi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati relevanti u parir

ta' l-esperti jew bdil ta' informazzjoni fuq metodi li jkunu mmirati lejn ċittadini jew kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(b) l-implimentazzjoni ta' dawn il-proċeduri ssir aktar effettiva u aċċessibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi billi jintużaw Komunikazzjoni u Teknoloġija ta' l-Informatika li huma ħfief biex tużahom, *inter alia* għal kampanji ta' informazzjoni u għal proċeduri ta' l-għażla;

(c) iħejju liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu tħallew jidħlu biex dawn jintegraw ruħhom b'mod aħjar fis-soċjetà li qed tilqa' billi jkunu appoġġjati miżuri ta' qabel l-ivvjaġġar, bħalma huma pakketti ta' informazzjoni u korsijiet ċiviċi komprensivi li jiġu organizzati fil-pajjiż ta' l-oriġini.

2. Dwar l-għan definit fl-Artikolu 3, il-punt (b), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) jiżviluppaw u jtejbu, fuq livell lokali u reġjonali, il-kwalità tal-programmi u attivitajiet ta' introduzzjoni għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif daħlu fl-Istati Membri; għandha tingħata attenzjoni speċjali fuq l-orjentazzjoni ċivika;

(b) isaħħu l-kapaċità tal-programmi u attivitajiet ta' introduzzjoni biex jintlaħqu gruppi partikolari, bħalma huma d-dipendenti ta' persuni li jkunu suġġetti għall-proċeduri tad-dħul, it-tfal, nisa, anzjani, ċittadini illitterati jew b'diżabilità, waqt li jitqiesu l-ħtiġiet speċifiċi tagħhom fid-dawl tal-kriterji stabbiliti biex jitkomplew b'suċċess il-programmi introduttorji;

(c) iżidu l-flessibilità tal-programmi u attivitajiet introduttorji relatati ma' l-orjentazzjoni ċivika, l-aktar permezz ta' korsijiet *part time*, korsijiet ta' studju fuq perjodu qasir, sistemi ta' tagħlim mill-bogħod jew tagħlim b'mezzi elettroniċi (*e-learning*) jew mudelli simili, biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jsegwu l-programmi waqt li fl-istess ħin jkunu jistgħu jaħdmu jew jistudjaw;

(d) jiżviluppaw u jimplimentaw programmi u attivitajiet ta' introduzzjoni relatati ma' l-orjentazzjoni ċivika, li jkunu maħsuba għal ċittadini żgħażagħ ta' pajjiżi terzi, l-aktar "dawk li jkunu waslu tard", li jkollhom problemi soċjali u kulturali speċifiċi relatati ma' kwistjonijiet ta' identità u mal-prevenzjoni tad-delikwenza, inklużi programmi ta' konsulenza u "ta' mudell".

3. Dwar l-għan definit fl-Artikolu 3 il-punt (c), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' pjattaformi ta' djalogu reliġjuż u inter-reliġjuż u/jew bejn il-komunitajiet u l-awtoritajiet politiċi u tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dawn għandhom ikunu mmirati lejn ir-rispett għaċ-ċittadinanza ċivika kif ukoll lejn id-diversità;

(b) iżidu l-parteċipazzjoni ċivika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-sehem tagħhom bħala ċittadini attivi billi titħaffef il-parteċipazzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet (voluntiera) ta' xejra dominanti jew billi jkunu appoġġjati

l-iżvilupp u l-implimentazzjoni, fuq livell lokali jew reġjonali, ta' programmi speċjali ta' volontarjat, skemi ta' internament u l-bini tal-kapaċità meħtieġa għal dawn;

(c) jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni ċivika msaħħa ta' gruppi partikolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħalma huma d-dipendenti ta' persuni li jkunu ntgħażlu għal programmi ta' ammissjoni, tfal, nisa, anzjani, persuni illitterati jew b'diżabilità;

(d) jappoġġjaw, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi ta' l-Istati Membri, l-iżvilupp ta' pjattaformi konsultattivi nazzjonali, reġjonali u lokali, biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jikkonsultaw ruħhom u biex ikun hemm bdil ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha;

(e) iżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-elezzjonijiet lokali u fi proċessi demokratiċi billi jkunu appoġġjati ż-żjieda fl-għarfien u kampanji ta' informazzjoni u programmi ta' bini ta' ħila maħsuba għal dawn;

(f) jikkontribwixxu għat-twessiegħ u t-titjib fi programmi nazzjonali dwar iċ-ċittadinanza preparatorja u n-naturalizzazzjoni.

4. Dwar l-għan definit fl-Artikolu 3 il-punt (d), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) dawk li jipprovdu s-servizz ikunu aktar aċċessibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi billi jipprovdu *inter alia* interpretazzjoni interkulturali u servizzi ta' traduzzjoni, programmi ta' konsultazzjoni, servizzi intermedji mir-rappreżentanti tal-komunitajiet, billi jkun żviluppat u mtejjeb l-aċċess għal punti ta' informazzjoni li jipprovdu kollox u biex jitjiebu wkoll il-ħiliet interkulturali tal-ħaddiema;

(b) jiżviluppaw u jaġġornaw għodod ta' informazzjoni komprensiva, bħalma huma manwali, siti ta' l-internet u reġistri tal-ħiliet tad-diversità tal-ħaddiema;

(c) jibnu strutturi ta' organizzazzjoni sostenibbli għall-integrazzjoni u t-tmexxija tad-diversità u biex jkunu żviluppati modi ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati governattivi differenti biex l-uffiċjali tagħhom ikunu jistgħu jiskbu malajr informazzjoni dwar l-esperjenzi u l-prattika imkien ieħor u, fejn ikun possibbli, biex ikunu miġbura r-riżorsi;

(d) isaħħu l-kapaċità biex ikunu kkoordinati, fuq livell nazzjonali, starteġiji nazzjonali ta' integrazzjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-livelli differenti kollha tal-gvern;

(e) jintroduċu u jimplimentaw skemi biex tinġabar u tiġi analizzata l-informazzjoni dwar il-ħtiġiet ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fuq livell lokali jew reġjonali, billi jkunu involuti pjattaformi li bis-saħħa tagħhom iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jikkonsultaw ruħhom u biex ikun hemm bdil ta' informazzjoni bejn il-partijiet interessati, stħarriġ dwar il-komunitajiet ta' l-immigranti, u kif jista' jkun hemm l-aħjar tweġiba għal dawk il-ħtiġiet.

5. Dwar l-għan definit fl-Artikolu 3, punt (e), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) imexxu 'l quddiem l-għarfien fis-soċjetà li qed tilqa' dwar il-kontenut u l-konsegwenzi tal-programmi ta' introduzzjoni, attivitajiet u programmi ta' ammissjoni u l-interazzjoni ta' dawn ma' dawk li jipprovdu servizz pubbliku u privat, min iħaddem, inklużi l-SMEs, istituzzjonijiet edukattivi u oħrajn;

(b) jaraw li l-fenomenu ta' l-immigrazzjoni u tal-programmi ta' ammissjoni jkunu aċċettati aktar fis-soċjetà li qed tilqa' permezz ta' kampanji li jżidu l-għarfien;

(c) jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet popolari u interkulturali (kbar) li jkunu jilħqu gruppi ta' mira speċifiċi jew il-pubbliku in ġenerali, sakemm dawn l-attivitajiet ikunu jipprevedu d-djalogu interkulturali u l-bdil ta' ideat fuq is-soċjetà multikulturali;

(d) imexxu 'l quddiem id-djalogu u l-iskambji bejn organizzazzjonijiet (taż-żgħażagħ) ta' kulturi differenti;

(e) iżidu s-sostenn għall-kwistjonijiet ta' integrazzjoni;

(f) iżidu l-involviment taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-iżvilupp tar-reazzjonijiet tas-soċjetà għall fenomeni ta' l-immigrazzjoni;

(g) iżidu r-rwol ta' entitajiet privati biex titmexxa 'l quddiem id-diversità.

6. Dwar l-għan iddefinit fl-Artikolu 3 il-punt (f), il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li:

(a) isaħħu l-kapaċità li jiġbru, janalizzaw u jqassmu statistika fuq l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll il-politika fuq l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(b) jikkontribwixxu għall-valutazzjoni dwar il-politika ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, billi jkunu appoġġjati valutazzjoni ta' l-impatt nazzjonali, mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati bħalma huma dawk li jħaddmu u l-istituzzjonijiet edukattivi, mekkaniżmi ta' valutazzjoni kif ukoll miżuri ta' sorveljanza;

(c) jiżviluppaw indikaturi u livelli biex ikun jista' jitkejjel il-progress fuq livell nazzjonali;

(d) jiżviluppaw testijiet ta' kwalità għolja u skemi ta' valutazzjoni għal programmi obbligatorji ta' integrazzjoni;

(e) jikkontribwixxu għall-valutazzjoni ta' proċeduri ta' ammissjoni jew programmi ta' valutazzjoni, billi jkunu appoġġjat stħarriġ rappreżentattiv fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu gawdew mill-programmi u l-partijiet interessati relevanti, bħalma huma l-intrapriżi, organizzazzjonijiet li mhumiex tal-gvern u awtoritajiet reġjonali jew lokali.

Artikolu 5

Azzjonijiet ta' interess għall-Komunità

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 7 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond jistgħu jintużaw biex ikunu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet li jkunu ta' interess għall-Komunità kollha kemm hi ('Azzjonijiet tal-Komunità'), fejn għandhom x'jaqsmu l-politika ta' l-immigrazzjoni u ta' l-integrazzjoni u l-miżuri li jgħoddu għall-gruppi ta' mira kif imsemmi fl-Artikolu 6.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond, l-azzjonijiet tal-Komunità għandhom b'mod speċjali:

   (a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità biex ikunu implimentati l-liġijiet tal-Komunità u l-prattika tajba fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni;

   (b) jappoġġjaw it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubija transnazzjonali bejn entitajiet li jkunu jinsabu fi tliet Stati Membri jew aktar, li dawn ikunu mfassla biex jippromwovu l-innovazzjoni u jħaffu l-bdil ta' esperjenza u prattika tajba u li jtejbu l-kwalità tal-politika ta' l-integrazzjoni;

   (c) jappoġġjaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

   (d) jappoġġjaw studji, it-tixrid u l-bdil ta' informazzjoni fuq l-aħjar prattika u fuq l-aspetti l-oħra kollha tal-Fond, inkluż għall-użu ta' teknoloġija ta' livell għoli ħafna,

   (e) jappoġġjaw proġetti pilota u studji li jesploraw il-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-liġi tal-Komunità fuq l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni u fil-qasam ta' l-immigrazzjoni;

   (f) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod ta' statistika, metodi u indikaturi komuni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-azzjonijiet tal-Komunità għandu jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 6

Il-Gruppi ta' mira

1. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, il-grupp ta' mira għandu jinkludi:

   (a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu permess maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru biex dawn jgħixu fit-territorju tiegħu legalment, kemm jekk għax-xogħol, jew xogħol għal rashom, jew riunifikazzjoni ta' familji jew kwalunkwe għan ieħor stabbilit fil-liġi nazzjonali, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jikkwalifikaw bħala refuġjati jew li jkunu eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad- 29 ta' April 2004; u

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu fit-territorju ta' pajjiż terz u li, bil-ħsieb li jiskbu permess mill-awtoritajiet ta' Stat Membru biex jiġu u jgħixu fih legalment, ikunu konformi ma' kundizzjonijiet speċifiċi ta' qabel it-tluq stabbiliti fil-liġi nazzjonali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-ħila biex dawn jintegraw ruħhom fis-soċjetà ta' dan l-Istat Membru.

2. Ċittadin ta' pajjiż terz tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin ta' l-Unjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

KAPITOLU II
IL-PRINĊIPJI TA' L-GĦAJNUNA

Artikolu 7

Il-Komplimentarjetà, il-konsistenza u l-konformità

1. Il-Fond għandu jipprovdi għajnuna li tkun tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, waqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

   B'mod speċjali, biex tkun assigurata l-konsistenza tar-reazzjoni tal-Komunità għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-azzjonijiet finanzjati taħt dan l-istrument għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet li jkunu finanzjati taħt il-Fond Soċjali Ewropew.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-għajnuna mill-Fond u l-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistena għandha tintwera l-aktar fil-programm multiannwali.

3. L-operat iffinanzjat mill-Fond għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħt dawn.

Artikolu 8

Il-Programm

1. L-għanijiet tal-Fond huma ssuktati fil-qafas ta' żewġ perjodi ta' programmi multiannwali (2007-2010 u 2011-2013). Is-sistema tal-programmi multiannwali tinkludi l-prijoritajiet u proċess ta' tmexxija, teħid ta' deċiżjonijiet, verifika u ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi annwali.

Artikolu 9

Intervent sussidjarju u proporzjonali

1. L-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali u annwali msemmija fl-Artikoli 19 u 21 għandha tkun ir-responsabbilità ta' l-Istati Membri fuq il-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali li tkun speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbilità għandha tkun eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. Il-mezzi użati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ivarjaw skond il-qies tal-kontribuzzjoni tal-Komunità f'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-verifika. Id-divrenjzar għandu jkun jgħodd ukoll għad-dispożizzjonijiet fuq il-valutazzjoni u r-rapporti fuq il-programmi multiannwali u annwali.

Artikolu 10

Metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-baġit tal-Komunità allokati għall-Fond għandhom ikunu implimentati, skond l-Artikolu 53(1), il-punt (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ħlief għall-Azzjonijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 5 u l-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 16. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw il-konformità mal-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba.

2. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbilità tagħha biex timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej billi:

   (a) tivverifika l-eżistenza u t-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 30;

   (b) tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom skond l-Artikoli 39 u 40 jekk is-sistemi nazzjonali tat-tmexxija u l-kontroll ikunu jonqsu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 43 u 44.

Artikolu 11

L-Addizzjonalità

1. Il-kontribuzzjonijiet mill-Fond m'għandhomx jieħdu post nefqa pubblika jew oħra ekwivalenti li tkun saret minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni, flimkien ma' kull Stat Membru, għandha tivverifika l-addizzjonalità ta' nofs it-terminu sal-31 ta' Diċembru 2012 u dik *ex-post* sat-30 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 12

Is-Sħubija

1. L-Istat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali preżenti, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-entitajiet li dan jaħtar, jiġifieri:

(a) l-awtoritajiet ta' l-implimentazzjoni maħtura mill-Istat Membru biex jitmexxew l-interventi tal-Fond Soċjali Ewropew u awtoritajiet pubbliċi reġjonali, lokali, urbani u oħrajn kompetenti;

(b) kwalunkwe entità xierqa oħra li tirrappreżenta s-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet li mhumiex tal-gvern, inklużi l-imsieħba soċjali.

L-Istat Membru għandu jassigura involviment wiesa' u effettiv ta' l-entitajiet xierqa kollha, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali.

2. Is-sħubija għandha ssir skond il-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħeb.

Is-sħubija għandha tkopri l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-programmi multiannwali.

KAPITOLU III
IL-QAFAS FINANZJARJU

Artikolu 13

Ir-riżorsi globali

1. L-approprijazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-taqsim annwali indikattiv bejn l-Istati Membri skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14.

Artikolu 14

Id-distribuzzjoni annwali tar-riżorsi għall-azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' 300,000 Euro mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

Dan l-ammont għandu jkun iffissat għal 500,000 Euro fis-sena għall-perjodu 2007-2013 għal dawk l-Istati li jkunu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Dan l-ammont għandu jkun iffissat għal 500,000 Euro fis-sena għall-Istati Membri li se jissieħbu fil-Unjoni Ewropea fil-perjodu 2007 – 2013, għall-perjodu li jibqa' minn dak bejn l-2007 – 2013, b'seħħ mis-sena ta' wara s-sħubija tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżosi annwali disponibbli għandhom jinqasmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 40 % fi proporzjon għall-medja tan-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fl-Istati Membri matul it-tliet snin ta' qabel, skond l-Artikolu 6; u

(b) 60% fi proporzjon għan-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qalgħu permess maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stati Membri biex jgħixu fihom legalment matul it-tliet snin ta' qabel, skond l-Artikolu 6.

3. Madankollu, għall-għan tal-kalkulazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, il-kategoriji ta' persuni li ġejjin m'għandhomx ikunu inklużi:

(a) ħaddiema staġonali, kif definit taħt il-liġi nazzjonali;

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ddaħħlu minħabba studji, bdil ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004[61];

(c) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ddaħħlu minħabba riċerka xjentifika skond id-Direttiva tal-Kunsill …/…/..ta' …/.. 2005

(d) ċittadini ta' pajjiżi terzi li rċevew awtorizzazzjoni mġedda maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru jew inkella bdil fl-istat, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu kisbu stat ta' residenza għal żmien twil skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003[62].

4. Il-figuri ta' referenza għandhom ikunu l-aktar statistika reċenti maħruġa mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej skond il-liġi tal-Komunità.

5. Fejn l-istatistika msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-figuri meħtieġa.

Artikolu 15

L-Istruttura ta' l-iffinanzjar

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

3. L-approprijazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għan-nefqa pubblika jew dik ekwivalenti li tkun ġiet allokata mill-Istati Membri għall-miżuri koperti b'din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti appoġġjati, fejn għandhom x'jaqsmu l-azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, m'għandhiex tkun iktar minn 50 % tan-nefqa totali ta' azzjoni speċifika.

---

61 ĠU L375, it-23 ta' Diċembru 2004, p.12

62 ĠU L16, it-23 ta' Jannar 2004, p.44

5. Din tista' tiżdied sa 60 % għal dawk il-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji ta' gwida multiannwali tal-Kummissjoni kif definit fl-Artikolu 18.

6. Din għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

7. Bħala regola ġenerali, l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità mogħtija għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond, għandha tingħata għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin, suġġett għar-rapporti perjodiċi tal-progress.

Artikolu 16

L-Għajnuna teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva ta' u/jew f'isem il-Kummissjoni, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, is-sorveljanza, miżuri amministrattivi u ta' appoġġ tekniku, kif ukoll miżuri ta' valutazzjoni, verifika u spezzjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fil-limiti ta' 0.20% ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond.

2. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinkludu:

   (a) studji, valutazzjonijiet, rapporti ta' l-esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar l-operat tal-Fond;

   (b) miżuri maħsuba għall-imsieħba, il-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Fond u għall-pubbliku ġenerali, l-aktar miżuri ta' informazzjoni;

   (c) l-istallazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għat-tmexxija, is-sorveljanza, l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;

   (d) titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-bdil ta' informazzjoni fuq prattika f'dan il-qasam.

Artikolu 17

L-Għajnuna teknika ta' l-Istati Membri

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, tmexxija, sorveljanza, valutazzjoni, informazzjoni u ta' kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-ħila amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont annwali li jitwarrab għall-għajnuna teknika u amministrattiva m'għandux ikun iżjed minn 4 % ta' l-ammont totali annwali tal-iffinanzjar konġunt allokat għall-Istati Membru, u 30 000 Euro.

Kapitlu IV

L-Ipprogrammar

Artikolu 18

L-Adozzjoni ta' linji ta' gwida multiannwali

1. Għal kull programm multiannwali, il-Kummissjoni għandha tadotta linji ta' gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u oqsma oħra relatati ma' l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perjodu tal-programm multiannwali.

2. Għal kull wieħed mill-għanijiet tal-Fond, dawk il-linji ta' gwida għandhom jagħtu effett speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità biex jitmexxew 'il quddiem il-prinċipji bażiċi komuni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji ta' gwida strateġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ewwel programm multiannwali (2007-2010) fil-31 ta' Marzu 2006, u dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tieni programm multiannwali (2011-2013) fil-31 ta' Marzu 2010.

4. Il-linji ta' gwida strateġiċi għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 19

It-Tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali

1. Kull Stat Membru għandu, għal kull fażi tal-programm u fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 18, jipproponi abbozz ta' programm multiannwali li għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti fl-Istat Membru dwar l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali fid-dawl tal-prinċipji bażiċi komuni u, fejn ikun disponibbli, dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' ammissjoni u introduzzjoni;

   (b) analiżi tal-kriterji fl-Istat Membru in kwistjoni dwar l-istrateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali u, fejn ikun disponibbli, programmi ta' ammissjoni u introduzzjoni, bħala indikazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-operat imfassla biex jintlaħqu dawn il-kriterji matul il-perjodu kopert bil-programm multiannwali;

   (c) preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet mehmuża ma' l-akkwist ta' dawn, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex ikunu implimentati dawn il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk din l-istrateġija tkunx waħda kumpatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali jew oħrajn tal-Komunità;

(e) informazzjoni fuq il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom ikunu kwantifikati billi jintuża numru limitat ta' indikaturi għall-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt, waqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jagħmluha possibbli biex jitkejjel il-progress fejn għandhom x'jaqsmu s-sitwazzjoni tal-linja ta' bażi u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) abbozz ta' pjan ta' ffinanzjar li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull sena, il-kontribuzzjoni finanzjarja proposta tal-Fond u l-ammont ġenerali ta' l-iffinanzjar konġunt pubbliku jew privat;

(g) l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-programm multiannwali, inklużi:

– il-ħatra mill-Istat Membru ta' l-entitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 24;

– deskrizzjoni tas-sistemi ta' implimentazzjoni, sorveljanza, kontroll u valutazzjoni, inkluża deskrizzjoni dwar il-miżuri meħuda biex tkun assigurata l-komplimentarjetà ta' l-azzjonijiet ma' dawk finanzjati taħt il-Fond Soċjali Ewropew;

– definizzjoni tal-proċeduri għall-mobilizzazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-fondi biex tkun assigurata t-trasparenza tagħhom;

– id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex ikun assigurat li l-programm multiannwali jkun pubbliċizzat.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kull programm multiannwali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 12.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozz tal-programm multiannwali tagħhom sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji ta' gwida strateġiċi għall-perjodu in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-programm multiannwali propost fid-dawl ta' dan li ġej:

(a) il-konsistenza tiegħu ma' l-għanijiet tal-Fond u l-linji ta' gwida strateġiċi definiti fl-Artikolu 18;

(b) ir-relevanza, il-konvenjenza u r-riżultati mistennija ta' l-istrateġija u t-temi ta' prijorità ta' l-operat proposti mill-Istat Membru;

(c) il-konformità ma' l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' dan mal-liġi tal-Komunità u l-aktar mal-liġi tal-Komunità li jkollha l-għan li tassigura l-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri

ta' appoġġ li huma relatati direttament fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli tal-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li programm multiannwali ma jkunx konsistenti mal-linji ta' gwida strateġiċi jew ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll, din għandha titlob lill-Istat Membru biex jirrevedi l-programm propost kif xieraq.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm multiannwali fi żmien erba' xhur wara s-sottomissjoni formali ta' dan, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 20

Ir-Reviżjoni tal-programmi multiannwali

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru jew il-Kummissjoni, il-programm multiannwali għandu jkun mistħarreġ mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perjodu tal-programm biex jagħti attenzjoni akbar jew differenti lejn il-prijoritajiet tal-Komunità, l-aktar fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-programmi multiannwali jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fid-dawl tal-valutazzjonijiet u/jew wara xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni fuq ir-reviżjoni tal-programm multiannwali kemm jista' jkun malajr wara s-sottomissjoni formali ta' talba mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 21

Il-Programmi annwali

1. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, bi stima ta' l-ammonti li għandhom ikunu allokati lilhom għas-sena ta' wara mill-approprijazzjonijiet totali taħt il-proċedura tal-baġit annwali, ikkalkulati kif hemm spjegat fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm multiannwali li jkun jinkludi:

   (a) ir-regoli ġenerali għall-għażla ta' proġetti li għandhom ikunu finanzjati taħt il-programm annwali;

   (b) deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom isiru mill-awtorità responsabbli meta jiġi implimentat il-programm annwali;

   (c) it-taqsim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex tkun koperta l-

għajnuna teknika u amministrattiva taħt l-Artikolu 17 biex ikun implimentat il-programm annwali.

4. Meta teżamina l-proposta ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprijazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura tal-baġit u għandha tieħu deċiżjoni fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena in kwistjoni. Id-deċiżjoni għandha turi l-ammont allokat għall-Istat Membru u l-perjodu li għalih in-nefqa hija eliġibbli.

KAPITOLU V
IS-SISTEMI TAT-TMEXXIJA U L-KONTROLL

Artikolu 22

L-Implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni skond kif ikun meħtieġ.

Artikolu 23

Il-Prinċipji Ġenerali fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

Is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programmi ta' l-operat stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu għal:

(a) definizzjoni ċara tal-funzjonijiet ta' l-entitajiet u/jew tad-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni u l-kontroll u allokazzjoni ċara tal-funzjonijiet f'kull entità;

(b) separazzjoni ċara tal-funzjonijiet ta' bejn l-entitajiet ikkonċernati fl-amministrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u l-kontroll, u bejn dawk il-funzjonijiet f'kull entità;

(c) riżorsi xierqa għal kull entità u/jew dipartiment biex jitwettqu l-funzjonijiet li jkunu ġew allokati għal dawn matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati mill-Fond;

(d) arranġamenti ta' kontroll intern effettiv ta' l-awtorità responsabbli u ta' kwalunkwe awtorità li tkun ġiet delegata;

(e) sistemi kredibbli ta' kontabilità, sorveljanza u rapportar finanzjarju, f'forma kompjuterizzata;

(f) sistema effettiva ta' rapportar u sorveljanza fejn it-turija tal-ħidmiet tkun ġiet delegata;

(g) manwali dettaljati tal-proċedura fejn għandhom x'jaqsmu l-funzjonijiet li jridu jitwettqu;

(h) arranġamenti effettivi għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) sistemi u proċeduri biex ikun assigurat rekord ta' verifika suffiċjenti;

(j) proċeduri li jikkonċernaw ir-rapportar u s-sorveljanza ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti ta' flus li ma jkunux tħallsu kif suppost.

Artikolu 24

Il-Ħatra ta' l-awtoritajiet

1. Għal kull programm multiannwali, l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: entità funzjonali ta' l-Istat Membru jew awtorità pubblika nazzjonali jew entità maħtura mill-Istat Membru, li tkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' programmi multiannwali u annwali b'appoġġ mill-Fond. Din għandha tittratta l-komunikazzjonijiet kollha li hija jkollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità li tiċċertifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha din tkun indipendenti minn kwalunkwe dipartiment li jawtorizza ta' l-awtorità responsabbli, u li tinħatar mill-Istat Membru biex tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-applikazzjonijiet għall-ħlas qabel dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(c) awtorità tal-verifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha tkun indipendenti mill-awtorità responsabbli, li tkun maħtura mill-Istat Membru u li tkun responsabbli biex tivverifika l-operat tajjeb tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll;

(d) awtorità delegata, fejn xieraq;

(e) entità ta' valutazzjoni tal-konformità li għandha tinħatar fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-awtorità tal-verifika maħtura bħala l-entità tal-valutazzjoni tal-konformità, jekk din ikollha l-ħila meħtieġa u l-indipendenza ta' l-operat. Din għandha twettaq ix-xogħol tagħha skond standards internazzjonali ta' verifika.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli li jikkontrollaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' dawk l-awtoritajiet u entitajiet u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Suġġett għall-Artikolu 23 (b), il-funzjonijiet tal-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu mill-istess entità jew dipartiment.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 25 sa 29 għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 25

L-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità reponsabbli tista' tkun entità ta' l-Istat Membru stess, awtorità pubblika nazzjonali, jew inkella entità kkontrollata bil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li jkollha missjoni ta' servizz pubbliku. Fejn l-Istat Membru jaħtar awtorità responsabbli għajr lilu nnifsu, dan għandu jistabbilixxi l-arranġamenti kollha li jkunu jikkontrollaw ir-relazzjonijet tiegħu ma' din l-awtorità kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' din ta' l-aħħar mal-Kummissjoni.

2. L-awtorità responsabbli għandha tilħaq dawn il-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Din għandha:

   (a) ikollha personalità legali, ħlief fejn din tkun entità funzjonali ta' l-Istat Membru;

   (b) ikollha l-infrastruttura meħtieġa biex titwassal malajr kull komunikazzjoni għand sensiela kbira ta' utenti u għand l-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħra jew għand il-Kummissjoni;

   (c) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jippermetti li jitwettqu l-ħidmiet tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

   (d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli tat-tmexxija tal-fond tal-Komunità;

   (e) ikollha ħiliet finanzjarji u ta' tmexxija li jkunu fi proporzjon għall-volum tal-fondi tal-Komunità li din ikollha tamministra;

   (f) ikollha għad-dispożizzjoni tagħha ħaddiema bi kwalifiki professjonali xierqa u ħiliet lingwistiċi għax-xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

3. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-fondi meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-ħidmiet tagħha kif xieraq u mingħajr waqfien matul il-perjodu kollu 2007-2013.

Artikolu 26

Ix-Xogħol ta' l-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva u korretta tal-programm multiannwali. Din għandha b'mod speċjali:

   (a) tikkonsulta lill-imsieħba relevanti (organizzazzjonijiet li mhumiex tal-gvern, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, imsieħba soċjali eċċ.) permezz tas-sħubija stabbilita fl-Artikolu 12;

   (b) tibgħat lill-Kummissjoni l-proposti għal programmi multiannwali u annwali definiti fl-Artikoli 19 u 21;

(c) tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tat-tmexxija maħtura mill-Istat Membru biex ikunu implimentati l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew;

(d) torganizza u tippubblika sejħat għall-offerti u proposti;

(e) torganizza proċeduri ta' għażla u aġġudikazzjoni għall-iffinanzjar konġunt tal-Fond skond il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament l-istess u n-non-kombinazzjoni ta' għotjiet;

(f) tirċievi pagamenti li jkunu saru mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji;

(g) tassigura l-konsistenza u l-komplimentarjetà bejn l-iffinanzjar konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji relevanti oħra;

(h) tivverifika t-twassil u t-twettiq tal-prodotti u s-servizzi ko-finanzjati u li n-nefqa ddikjarata għall-azzjonijiet tkun saret verament u tkun konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(i) tassigura li jkun hemm sistema li tkun tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata rekords dettaljati ta' kontabilità għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali, u li d-data fuq l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għat-tmexxija, is-sorveljanza, il-kontroll u l-valutazzjoni finanzjarja tkun tabilħaqq inġabret;

(j) tassigura li l-benefiċjarji u l-entitajiet l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond ikunu qed iżommu jew sistema separata ta' kontabilità jew kodiċi xieraq ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha kkonċernati ma' l-operat;

(k) tassigura li l-valutazzjonijiet tal-programmi multiannwali msemmija fl-Artikolu 48 ikunu qed isiru fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u jkunu laħqu standards ta' kwalità li dwarhom ikun ftehmu l-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(l) tistabbilixxi proċeduri biex ikun assigurat li d-dokumenti kollha dwar in-nefqa u l-verifika, meħtieġa biex jintlaħaq rekord xieraq ta' verifika, ikunu qed jinżammu skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 42;

(m) tassigura li l-awtorità tal-verifika tirċievi, biex jitwettqu l-verifiki definiti fl-Artikolu 29(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri ta' tmexxija li jkunu qed jitħaddmu u dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Fond;

(n) tassigura li l-awtorità li tiċċertifika tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn tidħol in-nefqa għall-għan ta' ċertifikazzjoni;

(o) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti, prospetti tan-nefqa li jkunu ġew ċertifikati mill-awtorità li tiċċertifika, kif ukoll l-applikazzjonijiet għall-pagamenti;

(p) twettaq ħidmiet ta' għoti ta' informazzjoni u pariri u tqassam ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġjati;

(q) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fi Stati Membri oħra.

2. Il-ħidmiet tat-tmexxija ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17.

Artikolu 27

Id-Delega ta' ħidmiet mill-Awtorità Responsabbli

1. Fejn il-ħidmiet kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, ikunu ġew delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi b'mod preċiż l-iskop tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati lilha, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25.

2. Dawn il-proċeduri jridu jipprovdu lill-awtorità responsabbli b'informazzjoni regolari fuq it-turija effettiva tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

Artikolu 28

L-Awtorità li Tiċċertifika

1. L-awtorità li tiċċertifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tiċċertifika li:

– il-prospett tan-nefqa jkun korrett, ikun ġej minn sistemi kredibbli ta' kontabilità u li dan ikun ibbażat fuq dokumenti ta' appoġġ li jkunu jistgħu jiġu verifikati,

(b) in-nefqa ddikjarata tkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li din tkun saret għall-azzjonijiet magħżula skond il-kriterji li jgħoddu għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(c) tiżgura li, għall-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni, tkun irċeviet informazzjoni biżżejjed mill-awtorità responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru għal dak li għandu x'jaqsam man-nefqa li tkun tidher fil-prospett dwar in-nefqa;

(d) tikkunsidra, għall-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni, ir-riżultati tal-verifiki kollha mwettqa minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika;

(e) iżżomm kotba tal-kontijiet f'forma kompjuterizzata, tan-nefqa li tkun ġiet dikjarata lill-Kummissjoni;

(f) tara li jinġabru lura dawk il-flejjes li jkunu tħallsu mill-Komunità li jkun instab li tħallsu mingħajr ġustifikazzjoni bħala riżultat ta' irregolaritajiet li jsiru magħrufa, flimkien ma' l-imgħax fejn mistħoqq, u li jinżammu l-kontijiet ta' l-ammonti li jkun imisshom jinkisbu lura u l-ammonti li jkunu qed jitħallsu lura lill-Kummissjoni, fejn ikun possibbli billi jitnaqqsu mill-prospett tan-nefqa li jkun imiss.

2. Fejn jikkonċerna l-proġetti implimentati fl-Istati Membri, il-ħidmiet ta' l-awtorità li tiċċertifika jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 25, ikunu rispettati.

Artikolu 29

L-Awtorità tal-Verifika

1. L-awtorità tal-verifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tassigura li l-verifiki jkunu saru skond standards internazzjonali ta' verifika biex ikun verifikat l-operat effettiv tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm multiannwali;

(b) tassigura li jsiru l-verifiki fuq l-azzjonijiet fuq il-bażi ta' kampjun xieraq biex din tkun tista' tivverifika n-nefqa ddikjarata; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għal kull programm annwali;

(c) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm multiannwali, strateġija ta' verifika li tkun tkopri l-entitajiet li se jagħmlu l-verifiki msemmija taħt il-punti (a) u (b), il-metodu li se jintuża, il-metodu ta' kif jittieħed il-kampjun għall-verifiki fuq l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond, u l-ippjanar indikattiv tal-verifiki biex ikun assigurat li l-benefiċjarji ewlenin ta' l-iffinanzjar konġunt mill-Fond ikunu ġew verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxa b'mod bilanċjat matul il-perjodu kollu tal-programm.

2. Fejn l-awtorità tal-verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità tal-verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet….., …… u ……. [63], jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija kombinata waħda taħt il-paragrafu 1 il-punt (c).

3. L-awtorità tal-verifika għandha tagħmel abbozz ta' rapport finali fuq l-implimentazzjoni tal-programmi annwali kif definit fl-Artikolu 49(2), li għandu jinkludi:

[63] Daħħal ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilxxu l-ERF, il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni.

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu saru skond l-istrateġija tal-verifika tal-programm annwali, fejn għandhom jiġu rappurtati kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu nstabu fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm;

(b) opinjoni dwar jekk is-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tkunx ħadmet b'mod effettiv biex tingħata assikurazzjoni raġonevoli fuq il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni u dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jsiru rigward din in-nefqa;

(c) dikjarazzjoni li tistħarreġ il-validità ta' l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jkunu saru rigward dan u li jkunu koperti bil-prospett finali tan-nefqa.

4. Fejn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 jsiru minn entità għajr l-awtorità tal-verifika, l-awtorità tal-verifika għandha tassigura li dawn l-entitajiet ikollhom l-awtonomija ta' l-operat meħtieġa u li x-xogħol isir skond standards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-ħidmiet ta' l-awtorità tal-verifika jew ta' l-entità msemmija fil-paragrafu 4, li jkollhom x'jaqsmu mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri, jistgħu jkunu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritti fl-Artikolu 24, ikunu rispettati.

KAPITOLU VI
IL-KONTROLLI

Artikolu 30

Ir-Responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-programmi multiannwali u annwali kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet kollha li jsiru rigward dawn.

2. Huma għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kull awtorità delegata, l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, l-awtoritajiet tal-verifika u kwalunkwe entitajiet oħra kkonċernati jirċievu gwida xierqa biex jitwaqqfu s-sistemi ta' tmexxija u kontroll msemmija fl-Artikoli 23 sa 29. Dan biex ikun assigurat li l-iffinanzjar tal-Komunità jintuża b'mod effiċjenti u tajjeb.

3. L-Istati Membri għandhom jevitaw, ifittxu u jikkoreġu kull irregolarità. Dawn għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni mgħarrfa dwar il-progress li jkun sar fil-proċeduri amministrattivi u legali.

Meta jkun hemm ammonti li jkunu tħallsu lil benefiċjarji mhux kif suppost u dawn ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru huwa responsabbli biex iħallas lura dawk l-ammonti mitlufa lill-estimi tal-Komunitajiet Ewropej.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-verifika jkunu implimentati b'tali mod li jkunu jiggarantixxu li l-fondi tal-Komunità jintużaw kif xieraq u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni għall-ġbir ta' l-istatistika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 14.

6. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 31

Is-Sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

1. Qabel l-adozzjoni ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll għall-programmi ta' l-operat jkunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 23 sa 29. Dawn għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li s-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu kollu tal-programm.

2. Flimkien mas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu wkoll deskrizzjoni dwar l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, u dwar is-sistemi ta' verifika interna li jkunu qed jitħaddmu f'dawn l-awtoritajiet u entitajiet, fl-awtorità tal-verifika, u fi kwalunkwe entità oħra li tkun qed tagħmel tali verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport magħmul mill-entità tal-valutazzjoni tal-konformità. Dan għandu jipprovdi r-riżultati tal-valutazzjoni dwar is-sistemi, waqt li jagħti opinjoni fuq il-konformità ta' dawn ma' l-Artikoli 23 sa 28. F'każ li l-opinjoni jkollha xi riżervi, ir-rapport għandu juri n-nuqqasijiet u l-gravità tagħhom. L-Istati Membri għandhom ifasslu, bi ftehim mal-Kummissjoni, pjan li jistabbilixxi l-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu u l-orarju għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 32

Ir-Responsabbilitajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa lilha nfisha skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31 li l-Istati Membri jkunu stabbilew sistemi ta' tmexxija u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 23 sa 29, u fuq il-bażi tar-rapporti tal-verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess li dawn is-sistemi jkunu qed jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jkunu saru mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, li dawn jistgħu jinkludu verifiki fuq l-azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali; biex isiru dawn għandu jingħata avviż ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim tajjeb tas-sistemi jew il-korrettezza ta' waħda minn transazzjonijiet jew iktar. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħha jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li jkunu ngħataw l-informazzjoni, il-pubbliċità u l-issuktar xierqa għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 33

Il-Kooperazzjoni ma' l-entitajiet tal-kontroll ta' l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet tal-verifika tal-programmi multiannwali biex jikkordinaw il-pjani ta' kontroll u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom. Hija għandha tagħmel minnufih bdil tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll biex tkun tista' tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tal-kontroll u biex ikun evitat irduppjar ta' xogħol mhux ġustifikat.

   Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha fuq l-istrateġija tal-verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 29 sa mhux aktar tard minn tliet xhur jew fl-ewwel laqgħa wara li din tkun irċevietha.

2. Biex tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi multiannwali li

   (a) jkunu konformi mas-sistema stabbilita taħt l-Artikolu 31 mingħajr riżervi jew li għalihom ir-riżervi jkunu tneħħew wara li jkunu ttieħdu miżuri korrettivi; u

   (b) għalihom l-istrateġija tal-verifika ta' l-awtorità tal-verifika taħt l-Artikolu 29 tkun tajba u fejn tkun inkisbet assikurazzjoni raġonevoli li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru mill-Kummissjoni u l-Istat Membru.

   Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Istati Membri kkonċernati li din tkun se tistrieħ l-aktar fuq l-opinjoni ta' l-awtorità tal-verifika fejn jidħlu l-korrettezza, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, u li din tkun se tagħmel verifiki fuq il-post f'każijiet eċċezzjonali biss.

KAPITOLU VII
IT-TMEXXIJA FINANZJARJA

Artikolu 34

L-Eliġibbilità – id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha tan-nefqa għandhom jinkludu l-ammont tan-nefqa li jkun sar mill-benefiċjarji biex jimplimentaw l-azzjonijiet kif ukoll il-kontribuzzjoni li tikkorrispondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. In-nefqa għandha tkun tikkorrispondi għall-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarji. Din għandha tkun ġustifikata b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità li jkunu jixhdu għal din in-nefqa.

3. In-nefqa tista' titqies eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond biss jekk din tkun tħallest fil-fatt mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt muri fl-Artikolu 21(4). L-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma jridux ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

4. In-nefqa li ġejja m'għandhiex tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fond:

   – il-VAT;

   – imgħax fuq id-dejn;

   – ix-xiri ta' art għal ammont li jkun iżjed minn 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għall-operat ikkonċernat;

   – akkommodazzjoni.

5. Ir-regoli li jikkontrollaw l-eliġibbilità tan-nefqa fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati li jkunu ko-finanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 51(2).

Artikolu 35

Is-Sħuħija tal-ħlas lill-benefiċjarji

L-Istati Membri għandhom ikunu sodisfatti li l-awtorità responsabbli tassigura li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi kemm jista' jkun malajr u b'mod sħiħ. L-ebda ammonti m'għandhom jitnaqqsu jew jinżammu, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tista' tnaqqas dawn l-ammonti lill-benefiċjarji.

Artikolu 36

L-Użu ta' l-Euro

L-ammonti kollha msemmija fid-deċiżjonijiet tal-finanzjament, ir-rabtiet tal-Kummissjoni u l-pagamenti, kif ukoll l-ammonti tan-nefqa ċċertifikata u t-talbiet għall-ħlas mill-Istati Membri għandhom ikunu espressi u mħallsa f'Euro.

Artikolu 37

Ir-Rabtiet

Ir-rabtiet tal-baġit tal-Komunità għandhom isiru ta' kull sena fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-ko-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 21(4).

Artikolu 38

Il-Pagamenti - Finanzjament minn qabel

1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fondi għandhom isiru skond ir-rabtiet tal-baġit.

2. Il-pagamenti għandu jkollhom il-forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Dawn għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. Pagament ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni tal-finanzjar mill-Kummissjoni, għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar.

4. It-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat ir-rapport tal-progress fuq l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjrazzjoni ċċertifikata tan-nefqa li tkun saret skond l-Artikoli 27, il-punt a) u 33; dan għandu jammonta għal mill-inqas 70 % ta' l-ammont tal-pagament tal-bidu. L-ammont tat-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel li jkun sar mill-Kummissjoni m'għandux ikun iktar minn 50 % ta' l-ammont totali allokat bid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt jew, fi kwalunkwe eventwalità, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi tal-Komunità li l-Istat Membru jkun intrabat bihom għal proġetti magħżula taħt il-programm annwali, bit-tnaqqis ta' l-ewwel pagament ta' finanzjament minn qabel.

5. L-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' finanzjament minn qabel għandhom ikunu assenjati għall-programm ikkonċernat u għandhom jitnaqqsu mill-ammont tan-nefqa pubblika ddikjarata fil-prospett finali tan-nefqa.

6. L-ammonti mħallsa bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

Artikolu 39

Il-pagamenti tal-bilanċ

1 Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm din tkun irċeviet d-dokumenti li ġejjin fi żmien disa' xhur mid-data tat-tmiem ta' l-eliġibbilità ta' l-ispejjeż definiti fid-deċiżjoni annwali fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond:

(a) dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż li tkun saret kif xieraq skond l-Artikoli 28, il-punt a), u 34;

(b) ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni għall-programm annwali, inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 50;

(c) ir-rapport tal-verifika, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(3).

Il-ħlas tal-bilanċ huwa suġġett għall-approvazzjoni tar-rapport finali ta' l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-validità għat-talba biex jitħallas il-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data stabbilita u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tikkanċella kwalunkwe parti mir-rabta tal-bagit tal-programm annwali li jikkorrispondi li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura tal-kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti kkonċernati, fejn il-proċeduri legali jew appell amministrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom fis-seħħ fuq livell ta' Stat Membru fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dokumenti definiti fil-paragrafu 1. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie sottomess, għandu jagħti informazzjoni dettaljata fuq dawn il-proġetti, u jibgħat ir-rapporti fuq il-progress li jkun sar fuq dawn il-proġetti kull 6 xhur. Fi żmien 3 xhur mill-konklużjoni tal-proċeduri legali jew il-proċedura ta' l-appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perjodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwaqqaf jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tkun tissospendi l-pagamenti ta' l-iffinanzjar konġunt għall-programm annwali relevanti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41. Il-perjodu għandu jibda għal darb'oħra mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 40, il-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur minn mindu din tkun irċeviet id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont tan-nefqa li għandu jinġarr mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġejjin mid-differenza bejn in-nefqa dikjarata u n-nefqa li għandha tinġarr mill-bagit. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur żmien biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur minn mindu tkun irċeviet il-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tan-nefqa li jkun a karigu tal-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn in-nefqa finali magħrufa u s-somom li jkunu tħallsu diġà lill-Istati Membri.

7. Suġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din tkun aċċettat id-dokumenti msemmija fil-

paragrafu 1 fuq. Il-bilanċ tar-rabta tal-baġit għandu jkun rilaxxjat fi żmien sitt xhur wara li jkun sar il-pagament.

Artikolu 40

L-Interruzzjoni

1. L-għeluq iż-żmien tal-pagament għandu jkun interrott, mill-uffiċjal li jawtorizza b'delega fit-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, għal perjodu massimu ta' sitt xhur jekk ikun hemm dubji dwar it-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll jew jekk l-uffiċjal li jawtorizza ikun jeħtieġ aktar tagħrif ieħor mill-awtoritajiet nazzjonali fil-proċess tas-sorveljanza ta' l-osservazzjonijiet li jkunu saru taħt ir-reviżjoni annwali, jew jekk dan ikollu suspetti li jkun hemm irregolaritajiet serji, misjuba jew preżunti, fin-nefqa dikjarata.

   Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-awtorità responsabbli dwar ir-raġunijiet għal din l-interruzzjoni. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

2. Il-perjodu massimu ta' sitt xhur għandu jiżdied għal perjodu massimu ieħor ta' sitt xhur jekk ikun hemm verament il-ħtieġa li tkun adottata deċiżjoni skond l-Artikoli 41 u 44.

Artikolu 41

Is-Sospensjoni

1. Il-pagamenti kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jkunu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm li jaffettwa l-kredibilità tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-pagamenti u li għal din ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

   (b) in-nefqa fi propsett iċċertifikat tkun marbuta ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet korretta; jew

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 30 u 31.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex dan jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf is-sospensjoni tal-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa biex titneħħa tali sospensjoni.

4. Jekk il-miżuri meħtieġa ma jkunux ittieħdu mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tnaqqas l-ammont nett jew li tħassar il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm annwali skond l-Artikolu 45.

Artikolu 42

Iż-Żamma tad-dokumenti

L-awtorità responsabbli, f'kull Stat Membru, għandha tassigura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa u l-verifika fuq il-programm annwali kkonċernat jibqgħu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri.

Id-dokumenti għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara t-tmiem tal-programm annwali, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkontrollaw l-għajnuna ta' l-Istat. Dan il-perjodu għandu jkun interrott jew f'każ ta' proċeduri legali jew fuq it-talba tal-Kummissjoni waqt li tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

Id-dokumenti għandhom jinżammu jew fil-forma oriġinali tagħhom jew inkella f'verżjonijiet iċċertifikati bħala konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' ġarr ta' data aċċettati b'mod ġenerali.

KAPITOLU VIII
KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 43

Korrezzjonijiet finanzjarji stabbiliti mill-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni biex din timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli biex jistħarrġu kull irregolarità. Dawn għandhom jaġixxu fuq l-evidenza ta' kwalunkwe bidla kbira li tkun taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' l-għajnuna. Dawn għandhom jagħmlu wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji fejn għandhom x'jaqsmu irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali. Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fl-irkupru tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

3. L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali li huma jibagħtu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 49(2) lista ta' proċeduri ta' kanċellazzjoni li jkunu nbdew għall-programm annwali kkonċernat.

   Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità, jew ta' parti minnha, u, fejn l-ammont ma jkunx tħallas lura fiż-żmien previst mill-Istat Membru relevanti, għandhom jitħallsu interessi kontumaċji bir-rata pprovduta fl-Artikolu 46(2).

4. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistematiċi, l-Istat Membru għandu jestendi l-istħarriġ tiegħu biex ikopri l-operat kollu li jista' jiġi affettwat.

Artikolu 44

Il-Verifiki tal-kontijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-verifiki li jkunu twettqu mill-Istati Membri skond il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-uffiċjali jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki tal-kampjun, fuq l-operazzjonijiet finanzjati mill-Fond u fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan għandu jingħata avviż b'ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat biex tikseb l-għajnuna kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew il-ħaddiema ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

   Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex iwettaq verifika fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew aktar. L-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 29, din għandha tissospendi l-pagament tal-finanzjament minn qabel jew dak finali skond l-Artikolu 41.

Artikolu 45

Il-Kriterji għall-korrezzjonijiet

1. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel il-korrezzjonijiet fil-perjodu stabbiliti kif imfisser fl-Artikolu 41(2) u jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fi żmien tliet xhur li tħassar il-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità, jew parti minnha, għal programm annwali meta din tikkonkludi li:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm u dan ikun poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Komunità li tkun tħallset diġà għall-programm;

   (b) in-nefqa li tkun tidher fi prospett ta' nefqa ċċertifikat tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu; u

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 29 qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

   Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun qieset kwalunkwe kummenti li jkunu saru mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità li tkun ġiet identifikata, waqt li tqis in-natura sistematika ta' l-irregolarità biex tistabbilixxi jekk għandhiex tkun applikata korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkollu x'jaqsam ma' prospett ta' nefqa li għalih tkun ingħatat assikurazzjoni pożittiva skond l-Artikolu 29(3), il-punt

b) f'rapport annwali, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur biex jirribatti din il-preżunzjoni.

3. Il-Kummissjoni, meta din tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni, għandha tqis l-importanza ta' l-irregolarità kif ukoll il-limitu u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm ta' l-operat ikkonċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, din għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha stess dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 31, ir-rapporti ta' l-irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġibiet li jkunu saru mill-Istat Membru.

Artikolu 46

Il-Ħlas lura

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-Kummissjoni għandu jsir qabel id-data murija fl-ordni għall-irkupru li tkun saret skond l-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[64]. Din id-data għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar ta' wara l-pubblikazzjoni ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien biex isir il-ħlas lura għandu jwassal biex ikun impost imgħax minħabba ħlas li jkun sar tard; dan l-imgħax għandu jibda jgħodd mid-data li sa dakinhar kellu jsir il-ħlas u jintemm fid-data ta' meta jsir il-ħlas proprju. Ir-rata ta' dan l-imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operat ewlieni tiegħu ta' finanzjar mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun taħbat id-data, u li mbagħad tiżdied bi tliet punti perċentwali u nofs.

Artikolu 47

L-Obbligi ta' l-Istati Membri

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 45.

KAPITOLU IX
IS-SORVELJANZA, IL-VALUTAZZJONI U R-RAPPORTI

Artikolu 48

Is-Sorveljanza u l-valutazzjoni

[64] ĠU L248, is-16 ta' Diċembru 2002

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-Fond b'mod regolari flimkien ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jkun valutat regolarment mill-Kummissjoni flimkien ma' l-Istati Membri biex tkun valutata r-relevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-għan ġenerali msemmi fl-Artikolu 2.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplimentarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk issuktati taħt politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 49

Ir-Rapporti

1. F'kull Stat Membru l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tassigura s-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-proġett.

   Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu ħalli jkunu sottomessi rapporti regolari u dettaljati fuq l-istat tal-progress ta' l-implimentazzjoni u t-tkomplija ta' l-għanijiet assenjati.

2. F'mhux iktar minn disa' xhur wara għeluq iż-żmien ta' l-eliġibbilità għan-nefqa, stabbilit fid-deċiżjoni ta' iffinanzjar konġunt għal kull programm annwali, l-awtorità responsabbli għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport finali ta' l-implimentazzjoni u dikjarazzjoni finali tan-nefqa kif hemm imsemmi fl-Artikolu 34.

3. L-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni:

   (a) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' valutazzjoni fuq l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond;

   (b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012 (għall-perjodu 2007-2010) u t-30 ta' Ġunju 2015 (għall-perjodu 2011-2013) rispettivament, rapport ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:

   (a) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009, rapport fuq l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14 għat-taqsim annwali tar-riżorsi bejn l-Istati Membri, flimkien mal-proposti dwar l-emendi jekk ikun meħtieġ;

   (b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, rapport intermedju fuq ir-riżultati miksuba u fuq l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond, flimkien ma' proposta fuq l-iżvilupp tal-ġejjieni tal-Fond;

(c) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 (għall-perjodu 2007-2010) u l-31 ta' Diċembru 2015 (għall-perjodu 2011-2013) rispettivament, rapport ta' valutazzjoni *ex post*.

Artikolu 50

Ir-Rapport annwali finali

1. Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 49(2) għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja biex tinkiseb stampa ċara dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali u multiannwali:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u ta' l-operat tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm multiannwali u l-prijoritajiet fejn jidħlu l-miri speċifiċi u verifikabbli tagħhom, bi kwantifikazzjoni, kulfejn u kulmeta dawn iwasslu lilhom infushom għall-kwantifikazzjoni, ta' l-indikaturi fiżiċi u ta' l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt għal kull prijorità;

(c) il-miżuri meħuda mill-Awtorità Responsabbli biex tassigura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, l-aktar:

– miżuri ta' sorveljanza u valutazzjoni, inklużi arranġamenti ta' ġbir ta' data;

– ġabra fil-qosor dwar kwalunkwe problemi kbar li wieħed ikun iltaqa' magħhom waqt l-implimentazzjoni tal-programm ta' l-operat u kwalunkwe miżuri li jkunu ttieħdu;

– l-użu li jkun sar mill-għajnuna teknika;

– il-miżuri meħuda biex tingħata informazzjoni fuq u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u multiannwali.

2. Ir-rapporti għandhom ikunu ġġudikati bħala aċċettabbli fejn dawn ikollhom l-informazzjoni kollha li hemm imniżżla fil-paragrafu 1. Fi żmien xahrejn il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-kontenut tar-rapport annwali ta' l-implimentazzjoni li jkun intbagħat mill-Awtorità Responsabbli. Jekk il-Kummissjoni ma tagħti l-ebda tweġiba fiż-żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies bħala wieħed aċċettat.

KAPITOLU X
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 51

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat komuni għas-"Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", stabbilit bid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri esterni għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni ../…[65] ("il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 52

Ir-Reviżjoni

Il-Kunsill għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013.

Artikolu 53

Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 54

Id-Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[65] Niżżel ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-ERF, il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. LI TKUN ŻVILUPPATA S-SOLIDARJETÀ FIL-QASAM TAR-RIPATRIJAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI LI JKUNU QED JGĦIXU ILLEGALMENT

1.1. Id-Dikjarazzjoni u l-analiżi tal-problema

Ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux għadhom aktar jilħqu l-kundizzjonijiet għad-dħul, il-preżenza, jew li jgħixu fit-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, jew għaliex dawn ikunu daħlu illegalment jew ikunu għexu aktar mill-perjodu ta' viża konċess lilhom jew għaliex it-talba għall-kenn politiku tkun ġiet rifjutata, huwa importanti ħafna.

Dan huwa importanti biex ikun assigurat li l-politika ta' l-ammissjoni ma tkunx mhedda u biex tkun infurzata s-supremazija tad-dritt, li hija elementi ewlieni fiż-żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja.

Madankollu, fil-prattika, li politika dwar ir-ripatrijazzjoni titpoġġa fis-seħħ huwa sforz kbir, l-aktar għall-Istati Membri li għandhom GDP relattivament baxx u ftit esperjenza. It-tmexxija tar-ripatrijazzjoni huwa proċess kumpless: dan jeħtieġ l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajbin ta' ħidma mal-pajjiżi tar-ripatrijazzjoni, waqt li jiġu bbilanċjati d-drittijiet individwali u kunsiderazzjoniiet umanitarji bl-interess ta' l-istat fl-infurzar tal-liġi. Ħafna drabi, is-sitwazzjonijiet illegali jkunu awtorizzati biex jitkomplew *de facto*, u l-Istati Membri għandhom it-tendenza li jagħmlu spejjeż sostanzjali għall-perjodu twil ta' żmien biex iżommu taħt detenzjoni lill-persuni kkonċernati għall-perjodi twal u biex iwettqu battalji legali twal biex dawn ikunu jistgħu jitkeċċew.

Li titnaqqas l-immigrazzjoni illegali b'politika effettiva ta' ripatrijazzjoni hija problema għall-Istati Membri kollha. F'żona mingħajr fruntieri interni, il-persuni jistgħu, fil-prinċipju, jiċċaqalqu mingħajr l-ebda ndħil. It-tolleranza ta' residenza illegali fi Stat Membru wieħed tista' taffettwa b'mod negattiv il-ġlieda kontra x-xogħol illegali fl-UE kollha li, imbagħad, taġixxi bħala fattur ta' ġibda għal aktar immigrazzjoni illegali lejn l-UE. Bil-maqlub ta' dan, politika effettiva fl-UE kollha dwar ir-ripatrijazzjoni jista' jkollha effetti ta' ġid fuq il-kredibilità tal-politika komuni fuq l-immigrazzjoni u tgħin biex tiżdied l-aċċettazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fl-Istati Membri.

1.2. Il-mixja 'l quddiem

Meta wieħed iqis il-kobor tad-diffikultajiet involuti, l-Istati Membri x'aktarx ikunu jistgħu jegħlbuhom iżjed jekk dawn jaġixxu flimkien aktar milli waħedhom – l-aktar, jekk dawn isegwu mudelli li jkunu wasslu għal implimentazzjoni ġusta u b'suċċess tal-politika fuq ir-ripatrijazzjoni f'diversi Stati Membri, l-aktar il-kunċett ta' 'tmexxija integrata dwar ir-ripatrijazzjoni' li jfittex li jnaqqas ir-riskji kif ukoll l-impedimenti.

Barra milli jimplimentaw il-prattika fuq livell nazzjonali, ibbażata fuq esperjenzi b'suċċess tal-passat, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu wkoll aktar informazzjoni fuq il-proċessi tat-tmexxija tar-ripatrijazzjoni, fuq in-nies li nħarġulhom ordnijiet ta' tkeċċija, fuq l-esperjenza biex ikunu implimentati miżuri u inċentivi differenti li jħeġġu r-ripatrijazzjoni volontarja, kif ukoll fuq il-kondizzjonijiet f'pajjiżi terzi. Fl-aħħarnett, in-nefqa ta' l-operat tar-ripatrijazzjoni

u ta' l-għanjuna u l-appoġġ f'dawn il-pajjiżi qabel u wara r-ripatrijazzjoni ta' dawn tista' tinqasam bejn l-Istati Membri.

Madankollu, din trid tkun ibbażata fuq interpretazzjoni komuni dwar min jista' jkun imreġġa' lura u kif wieħed għandu jipproċedi biex tkun implimentata l-politika tar-ripatrijazzjoni. Bħalissa, il-Kummissjoni qed telabora proposta għal Direttiva fuq standards komuni fuq il-proċeduri li għandhom ikunu ssuktati fl-Istati Membri biex ikunu ripatrijati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu fl-Istati Membri illegalment. Id-Direttiva se tintroduċi pjattaforma bilanċjata fl-UE kollha fuq il-proċeduri tar-ripatrijazzjoni. Dawn l-istandards ma jistgħux jindirizzaw il-problemi identifikati f'termini ta' kemm tkun effettiva l-implimentazzjoni tal-politika dwar ir-ripatrijazzjoni, iżda se jkunu parti importanti oħra mill-politika komprensiva ta' l-UE dwar ir-ripatrijazzjoni.

Barra minn hekk, l-azzjonijiet appoġġjati bil-Fond għandhom ikunu implimentati skond l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem.

Fil-Programm ta' The Hague, il-Kunsill Ewropew kien sejjaħ għat-twaqqif ta' Fond tar-Ripatrijazzjoni.

1.3. L-Għanijiet tal-Fond

L-għanijiet ewlenin tal-Fond huma dawn li ġejjin:

- L-introduzzjoni u t-titjib ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tmexxija integrata tar-ripatrijazzjoni mill-Istati Membri;

- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tat-tmexxija integrata tar-ripatrijazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha;

- Il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni fuq ir-ripatrijazzjoni skond l-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam.

Fil-prinċipju, il-Fond ikopri r-ripatrijazzjoni kemm ta' immigranti kif ukoll ta' dawk li jkunu qed ifittxu kenn politiku u li jkunu rċevew deċiżjoni negttiva.

Mill-1 ta' Jannar 2008, l-iffinanzjar ta' miżuri ta' ripatrijazzjoni għal dawk li jkunu ġew imċaħħda kenn politiku taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati mhux se jibqa' eliġibbli. Dan biex ikun jista' jiġi implimentat b'mod sħiħ l-ewwel ċiklu tal-programm multiannwali taħt id-deċiżjoni kurrenti.

Din is-sena, il-Kummissjoni se tagħti bidu għal azzjonijiet ta' tħejjija fil-qasam tar-ripatrijazzjoni. L-azzjonijiet ta' tħejjija se jseħħu fl-2005 u l-2006. Biex jitqiesu kemm jista' jkun l-ewwel riżultati ta' dawn l-azzjonijiet ta' tħejjija, qed ikun propost li l-implimentazzjoni tal-Fond tibda fl-2008. Għalhekk, m'hemm l-ebda finanzjar previst fl-2007.

2. IL-BAZI LEGALI U L-PRINCIPJI ĠUSTIFIKATTIVI TA' L-ISTRUMENT TA' POLITIKA

2.1. L-Għażla tal-bażi legali

Il-bażi legali proposta għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-Artikolu 63, il-paragrafu 3, il-punt (b), għaliex din il-leġislazzjoni tinvolvi "miżuri fuq il-politika ta' l-immigrazzjoni" fil-

qasam ta' l-"immigrazzjoni illegali u r-residenza illegali, inkluż ir-ripatrijazzjoni ta' residenti illegali".

Skond id-Deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2004, li tipprovdi għal ċerti oqsma koperti bit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea biex dawn ikunu kkontrollati bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat (2004/927/KE), il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu tat-Trattat meta dan jadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 63 (2) (b).

Minħabba li l-proposta hija bbażata fuq it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE (Viżas, kenn politiku, immigrazzjoni u politika oħra relatata mal-moviment ħieles ta' persuni), din għandha tkun ippreżentata u adottata skond il-protokolli fuq il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka, mehmuża mat-Trattat ta' Amsterdam. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom il-possibbiltà li jagħżlu din il-miżura. Id-Danimarka mhux se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

Li tkun imfissra s-solidarjetà fl-allokazzjoni tar-riżorsi

Il-metodoloġija għall-allokazzjoni tar-riżorsi lill-Istati Membri se tkun simili għal dik stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li twaqqaf il-ERF għall-perjodu 2005 – 2010.

L-ewwel, biex titfisser li diversi Stati Membri (u l-aktar l-Istati Membri l-ġodda) ikunu jeħtieġu li jagħmlu xi investimenti strutturali biex ikunu ripatrijati b'suċċess ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu illegalment, l-Istati Membri se jkunu allokati b'somma fissa kull sena. Dan l-ammont se jkun ogħla għall-perjodu 2008 - 2013 għal dawk l-Istati li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. Barra minn hekk, dan l-ammont se jkompli jiżdied għal dawk l-Istati Membri li jissieħbu fl-Unjoni Ewropea fil-perjodu 2008 – 2013, għall-perjodu kollu bejn l-2008 u l-2013 b'seħħ mis-sena ta' wara s-sħubija tagħhom.

It-tieni, biex ikun imfisser il-kunċett tas-solidarjetà, ħafna mill-allokazzjonijiet għall-Istati membri se jkunu determinati fuq il-bażi ta' ċavetta ta' distribuzzjoni li tkun tiddefinixxi l-piż relattiv ta' l-Istati Membri fejn jikkonċerna t-tmexxija tar-ripatrijazzjoni. Iċ-ċavetta tad-distribuzzjoni se tkun magħmula minn żewġ komponenti: wieħed li jittratta n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu suġġetti għal deċiżjoni ta' ripatrijazzjoni u li tkun tobbligahom u/jew tinfurmahom dwar l-obbligu li jħallu t-territorju ta' l-Istat Membru, u ieħor li jittratta r-ripatrijazzjoni b'suċċess tal-passat. Għall-ewwel komponent, it-total ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu suġġetti għal din id-deċiżjoni matul it-tliet snin ta' qabel se jiżdied. Dan it-total imbagħad ikun b'xi mod jikkorrispondi għan-numru ta' persuni li fil-perjodu ta' referenza partikolari, l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu qed jikkunsidraw is-sitwazzjoni tagħhom dwar jekk dawn għandhomx jitkeċċew. Wara kollox, intervall ta' żmien bejn id-deċiżjoni u t-tluq attwali huwa inevitabbli: it-tkeċċija fiha nfisha (l-att li tkun infurzata d-deċiżjoni ta' ripatrijazzjoni) tista' tkun teħtieġ deċiżjoni speċifika f'ċerti Stati Membri u/jew tkun suġġetta għal proċeduri speċifiċi (inkluża, fejn tkun meħtieġa, id-detenzjoni ta' qabel it-tkeċċija). It-tieni komponent jista' jittratta r-ripatrijazzjonijiet b'suċċess li seħħew fil-passat. Għalhekk, għandu jkun hemm mekkaniżmu intern li jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu u jtejbu t-tmexxija tar-ripatrijazzjoni u jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-immigrazzjoni illegali fl-UE kollha. Minħabba li l-enfasi ewlenija għandha tkun fuq l-isforzi tal-ġejjieni, il-proporzjonijiet bejn iż-żewġ komponenti se jkunu 70 % – 30 % rispettivament.

Id-definizzjoni tal-kategorija ta' persuni li jkunu suġġetti għal Deċiżjoni ta' ripatrijazzjoni għandha, fil-prinċipju, tkun tikkorrispondi għad-definizzjoni ta' din il-kategorija fid-Direttiva futura tal-Kunsill.

Qed ikun propost li minn din id-definizzjoni jkunu esklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew rifjutati d-dħul f'żona ta' transitu ta' SM. Dan għaliex wieħed għandu jassumi li dawn il-persuni qatt ma jkunu daħlu fit-territorju ta' l-UE u li dawn mhumiex neċessarjament koperti bir-reġim tad-Direttiva tal-Kunsill futura msemmija fuq, waqt li r-ripatrijazzjoni attwali tagħhom ħafna drabi tkun koperta bi strumenti oħra.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jidderieġu l-fondi lejn azzjonijiet li jkunu jkopru (ukoll) din il-kategorija ta' persuni skond l-għanijiet għall-Fond. L-istess jgħodd għar-ripatrijazzjoni volontarja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li ma jkunux ippreżentaw applikazzjoni ta' kenn politiku u għadhom mhumiex (s'issa) qed jgħixu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru.

2.2. L-Azzjonijiet definiti fil-Fond

Minħabba l-għanijiet ġenerali tal-Fond li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tar-ripatrijazzjoni ibbażata fuq il-kunċett ta' tmexxija integrata tar-ripatrijazzjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi li timplimenta l-Fond l-aktar permezz ta' tmexxija mqassma bejn l-Istati Membri. Dan ikun jippermetti għal appoġġ finanzjarju mmirat skond is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet speċifiċi ta' kull Stat Membru.

Barra minn hekk, biex ikun assigurat l-użu tal-fondi bl-aktar mod effiċjenti, il-proposta fiha dispożizzjonijiet dettaljati ħafna dwar l-għanijiet ta' l-operat li għandhom jinkisbu kif ukoll dwar it-tipi ta' azzjonijiet identifikati bħala li jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.

3. VALUTAZZJONIJIET

S'issa kien hemm biss fondi li kienu disponibbli fuq livell ta' Komunità; dawn kienu mmirati lejn l-appoġġ għall-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tar-ripatrijazzjoni (ARGO). Dawn l-azzjonijiet iffokaw l-aktar fuq studji ta' l-aħjar prattika u fuq it-trasferiment ta' din l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet u partijiet interessati oħra bħall-IOM.

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni *ex ante*, li hija mehmuża ma' din il-proposta.

4. IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

Is-Sussidjarjetà

Il-prinċipju fundamentali jibqa' li l-Istati Membri huma responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-tmexxija tar-ripatrijazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha. L-estimi nazzjonali se jibqgħu għalhekk is-sors ewlieni ta' l-investiment u l-infiq ippjanat. Madankollu, biex ikun implimentat il-prinċipju ta' tmexxija integrata ta' ripatrijazzjoni skond standards komuni, l-isforzi nazzjonali jistgħu jkunu appoġġjati minn Fond minħabba l-implikazzjonijiet ta' din il-politika għal Stati Membri oħra. L-azzjonijiet li għandhom ikunu appoġġjati għandhom, għalhekk, ikunu identifikati b'mod ċar, marbuta ma' kundizzjonijiet oġġettivi fi Stati individwali u jġibu valur miżjud għall-Komunità bħala ħaġa waħda.

Il-Proporzjonalità

Id-deċiżjoni se tagħmilha possibbli li jingħata appoġġ finanzjarju mill-Fond għal sensiela ta' azzjonijiet li fuq livell ta' operat ikunu jikkontribwixxu għal sensiela ta' għanijiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati, waqt li l-Istati Membri jitħallew jagħżlu l-azzjonijiet u l-mod li fih dawn għandhom jitwettqu taħt skemi li dwarhom ikun ftehim mal-Kummissjoni. Il-Fond għandu jkun għodda strateġika u għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-istrateġiji nazzjonali tar-ripatrijazzjoni. L-użu ta' l-approprijazzjonijiet tal-Komunità għandhom ikunu wkoll suġġetti għal regoli ċari u uniformi li jkunu elenkati f'deċiżjoni tal-Kunsill, li tkun l-istrument xieraq għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Komunità.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

Mhu previst l-ebda finanzjar għall-2007. L-allokazzjoni finanzjarja għall-Fond taħt il-Perspettivi Finanzjarji proposti mill-Kummissjoni għall-perjodu 2008-2013 hija ta' 759 miljun Euro.

Għad-distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni beħsiebha tapplika metodu bbażat fuq kriterji oġġettivi. Biex tirrifletti s-sitwazzjoni attwali f'kull Stat Membru, il-kriterji huma primarjament kkonċernati mal-"grupp immirat". Dan se jassigura li l-iżviluppi (per eżempju, dwar bidliet fil-politika ta' l-ammissjoni) jitqiesu kif xieraq fil-metodu ta' l-allokazzjoni finanzjarja, waqt li tkun tista' ssir ukoll azzjoni korrettiva bl-appoġġ tal-Fond.

2005/0049 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni għall-perjodu 2008-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni'

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 63(3)(b) ta' dan,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[66],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[67],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[68],

Waqt li jaġixxu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat[69]

Billi:

(1) Minħabba t-twaqqif progressiv ta' żona ta' ħelsien, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati lejn li jkun żgurat il-moviment ħieles ta' persuni, flimkien ma' miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw il-kontrolli fuq il-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw il-kenn politiku, l-immigrazzjoni u li jkunu salvagwardjati d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu li nżammet f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, kien iddikjara li l-Unjoni Ewropea għandha tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dak il-għan, politika komuni Ewropea fuq il-kenn politiku u l-migrazzjoni għandha tikkonċerna kemm it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll l-amministrazzjoni aħjar tal-flussi ta' Migrazzjoni.

(3) Politika effettiva tal-Komunità dwar ir-ripatrijazzjoni hija kompliment meħtieġ għal politika kredibbli ta' immigrazzjoni legali u kenn politiku, kif ukoll komponent importanti fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. L-Istati Membri qed jippjanaw estimi sostanzjali biex ikunu implimentati programmi ta' ripatrijazzjoni u operazzjonijiet ta' ripatrijazzjoni infurzata. Azzjoni komuni ta' l-Unjoni Ewropea

---

66 ĠU C …
67 ĠU C …
68 ĠU C …
69 ĠU …

f'dan il-qasam, appoġġjata bil-mezzi finanzjarji xierqa mill-Komunità, tista' tappoġġja lill-Istati Membri, tisħaq fuq il-ħtieġa tar-ripatrijazzjoni ta' residenti illegali, kif ukoll tgħin biex tissaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(4) Il-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 kien adotta l-Pjan Komprensiv biex ikunu miġġielda l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' Bnedmin fl-Unjoni Ewropea.[70] Dan saħaq li politika ta' ammissjoni mill-ġdid u ripatrijazzjoni ssawwar komponent integrali u importanti fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Huwa identifika wkoll żewġ elementi li fuqhom għandha tiġi bbażata l-politika tal-Komunità fuq ir-ripatrijazzjoni, jiġifieri prinċipji u miżuri komuni fil-qafas li titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

(5) Il-Programm ta' Azzjoni għar-Ripatrijazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2002, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Ottubru 2002 fuq il-politika tal-Komunità dwar ir-ripatrijazzjoni ta' residenti illegali, jindirizza l-katina sħiħa ta' azzjoni fejn tidħol l-amministrazzjoni tar-ripatrijazzjoni fl-Istati Membri, li tkopri kemm ripatrijazzjoni infurzata u kemm volontarja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll l-istadji ċentrali tar-ripatrijazzjoni, inkluż it-tħejjija u l-issuktar.

(6) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu li nżammet f'Tessaloniki fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, talab lill-Kummissjoni biex din tistħarreġ l-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' strument separat tal-Komunità biex ikunu appoġġjati l-aktar il-prijoritajiet stabbiliti fil-Programm ta' Azzjoni għar-Ripatrijazzjoni.

(7) Wara l-Konklużjonijiet tat-8 ta' Ġunju 2004, li fihom il-Kunsill talab lill-awtorità tal-baġit biex tagħmel disponibbli azzjonijiet ta' tħejjija u fejn dan stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ideat tiegħu dwar li jkunu żviluppati pjani ta' ripatrijazzjoni integrata f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, kien ingħata bidu għall-azzjonijiet ta' tħejjija għall-perjodu 2005 u 2006.

(8) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu li nżammet fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, saħaq fuq il-ħtieġa li l-Programm ta' The Hague għandu jagħti bidu għall-fażi preparatorja ta' Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Fond) u għat-twaqqif tal-Fond sa l-2007, waqt li titqies il-valutazzjoni tal-fażi preparatorja.

(9) F'Novembru 2004 il-Kunsill qies ir-rapport tal-Presidenza dwar l-analiżi ta' l-aħjar prattika rappurtata li tikkonċerna r-ripatrijazzjoni lejn pajjiżi speċifiċi. Ir-rapport ippreżenta possibbilitajiet kbar u ħtieġa għal kooperazzjoni aktar prattika bejn l-Istati Membri fil-prattika tar-ripatrijazzjoni. Ir-rapport wera diversi possibbiltajiet għal metodu aktar integrat, kemm fuq livell nazzjonali u ta' Komunità, dwar il-politika tar-ripatrijazzjoni kif ukoll dwar politika oħra ġenerali. Ir-rapport identifika wkoll l-aħjar prattika mill-Istati Membri dwar ir-ripatrijazzjoni volontarja u dik infurzata ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' transitu tagħhom, bħalma huma l-promozzjoni ta' Programmi ta' Ripatrijazzjoni Volontarja Assistita għal ripatrijazzjoni sostenibbli, konsulenza dwar ir-ripatrijazzjoni, u l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ripatrijazzjoni, inklużi titjiriet *charter*.

---

[70] ĠU C 142 ta' l-14 ta' Ġunju 2002, p. 23.

(10) Huwa meħtieġ li l-Komunità jkollha strument li jkun imfassal biex jappoġġja u jinkuraġġixxi l-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri biex itejbu l-amministrazzjoni tar-ripatrijazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata, u bil-ħsieb li jappoġġjaw implimentazzjoni ġusta u effettiva dwar l-istandards komuni fuq ir-ripatrijazzjoni, kif stabbilit taħt l-istrumenti eżistenti u futuri tal-Komunità li jikkonċernaw ir-ripatrijazzjoni.

(11) M'hemm previst l-ebda finanzjar għall-2007 taħt dan l-istrument, biex ikunu jistgħu jitqiesu r-riżultati ta' l-azzjonijiet preparatorji fuq ir-ripatrijazzjoni (2005-2006), fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni fuq il-valutazzjoni ta' l-azzjonijiet preparatorji;

(12) L-istandards komuni kkonċernati huma l-aktar id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-għarfien reċiproku tad-deċiżjonijiet li jittrattaw it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[71], id-Deċiżjoni tal-Kunsill korollarja tagħha 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens ta' żbilanċi finanzjarji li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-għarfien reċiproku tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[72], u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE fuq l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu s-suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tkeċċija[73];

(13) Dan jikkonċerna wkoll l-istrumenti futuri tal-Komunità, bħal per eżempju strument fuq standards komuni fuq proċeduri fi Stati Membri biex ikunu ripatrijati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, li għandhom joħolqu pjattaforma bilanċjata fl-Unjoni Ewropea fejn jikkonċerna l-proċeduri tar-ripatrijazzjoni, u li għalhekk ikunu jistgħu jiddefinixxu l-kondizzjonijiet għal u l-marġinu li fih l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri ta' ripatrijazzjoni.

(14) Biex tkun assigurata l-konsistenza tar-reazzjoni tal-Komunità għar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan l-istrument għandhom ikunu speċifiċi u komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati u għall-programmi mmirati lejn li jkunu appoġġjati l-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomika ma' pajjiżi u reġjuni msieħba li ma jkunux Stati Membri jew pajjiżi u Territorji Barranin.

(15) B'mod speċjali, dan ikun ifisser li dawk li jkun ġew imċaħħda kenn politiku għandhom ikunu inklużi biss taħt l-azzjonijiet ta' dan l-istrument fejn dawn ma jkunux inklużi aktar taħt il-faxxa tar-ripatrijazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Ladarba l-ewwel ċiklu multiannwali tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati (2005 – 2007) ikun tlesta, dan l-istrument għandu jkopri wkoll lil dawk iċ-ċittadini li jkunu ċċaħħdu kenn politiku.

(16) Dan l-istrument huwa mfassal biex jifforma parti minn qafas koerenti intitolat il-programm Ġenerali 'Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi Migratorjita' Migrazzjoni'. Dan għandu l-għan li jindirizza l-kwistjoni ta' tqassim ġust tar-responsabbilitajiet bejn l-Istati Membri fejn jikkonċerna l-piż finanzjarju li jkun ġej

---

71 ĠU L 149, it-2 ta' Ġunju 2001, p.34
72 ĠU L 60, is-27 ta' Frar 2004, p.55
73 ĠU L 261, is-6 ta' Awwissu 2004, p.28

mill-introduzzjoni ta' tmexxija integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni, kif ukoll mill-implimentazzjoni ta' politika komuni fuq il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

(17) Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan l-istrument għandu jkun il-promozzjoni fuq livell nazzjonali ta' tmexxija integrata tar-ripatrijazzjoni. L-Istati Membri qed ikunu mħeġġa biex jimplimentaw operazzjonijiet ta' ripatrijazzjoni fid-dawl tal-pjani ta' azzjoni ta' ripatrijazzjoni integrata, li janalizzaw is-sitwazzjoni fl-Istati Membri dwar il-popolazzjoni mmirata, jistabbilixxu miri b'rabta ma' l-operat previst u, flimkien mal-partijiet interessati kkonċernati, bħall-UNHCR u l-IOM, joffru skemi ta' ripatrijazzjoni li jiffukaw fuq ripatrijazzjoni effettiva u sostenibbli permezz ta' diversi miżuri. Fejn ikun xieraq, il-pjani ta' ripatrijazzjoni integrata għandhom ikunu assessjati u aġġustati regolarment.

(18) Biex titmexxa 'l quddiem ir-ripatrijazzjoni volontarja ta' persuni li jobdu obbligu li jitilqu, għandhom ikunu previsti inċentivi għal dawn il-persuni, bħalma huwa t-trattament preferenzjali billi tingħata għajnuna msaħħa dwar ir-ripatrijazzjoni. Dan it-tip ta' ripatrijazzjoni volontarja hija kemm fl-interess ta' ripatrijazzjoni dinjituża ta' persuni li jkunu ġew ripatrijati, kif ukoll ta' l-awtoritajiet f'termini ta' effettività għan-nefqa.

(19) Madankollu, mil-lat politiku, ir-ripatrijazzjoni volontarja u dik infurzata ma jistgħux jinfirdu minn xulxin, u l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa fl-amministrazzjoni tagħhom tar-ripatrijazzjoni biex jinfurzaw il-komplimentarjetà taż-żewġ forom. Hemm ħtieġa ċara li trid titwettaq ripatrijazzjoni infurzata biex tkun salvagwardjata l-integrità tal-politika dwar l-immigrazzjoni u l-kenn politiku ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll tas-sistemi ta' l-immigrazzjoni u l-kenn politiku ta' l-Istati Membri. Għalhekk, il-possibbiltà ta' ripatrijazzjoni infurzata hija prerekwiżit biex tkun assigurata li din il-politika ma tkunx mhedda u biex tkun infurzata s-supremazija tad-dritt, li fiha nfisha hija essenzjali għall-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għalhekk, l-istrument għandu jappoġġja l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri biex titħaffef ir-ripatrijazzjoni infurzata.

(20) Barra minn hekk, l-ostakli l-kbar li qed isibu l-Istati Membri fil-qasam tar-ripatrijazzjoni qed ikunu l-aktar fir-ripatrijazzjoni infurzata. Ostaklu importanti huwa l-inċertezza dwar l-identità tal-persuna kkonċernata u/jew in-nuqqas tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar meħtieġa li din il-persuna jista' jkollha. Ħafna drabi, il-pajjiżi ta' l-oriġini jdumu jew jiċħdu il-ħruġ tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għar-ritorn, ġeneralment minħabba tagħrif nieqes fuq iċ-ċittadinanza jew l-identità. Biex tkun evitata t-tkeċċija, ir-residenti illegali jistgħu, għalhekk, jaħbu jew jeqirdu d-dokumenti tagħhom ta' l-ivvjaġġar u ħafna drabi jiddikjaraw identità u/jew ċittadinanza li tkun falza kompletament. Minħabba f'hekk, ħafna drabi kellhom isiru proċeduri twal u li jiswew ħafna, li jkunu jinkludu l-preżentazzjoni tal-persuna ripatrijata f'diversi ambaxxati jew it-twettiq ta' stħarriġ lingwistiku jew djalettiku. L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex itejbu l-kooperazzjoni mas-servizzi konsulari ta' pajjiżi terzi u li jżidu l-bdil ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni ta' l-operat bejniethom stess fejn jikkonċerna l-kooperazzjoni ma' dawn is-servizzi.

(21) Fl-aħħarnett, huwa importanti għal dan l-istrument li jappoġġja fl-Istati Membri, fejn dawn ikunu jqisu bħala xieraq, miżuri speċifiċi għal dawk il-persuni li jkunu ġew ripatrijati fil-pajjiż tar-ritorn, biex l-ewwel tkun assigurata ripatrijazzjoni effettiva lejn

il-belt jew ir-reġjun tagħhom ta' l-oriġini f'kundizzjonijiet tajbin, u t-tieni biex tissaħħaħ fuq perjodu twil l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fil-komunità tagħhom. Fil-fatt, dawn il-miżuri m'għandhomx jikkonsistu f'għajnuna lil pajjiżi terzi u dawn ikunu eliġibbli biss għall-iffinanzjar meta u sakemm ikun hemm il-kontinwazzjoni meħtieġa ma' attivitajiet li jkunu nbdew u li jkunu twettqu partikolarment fit-territorju ta' l-Istati Membri taħt pjan ta' ripatrijazzjoni integrata.

(22) L-Aġenzja, stabbilita skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni ta' l-Operat fuq il-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija"), għandha, bħala waħda mill-ħidmiet tagħha, li tipprovdi l-għajnuna meħtieġa biex l-Istati Membri jorganizzaw operazzjonijiet konġunti ta' ripatrijazzjoni u jidentifikaw l-aħjar prattika fuq l-akkwist ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar u jkeċċu dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu illegalment fit-territorji tagħhom. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tassigura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet għal sforz ta' ripatrijazzjoni koordinata u effettiva bejn l-Istati Membri, waqt li tħalli l-implimentazzjoni u l-organizzazzjoni ta' l-operat konġunt tar-ripatrijazzjoni f'idejn is-servizzi nazzjonali kompetenti. Għalhekk, f'dan l-istrument l-Aġenzija għandha tuża r-riżorsi disponibbli kollha mill-azzjonijiet tal-Komunità.

(23) L-appoġġ pprovdut mill-Fond għandu jkun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk l-iffinanzjar konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programmi strateġiċi multiannwali u fuq programmi annwali ta' ħidma relatati, liema programmi jkunu tfasslu minn kull Stat Membru flimkien mal-Kummissjoni.

(24) Fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmar multiannwali waqt li jqis is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet tiegħu u jistabbilixxi l-istrateġija ta' l-iżvilupp tiegħu, li din għandha tiġi negozjata mal-Kummissjoni u deċiża minnha stess, u li ssawwar il-qafas għat-tħejjija tal-programmi annwali.

(25) Il-programmi multiannwali għandhom ikunu maħsuba biex jinkisbu l-għanijiet tal-Fond billi jkunu assigurati kemm id-disponibbilità tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa kif ukoll il-konsistenza u l-kontinwità ta' l-azzjoni konġunta tal-Komunità u l-Istati Membri.

(26) Il-programmi multiannwali għandhom jassiguraw il-koordinazzjoni ta' dan l-istrument ma' strumenti finanzjarji oħra li hemm fis-seħħ.

(27) Fil-kuntest ta' tmexxija mqassma, kif imsemmi fl-Artikolu 53(1), il-punt b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estmi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[74], għandhom ikunu speċifikati l-kundizzjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita r-responsabbilitajiet mogħtija lilha rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, waqt li għandhom ikunu ċċarati l-obbligi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Bl-applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa lilha nfisha li l-Istati Membri jkunu qed jutilizzaw

[74] ĠU L248, is-16 ta' Settembru 2002, p.1

il-Fond b'mod legali u korrett u skond il-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba fit-tifsira ta' l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju.

(28) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi t-taqsim indikattiv ta' l-approprijazzjonijiet ta' rabta disponibbli billi tuża metodu oġġettiv u trasparenti.

(29) Taħt għajnuna teknika, dan l-istrument għandu jipprovdi appoġġ għall-valutazzjonijiet, it-titjib tal-kapaċità amministrattiva marbuta mat-tmexxija tal-Fond, studji, proġetti pilota u bdil ta' esperjenzi maħsuba, l-aktar biex iħeġġu metodi u prattika ġodda.

(30) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiggarantixxu t-tħaddim proprju tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li s-sistemi tal-programmi kollha għandhom jilħqu.

(31) Għalhekk, huwa meħtieġ li tinħatar awtorità responsabbli waħda f'kull Stat Membru biex tmexxi l-interventi tal-Fond u biex tiċċara r-responsabbilitajiet ta' Stat Membru. Il-ħatra u l-funzjonijiet ta' l-awtorità tal-verifika wkoll jridu jkunu previsti. Barra minn hekk, biex ikunu garantiti standards ta' kwalità uniformi dwar iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa qabel ma dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni u biex ikunu ċċarati n-natura u l-kwalità ta' l-informazzjoni li fuqha dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu bbażati, huwa meħtieġ li tinħatar ukoll l-awtorità li tiċċertifika.

(32) Skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbilità primarja li jimplimentaw u jikkontrollaw l-interventi.

(33) L-obbligi fuq l-Istati Membri dwar is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, is-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u l-ksur fil-liġi tal-Komunità għandhom ikunu speċifikati biex jiggarantixxu l-implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi ta' l-operat. B'mod speċjali, safejn huma kkonċernati t-tmexxija u l-kontroll, huwa importanti li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jassiguraw li s-sistemi jkunu kif suppost u qed jitħaddmu tajjeb.

(34) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni dwar il-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiżdied, waqt li għandhom jiġu stabbiliti kriterji li bihom il-Kummissjoni tkun tista' tiddetermina, fil-kuntest ta' l-istrateġija tagħha dwar il-kontroll tas-sistemi nazzjonali, il-livell ta' assikurazzjoni li din tista' tikseb mill-entitajiet nazzjonali tal-verifika.

(35) L-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet appoġġjati b'dan l-istrument jiddependu wkoll fuq il-valutazzjoni tagħhom. Għandhom jiġu formalizzati r-responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, kif ukoll l-arranġamenti biex tkun assigurata l-kredibbiltà tal-valutazzjoni.

(36) L-azzjonijiet għandhom ikunu analizzati permezz ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu u valutazzjoni ta' l-impatt. Il-proċess tal-valutazzjoni għandu jiġi inkorporat f'arranġamenti ta' sorveljanza tal-proġett.

(37) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt prinċipali ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fit-tifsira tal-punt

33 tal-ftehim interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib fil-proċedura tal-baġit[75].

(38) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li titmexxa 'l quddiem ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali fil-qafas tal-prinċipji bażiċi komuni u l-prinċipju ta' tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni dawn jistgħu jinkisbu aħjar mill-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(39) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri biex il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-setgħat mogħtija lilha.[76]

(40) Skond l-Artikoli 1 u 2 jew il-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk din mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I
IS-SUĠĠETT, L-GĦANIJIET U L-AZZJONIJIET

Artikolu 1

Is-Suġġett u l-iskop

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għar-Ripatrijazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ «Il-Fond», bħala parti mill-programm Ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", biex jgħin fit-tisħiħ taż-żona ta' Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja u b'mod ġenerali biex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-għanijiet li għalihom il-Fond għandu jikkontribwixxi, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli kif ukoll il-kriterji tat-tqassim għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Din tistabblixxi r-regoli tat-tmexxija tal-Fond, inklużi dawk finanzjarji, u l-mekkaniżmi tas-sorveljanza u l-kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbilitajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

---

75 ĠU C172, it-18 ta' Ġunju 1999, p.1

76 ĠU L 184, is-17 ta' Lulju 1999, p. 23.

Artikolu 2

L-Għanijiet ġenerali tal-Fond

1 L-għan ġenerali tal-Fond huwa li jappoġġja l-isforzi li jkunu saru mill-Istati Membri biex itejbu t-tmexxija tar-ripatrijazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha permezz tal-kunċett ta' tmexxija integrata, waqt li titqies il-leġislazzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-iffinanzjar ta' l-għajnuna teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew il-Kummissjoni.

Artikolu 3

Għanijiet speċifiċi

1. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) l-introduzzjoni u t-tijib ta' l-organizzazzjonmi u l-implimentazzjoni ta' tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata mill-Istati Membri;

(b) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tat-tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata u l-implimentazzjoni tagħha;

(c) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni fuq ir-ripatrijazzjoni skond l-iżvilupp ta' politika f'dan il-qasam.

2. It-tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata għandha tinkludi l-aktar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' pjani ta' ripatrijazzjoni integrata li

– ikunu bbażati fuq valutazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru fejn jikkonċerna l-popolazzjoni mmirata u l-isfidi b'rabta ma' l-operat previst (bħalma huma dawk relatati ma' l-akkwist tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u ostakli prattiċi oħra għar-ripatrijazzjoni). Il-valutazzjoni komprensiva għandha titfassal flimkien ma' l-awtoritajiet u l-imsieħba kollha kkonċernati; u

– ikunu mmirati biex jinkiseb sett wiesa' ta' miżuri li jħeġġu skemi ta' ripatrijazzjoni volontarja minn ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali fit-territorju ta' Stat Membru, u, fejn ikun meħtieġ, biex ikunu implimentati operazzjonijiet ta' ripatrijazzjoni infurzata fejn jikkonċerna dawn il-persuni, skond prinċipji umanitarji u b'ripsett lejn id-dinjità tagħhom; u

– jinkludu l-għażla ta' grupp ta' mira bbażata fuq il-persuni kkonċernati li jkunu taħt attenzjoni; u

– jinkludu ppjanar u/jew orarju u, fejn ikun xieraq, jipprevedu mekkaniżmu ta' valutazzjoni perjodika biex ikunu aġġustati fil-prattika l-ippjanar u l-valutazzjoni ta' l-impatt tal-pjan innifsu.

3. Il-Pjani ta' Ripatrijazzjoni Integrata għandhom jiffukaw l-aktar fuq ir-ripatrijazzjoni effettiva u sostenibbli permezz ta' azzjonijiet li, fost oħrajn, jinkludu tagħrif effiċjenti fil-fażi ta' qabel it-tluq, arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, transitu fil-pajjiż tar-ritorn kemm għal ripatrijazzjoni volontarja kif ukoll għal dik infurzata. Kemm jista' jkun, l-inċentivi għal persuni ripatrijati fuq bażi volontarja, bħalma hija l-għajnuna msaħħa tar-ripatrijazzjoni, jistgħu jkunu previsti biex titmexxa 'l quddiem ir-ripatrijazzjoni volontarja.

Fejn l-Istati Membri jkunu jqisu bħala xieraq, dawn jistgħu jinkludu d-dispożizzjoni ta' riċezzjoni u appoġġ ta' integrazzjoni mill-ġdid.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. L-azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt a), u l-aktar dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond:

   (a) it-twaqqif jew it-titjib ta' kooperazzjoni ta' l-operat effettiva, stabbli u li ddum ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ma' dawk konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, biex jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex ikunu assigurati proċeduri ta' tkeċċija bla telf ta' żmien, u ta' suċċess;

   (b) il-promozzjoni u t-tħaffif tar-ripatrijazzjoni volontarja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, l-aktar permezz ta' programmi ta' ripatrijazzjoni volontarja assistita, biex tkun assigurata s-sostenibbiltà tar-ripatrijazzjonijiet;

   (c) is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ripatrijazzjonijiet infurzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, biex jissaħħew il-kredibbilità u l-integrità tal-politika ta' l-immigrazzjoni u biex jitnaqqas il-perjodu ta' kustodja ta' dawk il-persuni li jkunu qed jistennew it-tkeċċija infurzata tagħhom.

2. L-azzjonijiet relatati ma' l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt b), u l-aktar dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli mill-Fond:

   (a) il-kooperazzjoni biex tinġabar u tingħata l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pajjiż ta' l-oriġini għal dawk li x'aktarx ikunu se jiġu ripatrijati;

   (b) il-kooperazzjoni biex ikunu żviluppati relazzjonijiet ta' ħidma effettivi, stabbli u li jdumu bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, biex titħaffef l-għajnuna konsulari biex jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex ikunu assigurati proċeduri ta' tkeċċija mingħajr telf ta' żmien, u b'suċċess;

   (c) it-tfassil ta' pjani konġunti ta' ripatrijazzjoni integrata u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi programmi konġunti ta' ripatrijazzjoni volontarja fuq pajjiżi jew reġjuni speċifiċi ta' l-oriġini, ir-residenza jew it-transitu ta' qabel;

(d) studji fuq is-sitwazzjoni preżenti u l-possibbilitajiet li tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-qasam tar-ripatrijazzjoni, kif ukoll fuq ir-rwol li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk non-governattivi għandu jkollhom f'dan il-kuntest;

(e) il-bdil ta' informazzjoni, appoġġ u pariri li jkollhom x'jaqsmu mar-ripatrijazzjoni ta' gruppi li jkunu vulnerabbli b'mod partikolari;

(f) l-organizzazzjoni ta' seminars fuq l-aħjar prattika għal dawk involuti, li jkunu jiffokaw fuq pajjiżi terzi u/jew reġjuni speċifiċi;

(g) miżuri konġunti li jwasslu biex ikunu milqugħa persuni ripatrijati fil-pajjiżi ta' l-oriġini, fir-residenza ta' qabel, jew fit-transitu ;

(h) l-iżvilupp konġunt fuq azzjonijiet biex tkun assigurata l-integrazzjoni mill-ġdid li ddum ta' dawn il-persuni fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fir-residenza ta' qabel;

(i) miżuri konġunti biex tkun sorveljata s-sitwazzjoni ta' persuni ripatrijati u s-sostenibbilità tas-sitwazzjoni tagħhom wara r-ripatrijazzjoni.

3. L-azzjonijiet relatati ma' l-għan stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt c), u l-aktar dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli mill-Fond:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjonijiet ta' ripatrijazzjoni ta' kwalità għolja kemm jista' jkun malajr;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex iwettqu/jinfurzaw kemm jista' jkun malajr deċiżjonijiet ta' tkeċċija b'rispett sħiħ lejn id-dinjità tal-bniedem u skond l-standards Ewropej ta' sigurtà relevanti dwar dan l-operat;

(c) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-entitajiet ġudizzjali biex aktar malajr jieħdu deċiżjonijiet ta' ripatrijazzjoni li jkunu ġew appellati;

(d) l-organizzazzjoni ta' seminars u taħriġ konġunt għall-ħaddiema ta' l-entitajiet amministrattivi, ta' l-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjali kompetenti dwar aspetti legali u prattiċi fuq l-operat tar-ripatrijazzjoni;

(e) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex jimplimentaw b'mod effettiv arranġamenti komuni fuq l-għarfien reċiproku u operat konġunt ta' ripatrijazzjoni, inklużi r-rakkomandazzjonijiet, l-istandards ta' l-operat u l-aħjar prattika definiti mill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija ta' Kooperazzjoni ta' l-Operazzjonijiet fuq il-Fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-ripatrijzzjoni.

4. L-azzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom, b'mod partikolari, imexxu 'l quddiem l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità fil-qasam tal-politika komuni Ewropea dwar l-immigrazzjoni u r-ripatrijazzjoni.

5. L-azzjonijiet għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli bħalma huma t-tfal, tfal mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri

waħedhom bi tfal żgħar, u persuni li jkun għaddew minn torturi, abbużi sesswali jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Artikolu 5

Il-Miżuri eliġibbli fl-Istati Membri

L-azzjonijiet appoġġjati jistgħu jinkludu l-miżuri li ġejjin:

– Fil-każijiet kollha ta' informazzjoni dwar ir-ripatrijazzjoni jew ta' qabel ir-ripatrijazzjoni, l-akkwist tad-dokumenti indispensabbli ta' l-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-verifiki mediċi meħtieġa ta' qabel ir-ripatrijazzjoni, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u l-ikel għal dawk li jkunu ripatrijati u għal dawk li jeskortawhom, inklużi l-ħaddiema mediċi, l-akkommodazzjoni għal dawk il-persuni li jeskortaw, għajnuna speċifika għall-gruppi vulnerabbli bħalma huma t-tfal jew persuni b'diżabilità, l-ispejjeż tat-trasport għad-destinazzjoni finali fil-pajjiż tar-ripatrijazzjoni u kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż ta' l-oriġini, tar-residenza jew tat-transitu ta' qabel;

– Barra minn hekk, fil-każ tar-ripatrijazzjoni infurzata ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, l-ispejjeż għall-akkommodazzjoni temporanja tal-persuni ripartijati, u ta' dawk li jkunu qed jeskortawhom mill-Istat Membru li qed jipparteċipa fl-Istat Membru li qed jorganizza qabel it-tluq fil-każ ta' operat konġunt ta' ripatrijazzjoni;

– Barra minn hekk, fil-każ tar-ripatrijazzjoni volontarja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, informazzjoni komprensiva ta' qabel ir-riptarijazzjoni, għajnuna u konsulenza, kif ukoll l-ispejjeż meħtieġa ta' qabel ir-ripatrijazzjoni;

– Barra minn hekk, u fejn jitqies xieraq mill-Istati Membri, l-ispejjeż inizjali ta' wara r-ripatrijazzjoni, it-trasport ta' l-affarijiet personali tal-persuni ripatrijati, akkommodazzjoni temporanja xierqa għall-ewwel jiem wara l-wasla tagħhom fil-pajjiż tar-ripatrijazzjoni f'ċentri ta' akkoljenza jew, jekk ikun hemm il-ħtieġa, f'lukandi wkoll, għajnuna dwar taħriġ u xogħol u, fejn ikun xieraq, appoġġ limitat tal-bidu għal ħidmiet ekonomiċi;

– L-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħaddiema ta' l-entitajiet amministrattivi, ta' l-infurzar tal-liġi u ġudizzjali komptenti, l-issekondar ta' dawn il-kategoriji ta' ħaddiema minn Stati Membri oħra biex tkun assigurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni fuq ir-ripatrijazzjoni u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni, kif ukoll missjonijiet biex ikunu valutati r-riżultati tal-politika tar-ripatrijazzjoni f'pajjiżi terzi;

– Fil-każ tal-kooperazzjoni ta' l-operat ma' l-awtoritajiet konsulari u mas-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi biex jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u biex ikunu assigurati proċeduri ta' tkeċċija mgħaġġla, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkommodazzjoni fl-Istati Membri għall-ħaddiema ta' l-awtoritajiet u s-servizzi responsabbli għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-verifika tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tagħhom;

– Fil-każ ta' miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid biex tissaħħaħ is-sostenibbilità tar-ripatrijazzjoni skond il-kunċett ta' tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata, u, fejn l-Istat Membru jqis bħala xieraq, inċentivi ta' flus kontanti u miżuri oħra ta' perjodu qasir biex jingħata bidu għall-progress ta' l-integrazzjoni mill-ġdid għall-iżvilupp personali ta' persuni ripatrijati bħalma huma t-taħriġ, għajnuna għall-allokazzjoni u l-impjieġ, appoġġ

tal-bidu għal attivitajiet ekonomiċi u għajnuna u konsulenza ta' wara r-ripatrijazzjoni, kif ukoll miżuri li bihom l-Istati Membri jkunu jistgħu joffru l-arranġmenti xierqa biex il-persuni ripatrijati jintlaqgħu lura fil-pajjiż terz meta dawn jaslu hemm.

Artikolu 6

Azzjonijiet ta' interess għall-Komunità

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 7% tar-riżorsi disponibbli tal-Fond jistgħu jintużaw biex ikunu finanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet li jkunu ta' interess għall-Komunità bħala ħaġa waħda ('Azzjonijiet tal-Komunità') fejn għandhom x'jaqsmu l-politika ta' l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni u l-miżuri li jgħoddu għall-gruppi ta' mira kif hemm imsemmi fl-Artikolu 7.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond, l-azzjonijiet tal-Komunità għandhom b'mod speċjali:

   (a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità biex ikunu implimentati l-liġi tal-Komunità u l-prattika tajba;

   (b) jappoġġjaw it-twaqqif ta' netwerks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn entitajiet li jkunu jinsabu fi tliet Stati Membri jew aktar, li dawn ikunu mfassla biex jippromwovu l-innovazzjoni u jħaffu l-bdil ta' esperjenza u prattika tajba u li jtejbu l-kwalità tal-politika tar-ripatrijazzjoni;

   (c) jappoġġjaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

   (d) jappoġġjaw studji, it-tixrid u l-bdil ta' informazzjoni, inkluż l-użu ta' teknoloġija ta' livell għoli ħafna, fuq l-aħjar prattika u fuq l-aspetti l-oħra kollha tal-Fond;

   (e) jappoġġjaw proġetti pilota u studji li jesploraw il-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja u tal-liġi tal-Komunità f'dan il-qasam;

   (f) jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod ta' statistika, metodi u indikaturi komuni.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-azzjonijiet tal-Komunità għandu jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 50(2).

Artikolu 7

Il-Gruppi ta' mira

1. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, il-gruppi ta' mira għandhom jinkludu ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jkollhom residenza illegali fi Stat Membru.

2. Dan għandu jinkludi ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'għandhomx jew li m'għadhomx aktar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali għaliex l-applikazzjoni tagħhom għall-kenn politiku tkun ġiet miċħuda b'deċiżjoni finali taħt is-sistemi legali nazzjonali rispettivi

jew għaliex l-istat tagħhom jkun ġie revokat, mitmum jew imġedded (b'deċiżjoni finali) skond il-liġi nazzjonali u tal-Komunità.

3. Ċittadin ta' pajjiż terz tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin ta' l-Unjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

KAPITOLU II
IL-PRINĊIPJI TA' L-GĦAJNUNA

Artikolu 8

Il-Komplimentarjetà, il-konsistenza u l-konformità

1. Il-Fond għandu jipprovdi għajnuna li tkun tikkomplimenta azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, waqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-għajnuna mill-Fond u l-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-politika u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera l-aktar fil-programm multiannwali msemmi fl-Artikolu 20.

3. L-operat iffinanzjat mill-Fond għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħtu.

Artikolu 9

Il-Programm

1. L-għanijiet tal-Fond huma ssuktati fil-qafas ta' żewġ perjodi ta' programm multiannwali (2007-2010 u 2011-2013). Is-sistema tal-programmi multiannwali tinkludi l-prijoritajiet u proċess ta' tmexxija, teħid ta' deċiżjonijiet, verifika u ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi annwali.

Artikolu 10

Intervent sussidjarju u proporzjonali

1. L-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali u annwali msemmija fl-Artikoli 20 u 22 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fuq il-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali li tkun speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbilità għandha tkun eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. Il-mezzi użati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ivarjaw skond il-qies tal-kontribuzzjoni tal-Komunità f'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-verifika. Id-

divrenjzar għandu jkun jgħodd ukoll għad-dispożizzjonijiet fuq il-valutazzjoni u r-rapporti fuq il-programmi multiannwali u annwali.

Artikolu 11

Il-Metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-baġit tal-Komunità allokati għall-Fond għandhom ikunu implimentati skond l-Artikolu 53(1), il-punt b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ħlief għall-Azzjonijiet tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 6 u għall-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 17.

   L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw il-konformità mal-prinċipju ta' tmexxija finanzjarja tajba.

2. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbilità tagħha biex timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej billi:

   (a) tivverifika l-eżistenza u t-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32;

   (b) tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom skond l-Artikoli 41 u 42 jekk is-sistemi nazzjonali tat-tmexxija u l-kontroll ifallu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 45 u 46.

Artikolu 12

L-Addizzjonalità

1. Il-kontribuzzjonijiet mill-Fond m'għandhomx jieħdu post nefqa pubblika jew oħra ekwivalenti li tkun saret minn Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni, flimkien ma' kull Stat Membru, għandha tivverifika l-addizzjonalità ta' nofs it-terminu sal-31 ta' Diċembru 2012 u dik *ex-post* sat-30 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 13

Is-Sħubija

1. L-Istat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali preżenti, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-entitajiet li dan jaħtar, jiġifieri:

   (a) l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali, lokali, urbani u oħrajn kompetenti;

   (b) kwalunkwe entità xierqa oħra li tirrappreżenta s-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet li mhumiex tal-gvern, inklużi l-imsieħba soċjali.

   Kull Stat Membru għandu jassigura l-involviment wiesa' u effettiv ta' l-entitajiet xierqa kollha, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali.

2. Is-sħubija għandha ssir skond il-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħeb.

Is-sħubija għandha tkopri l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-programmi multiannwali.

KAPITOLU III
IL-QAFAS FINANZJARJU

Artikolu 14

Ir-riżorsi globali

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Fond mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' 759 miljun Euro.

2. L-approprijazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-taqsim annwali indikattiv bejn l-Istati Membri skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15.

Artikolu 15

Id-distribuzzjoni annwali tar-riżorsi għall-azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' 300,000 Euro mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

Dan l-ammont għandu jkun iffissat għal 500,000 Euro fis-sena għall-perjodu 2007-2013 għal dawk l-Istati li jkunu ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Dan l-ammont għandu jkun iffissat għal 500,000 Euro fis-sena għall-Istati Membri li se jissieħbu fil-Unjoni Ewropea fil-perjodu 2007 – 2013, għall-perjodu kollu 2007 – 2013, b'seħħ mis-sena ta' wara s-sħubija tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżosi annwali disponibbli għandhom jinqasmu bejn l-Istati membri kif ġej:

(a) 70 % fi proporzjon għan-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali jew li jkunu għexu illegalment fit-territorju ta' l-Istat Membru u li jkunu suġġetti għal deċiżjoni ta' ripatrijazzjoni taħt il-liġi nazzjonali u dik tal-Komunità, i.e. deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjali, li jkun jiddikjara l-illegalità tar-residenza u l-obbligu tar-ripatrijazzjoni, matul it-tliet snin ta' qabel;

(b) 30 % fi proporzjon għan-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ħallew fil-fatt it-territorju ta' l-Istat Membru wara li tkun inħarġet lilhom ordni

amministrattiva jew ġudizzjali biex dawn jitilqu, kemm jekk din tkun volontarja jew infurzata, matul it-tliet snin ta' qabel.

3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhomx jinkludu

(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew rifjutati d-dħul f'żona ta' transitu minn Stat Membru;

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu se jerġgħu jiġu ritornati minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni ta' kenn politiku li tkun ġiet ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

4. Il-figuri ta' referenza għandhom ikunu l-aktar statistika reċenti maħruġa mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej skond il-liġi tal-Komunità.

5. Fejn l-istatistika msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-figuri meħtieġa.

Artikolu 16

L-Istruttura ta' l-iffinanzjar

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-iffinanzjar minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-estimi ġenerali tal-Kommunitajiet Ewropej.

3. L-approprijazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplimentari għan-nefqa pubblika jew dik ekwivalenti li tkun ġiet allokata mill-Istati Membri għall-miżuri koperti b'din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti li jkunu appoġġjati, fejn għandhom x'jaqsmu l-azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, m'għandhiex tkun iktar minn 50 % tan-nefqa totali ta' azzjoni speċifika.

Din tista' tiżdied sa 60 % għal dawk il-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji ta' gwida multiannwali tal-Kummissjoni kif definit fl-Artikolu 18.

Din għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Bħala regola ġenerali, l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità mogħtija għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond, għandha tingħata għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin, suġġett għar-rapporti perjodiċi tal-progress.

Artikolu 17

L-Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva ta' u/jew f'isem il-Kummissjoni, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, is-sorveljanza, miżuri amministrattivi u ta' appoġġ tekniku, kif ukoll miżuri ta' valutazzjoni, verifika u spezzjoni li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fil-limiti ta' 0.20% ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond.

2. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinkludu:

   (a) studji, valutazzjonijiet, rapporti ta' l-esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar l-operat tal-Fond;

   (b) miżuri maħsuba għall-imsieħba, il-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Fond u għall-pubbliku ġenerali, l-aktar miżuri ta' informazzjoni;

   (c) l-istallazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għat-tmexxija, is-sorveljanza, l-ispezzjoni u l-valutazzjoni;

   (d) titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-bdil ta' informazzjoni fuq prattika f'dan il-qasam.

Artikolu 18

L-Għajnuna teknika ta' l-Istati Membri

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, tmexxija, sorveljanza, valutazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-ħila amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont annwali li jitwarrab għall-għajnuna teknika u amministrattiva m'għandux ikun iżjed minn 4 % ta' l-ammont totali annwali ta' l-iffinanzjar konġunt allokat għall-Istati Membru, u 30,000 Euro b'żieda.

KAPITOLU IV
IL-PROGRAMM

Artikolu 19

L-Adozzjoni ta' linji ta' gwida strateġiċi

1. Għal kull programm multiannwali, il-Kummissjoni għandha tadotta linji ta' gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam tar-ripatrijazzjoni u f'miżuri li l-Komunità tkun ħadet fil-qasam ta' l-immigrazzjoni

illegali, kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perjodu tal-programm multiannwali.

2. Għall-għanijiet tal-Fond msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (a) u (b), dawk il-linji ta' gwida għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq il-prijoritajiet tal-Komunità biex imexxu 'l quddiem

– ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhomx fil-pussess tagħhom passaport jew dokumenti oħra ta' identità;

– ir-ripatrijazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux koperti taħt ftehim tal-Komunità dwar l-ammissjoni mill-ġdid jew taħt ftehim bilaterali nazzjonali dwar l-ammissjoni mill-ġdid, biex jissaħħaħ l-obbligu taħt il-liġi internazzjonali biex dawn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiddaħħlu mill-ġdid;

– ir-ripatrijazzjoni lejn pajjiż partikolari ta' ċittadini ta' pajjiż terz u ta' persuni mingħajr stat li jkunu ġew minnu jew kienu jgħixu fih iżda mhux bħala ċ-ċittadini tiegħu;

– ir-ripatrijazzjioni ta' gruppi li jkunu vulnerabbli b'mod partikolari;

Għall-għan tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt c), dawk il-linji ta' gwida għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità biex jippromwovu l-għarfien dwar l-istandards komuni fl-UE kollha u l-integrazzjoni ta' dawn l-istandards fil-proċessi tat-tmexxija ta' kuljum tar-ripatrijazzjoni fl-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji ta' gwida strateġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ewwel programm multiannwali (2007-2010) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, u dawk li għandhom x'jaqsmu mat-tieni programm multiannwali (2011-2013) fil-31 ta' Marzu 2010.

4- Il-linji ta' gwida strateġiċi għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 20

It-Tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali

1. Kull Stat Membru għandu, għal kull fażi tal-programm u fuq il-bażi tal-linji ta' gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 19, jipproponi abbozz ta' programm multiannwali li għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni preżenti fl-Istat Membru dwar il-prinċipju ta' tmexxija ta' ripatrijazzjoni integrata, il-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-miżuri u l-politika dwar ir-ripatrijazzjoni volontarja u dik infurzata, il-metodu tal-miżuri ta' l-integrazzjoni mill-ġdid u s-sostenibbilità tar-ripatrijazzjoni, il-bini tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjali kompetenti, u l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra kkonċernati ma' dawn ta' hawn fuq;

(b) analiżi tal-kriterji fl-Istati Membri in kwistjoni f'termini tal-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi konsulari ta' pajjiżi terzi, il-miżuri u l-politika dwar ir-ripatrijazzjoni volontarja u infurzata, il-metodu dwar il-miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid u s-sostenibbilità tar-ripatrijazzjoni, il-bini tal-ħila ta' l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjali kompetenti u l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra li għandha x'taqsam ma' dawn t'hawn fuq, kif ukoll indikazzjoni dwar l-għanijiet ta' l-operat biex jintlaħqu dawn il-kriterji matul il-perjodu kopert bil-programm multiannwali;

(c) il-preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet mehmuża biex dawn ikunu jistgħu jinkisbu, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex ikunu implimentati dawn il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk din l-istrateġija tkunx waħda kumpatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali u oħrajn tal-Komunità;

(e) informazzjoni fuq il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom ikunu kwantifikati billi jintuża numru limitat ta' indikaturi għall-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-impatt, waqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jagħmluha possibbli biex jitkejjel il-progress fejn għandhom x'jaqsmu s-sitwazzjoni tal-linja ta' bażi u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) abbozz ta' pjan ta' ffinanzjar li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull sena, il-kontribuzzjoni finanzjarja proposta tal-Fond u l-ammont ġenerali ta' l-iffinanzjar konġunt pubbliku jew privat;

(g) l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-programm multiannwali, inklużi:

– il-ħatra mill-Istat Membru ta' l-entitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 25;

– deskrizzjoni tas-sistemi ta' implimentazzjoni, sorveljanza, kontroll u valutazzjoni;

– definizzjoni tal-proċeduri għall-mobilizzazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-fondi biex tkun assigurata t-trasparenza tagħhom;

– id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex ikun assigurat li l-programm multiannwali jkun pubbliċizzat.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kull programm multiannwali f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 13.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-abbozz tal-programm multiannwali tagħhom sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji ta' gwida strateġiċi għall-perjodu in kwistjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-programm multiannwali propost fid-dawl ta' dan li ġej:

(a) il-konsistenza tiegħu ma' l-għanijiet tal-Fond u l-linji ta' gwida strateġiċi definiti fl-Artikolu 19;

(b) ir-relevanza u l-konvenjenza ta' u r-riżultati mistennija mill-istrateġija u t-temi ta' prijorità ta' l-operat proposti mill-Istat Membru;

(c) il-konformità ma' l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' dan mal-liġi tal-Komunità u l-aktar mal-liġi tal-Komunità li jkollha l-għan li tassigura l-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fejn jikkonċerna l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni, il-kenn politiku u l-immigrazzjoni.

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li programm multiannwali ma jkunx konsistenti mal-linji ta' gwida strateġiċi jew ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-arranġamenti tat-tmexxija u l-kontroll, din għandha titlob lill-Istat Membru biex jirrevedi l-programm propost kif xieraq.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull programm multiannwali fi żmien erba' xhur wara s-sottomissjoni formali ta' dan, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 21

Ir-Reviżjoni tal-programmi multiannwali

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru jew il-Kummissjoni, il-programm multiannwali għandu jkun mistħarreġ mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perjodu tal-programm biex jagħti attenzjoni akbar jew differenti lejn il-prijoritajiet tal-Komunità, l-aktar fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-programmi multiannwali jistgħu jkunu eżaminati mill-ġdid fid-dawl tal-valutazzjonijiet u/jew wara xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni fuq ir-reviżjoni tal-programm multiannwali kemm jista' jkun malajr wara s-sottomissjoni formali ta' talba mill-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 22

Il-Programmi annwali

1. Il-programmi multiannwali approvati mill-Kummissjoni għandhom ikunu implimentati permezz ta' programmi ta' ħidma annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, bi stima ta' l-ammonti li għandhom ikunu allokati lilhom għas-sena ta' wara mill-approprijazzjonijiet totali taħt il-proċedura tal-baġit annwali, ikkalkulati kif hemm spjegat fl-Artikolu 15.

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm multiannwali li jkun jinkludi:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla ta' proġetti li għandhom ikunu finanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom isiru mill-awtorità responsabbli meta jiġi implimentat il-programm annwali;

(c) it-taqsim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex tkun koperta l-għajnuna teknika u amministrattiva taħt l-Artikolu 17 biex ikun implimentat il-programm annwali.

4. Meta teżamina l-proposta ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprijazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura tal-baġit u għandha tieħu deċiżjoni fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena in kwistjoni. Id-deċiżjoni għandha turi l-ammont allokat għall-Istat Membru u l-perjodu li għalih in-nefqa hija eliġibbli.

KAPITOLU V
IS-SISTEMI TAT-TMEXXIJA U L-KONTROLL

Artikolu 23

L-Implimentazzjoni

Il-Kummissjoni hija responsabbli biex timplimenta din id-Deċiżjoni u għandha tadotta dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni skond kif ikun meħtieġ.

Article 24

Il-Prinċipji Ġenerali fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

Is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programmi ta' l-operat stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu għal:

(a) definizzjoni ċara tal-funzjonijiet ta' l-entitajiet u/jew tad-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni u l-kontroll u allokazzjoni ċara tal-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(b) separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn l-entitajiet u/jew id-dipartimenti kkonċernati fl-amministrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u l-kontroll, u bejn dawk il-funzjonijiet f'kull entità u/jew dipartiment;

(c) riżorsi xierqa għal kull entità u/jew dipartiment biex jitwettqu l-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lil dawn matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati mill-Fond;

(d) arranġamenti ta' kontroll intern effettiv fuq l-awtorità responsabbli u fuq kwalunkwe awtorità li tkun ġiet delegata;

(e) sistemi kredibbli ta' kontabilità, sorveljanza u rapportar finanzjarju, f'forma kompjuetrizzata;

(f) sistema effettiva ta' rapportar u sorveljanza fejn it-turija tal-ħidmiet tkun ġiet delegata;

(g) manwali dettaljati tal-proċedura fejn għandhom x'jaqsmu l-funzjonijiet li jridu jitwettqu;

(h) arranġamenti effettivi għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) sistemi u proċeduri biex ikun assigurat rekord ta' verifika suffiċjenti;

(j) proċeduri li jikkonċernaw ir-rapportar u s-sorveljanza ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti ta' flus li jkunu tħallsu mhux kif suppost.

Artikolu 25

Il-Ħatra ta' l-awtoritajiet

1. Għal kull programm multiannwali, l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: entità funzjonali ta' l-Istat Membru jew awtorità pubblika nazzjonali jew entità maħtura mill-Istat Membru, li tkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' programmi multiannwali u annwali b'appoġġ mill-Fond. Din għandha tittratta l-komunikazzjonijiet kollha li hija jkollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità li tiċċertifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha din tkun indipendenti minn kwalunkwe dipartiment li jawtorizza ta' l-awtorità responsabbli, u li tinħatar mill-Istat Membru biex tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-applikazzjonijiet għall-ħlas qabel dawn jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(c) awtorità tal-verifika: awtorità pubblika nazzjonali jew entità li fejn jidħol l-operat tagħha tkun indipendenti mill-awtorità responsabbli, li tkun maħtura mill-Istat Membru u li tkun responsabbli biex tivverifika l-operat tajjeb tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll;

(d) awtorità delegata, fejn xieraq;

(e) entità ta' valutazzjoni tal-konformità li għandha tinħatar fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-awtorità tal-verifika maħtura bħala l-entità tal-valutazzjoni tal-konformità, fejn din ikollha l-ħila meħtieġa u l-indipendenza ta' l-operat. Din għandha twettaq ix-xogħol tagħha skond standards internazzjonali ta' verifika.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli li jikkontrollaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' dawk l-awtoritajiet u entitajiet u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Suġġett għall-Artikolu 24 (b), il-funzjonijiet kollha jew ħafna mill-funzjonijiet tal-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni jistgħu jitwettqu mill-istess entità jew dipartiment.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 sa 29 għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 26

L-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità reponsabbli tista' tkun entità ta' l-Istat Membru stess, awtorità pubblika nazzjonali, jew inkella entità kkontrollata bil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li jkollha missjoni ta' servizz pubbliku. Fejn l-Istat Membru jaħtar awtorità responsabbli għajr lilu nnifsu, dan għandu jistabbilixxi l-arranġamenti kollha li jkunu jikkontrollaw ir-relazzjonijet tiegħu ma' din l-awtorità kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' din ta' l-aħħar mal-Kummissjoni.

2. L-awtorità responsabbli għandha tilħaq dawn il-kundizzjonijiet minimi li ġejjin. Din għandha:

   (a) ikollha personalità legali, ħlief fejn din tkun entità funzjonali ta' l-Istat Membru;

   (b) ikollha l-infrastruttura meħtieġa biex titwassal malajr kull komunikazzjoni għand sensiela kbira ta' utenti u għand l-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħra jew għand il-Kummissjoni;

   (c) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jippermetti li jitwettqu l-ħidmiet tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

   (d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli tat-tmexxija tal-fond tal-Komunità;

   (e) ikollha ħiliet finanzjarji u ta' tmexxija li jkunu fi proporzjon għall-volum tal-fondi tal-Komunità li din ikollha tamministra;

   (f) ikollha għad-dispożizzjoni tagħha ħaddiema bi kwalifiki professjonali xierqa u ħiliet lingwistiċi għax-xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

3. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-fondi meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-ħidmiet tagħha kif xieraq u mingħajr waqfien matul il-perjodu kollu 2007-2013.

Artikolu 27

Ix-Xogħol ta' l-Awtorità Responsabbli

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effiċjenti, effettiva u korretta tal-programm multiannwali. Din għandha b'mod speċjali:

(a) tikkonsulta lill-imsieħba relevanti (organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, imsieħba soċjali eċċ.) permezz tas-sħubija stabbilita fl-Artikolu 12;

(b) tissottometti lill-Kummissjoni l-proposti għall-programmi multiannwali u annwali definiti fl-Artikoli 20 u 22;

(c) torganizza u tippubblika sejħat għall-offerti u proposti;

(d) torganizza proċeduri ta' għażla u aġġudikazzjoni għall-iffinanzjar konġunt tal-Fond skond il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament l-istess u n-non-kombinazzjoni ta' għotjiet;

(e) tirċievi pagamenti li jkunu saru mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji;

(f) tassigura konsistenza u kumplimentarjetà bejn l-iffinanzjar konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji relevanti oħra;

(g) tivverifika t-twassil u t-twettiq tal-prodotti u s-servizzi ko-finanzjati u li n-nefqa ddikjarata għall-azzjonijiet tkun saret verament u tkun konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(h) tassigura li jkun hemm sistema li tkun tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata rekords dettaljati ta' kontabilità għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali, u li d-data fuq l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għat-tmexxija, is-sorveljanza, il-kontroll u l-valutazzjoni finanzjarja tkun tabilħaqq inġabret;

(i) tassigura li l-benefiċjarji u l-entitajiet l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt mill-Fond ikunu qed iżommu jew sistema separata ta' kontabilità jew kodiċi xieraq ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha kkonċernati ma' l-operat;

(j) tassigura li l-valutazzjonijiet tal-programmi multiannwali msemmija fl-Artikolu 48 ikunu qed isiru fil-limiti taż-żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u jkunu laħqu standards ta' kwalità li dwarhom ikun ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(k) tistabbilixxi proċeduri biex ikun assigurat li d-dokumenti kollha dwar in-nefqa u l-verifika, meħtieġa biex ikun assigurat rekord xieraq ta' verifika, ikunu qed jinżammu skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 43;

(l) tassigura li l-awtorità tal-verifika tirċievi, biex jitwettqu l-verifiki definiti fl-Artikolu 30(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri ta' tmexxija li jkunu qed jitħaddmu u dwar il-proġetti ko-finanzjati mill-Fond;

(m) tassigura li għall-għan ta' ċertifikazzjoni l-awtorità li tiċċertifika tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn jikkonċerna n-nefqa;

(n) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti, prospetti tan-nefqa li jkunu ġew iċċertifikati mill-awtorità li tiċċertifika, kif ukoll l-applikazzjonijiet għall-pagamenti;

(o) twettaq ħidmiet ta' għoti ta' informazzjoni u pariri u tqassam ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġjati;

(p) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fi Stati Membri oħra.

2. Il-ħidmiet tat-tmexxija ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18.

Artikolu 28

Id-Delega ta' ħidmiet mill-Awtorità Responsabbli

1. Fejn il-ħidmiet kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, ikunu ġew delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi b'mod preċiż l-iskop tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati lilha, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26.

2. Dawn il-proċeduri jridu jipprovdu lill-awtorità responsabbli b'informazzjoni regolari fuq it-turija effettiva tal-ħidmiet li jkunu ġew delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

Artikolu 29

L-Awtorità li Tiċċertifika

1. L-awtorità li tiċċertifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tiċċertifika li:

i. il-prospett tan-nefqa jkun korrett, ikun ġej minn sistemi kredibbli ta' kontabilità u li dan ikun ibbażat fuq dokumenti ta' appoġġ li jkunu jistgħu jiġu verifikati,

ii. in-nefqa ddikjarata tkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li din tkun saret għall-azzjonijiet magħżula skond il-kriterji li jgħoddu għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali;

(b) tassigura għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni li hi tkun irċeviet informazzjoni xierqa mill-Awtorità Responsabbli fuq il-proċeduri u l-verifiki li jkunu saru fejn jikkonċerna n-nefqa inkluża fil-prospetti tan-nefqa;

(c) tqis għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni r-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu saru minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità tal-verifika;

(d) iżżomm f'forma kompjuterizzata ir-rekords ta' kontabilità tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni;

(e) tassigura l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjar tal-Komunità li ma jkunx sar kif suppost minħabba xi irregolaritajiet li jkunu nstabu, flimkien ma' l-interessi fejn ikun xieraq, waqt li żżomm rekord ta' l-ammonti li jkunu ġew irkuprati u tħallas lura dawn l-ammonti lill-Kummissjoni; fejn ikun possibbli din għandha tnaqqashom mill-propsett tan-nefqa li jkun imiss.

2. Il-ħidmiet ta' l-awtorità li tiċċertifika fejn jidħlu l-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 24, ikunu rispettati.

Artikolu 30

L-Awtorità tal-Verifika

1. L-awtorità tal-verifika ta' programm multiannwali għandha:

(a) tassigura li l-verifiki jkunu saru skond standards internazzjonali ta' verifika biex ikun verifikat l-operat effettiv tas-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm multiannwali;

(b) tassigura li jsiru l-verifiki fuq l-azzjonijiet fuq il-bażi ta' kampjun xieraq biex din tkun tista' tivverifika n-nefqa ddikjarata; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għal kull programm annwali;

(c) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm multiannwali, strateġija ta' verifika li tkun tkopri l-entitajiet li se jagħmlu l-verifiki msemmija taħt il-punti (a) u (b), il-metodu li se jintuża, il-metodu ta' kif jittieħed il-kampjun għall-verifiki fuq l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond, u l-ippjanar indikattiv tal-verifiki biex ikun assigurat li l-benefiċjarji ewlenin ta' l-iffinanzjar konġunt mill-Fond ikunu ġew verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxa b'mod ibbilanċjat matul il-perjodu kollu ta' l-ipprogrammar.

2. Fejn l-awtorità tal-verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità tal-verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet….., …… u …… [77], jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija kombinata waħda taħt il-paragrafu 1 il-punt (c).

---

[77] Daħħal ir-referenzi għad-deċiżjonijiet li jistabbilxxu l-ERF, il-Fond għall-Integrazzjoni u l-Fond għar-Ripatrijazzjoni.

3. L-awtorità tal-verifika għandha tagħmel abbozz ta' rapport finali fuq l-implimentazzjoni tal-programmi annwali kif definit fl-Artikolu 50(2), li għandu jinkludi:

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu saru skond l-istrateġija tal-verifika tal-programm annwali, fejn għandhom jiġu rappurtati kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu nstabu fis-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm;

(b) opinjoni dwar jekk is-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tkunx ħadmet b'mod effettiv biex tingħata assikurazzjoni raġonevoli fuq il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni u dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jsiru rigward din in-nefqa;

(c) dikjarazzjoni li tistħarreġ il-validità ta' l-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jkunu saru rigward dan u li jkunu koperti bil-prospett finali tan-nefqa.

4. Fejn il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 jsiru minn entità għajr l-awtorità tal-verifika, l-awtorità tal-verifika għandha tassigura li dawn l-entitajiet ikollhom l-awtonomija ta' l-operat meħtieġa u li x-xogħol isir skond standards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-ħidmiet ta' l-awtorità tal-verifika jew ta' l-entità msemmija fil-paragrafu 4 li jkollhom x'jaqsmu mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jkunu finanzjati taħt l-arranġamenti ta' għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritti fl-Artikolu 24, ikunu rispettati.

KAPITOLU VI
IL-KONTROLLI

Artikolu 31

Ir-Responsabbilitajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-programmi multiannwali u annwali kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet kollha li jsiru rigward dawn.

2. Huma għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kull awtorità delegata, l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, l-awtoritajiet tal-verifika u kwalunkwe entitajiet oħra kkonċernati jirċievu gwida xierqa biex jitwaqqfu s-sistemi ta' tmexxija u kontroll msemmija fl-Artikoli 24 sa 30. Dan biex ikun assigurat li l-iffinanzjar tal-Komunità jintuża b'mod effiċjenti u tajjeb.

3. L-Istati Membri għandhom jevitaw, ifittxu u jikkoreġu kull irregolarità. Dawn għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni mgħarrfa dwar il-progress li jkun sar fil-proċeduri amministrattivi u legali.

Meta jkun hemm ammonti li jkunu tħallsu lil benefiċjarji mhux kif suppost u dawn ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru huwa responsabbli biex iħallas lura dawk l-ammonti mitlufa lill-kaxxa tal-Komunitajiet Ewropej.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-verifika jkunu implimentati b'tali mod li jiggarantixxu li l-fondi tal-Komunità jintużaw kif xieraq u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni għall-ġbir ta' l-istatistika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 15.

6. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 32

Is-Sistemi tat-tmexxija u l-kontroll

1. Qabel l-adozzjoni ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll għall-programmi ta' l-operat jkunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 24 sa 30. Dawn għandhom ikunu responsabbli biex jassiguraw li s-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu kollu tal-programm.

2. Flimkien mas-sottomissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu wkoll deskrizzjoni dwar l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet li jiċċertifikaw, u dwar is-sistemi ta' verifiki interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawn l-awtoritajiet u entitajiet, fl-awtorità tal-verifika, u fi kwalunkwe entità oħra li tkun qed tagħmel tali verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' programm multiannwali, l-Istati Membri għandhom jinbagħtu rapport magħmul mill-entità tal-valutazzjoni tal-konformità. Dan għandu jipprovdi r-riżultati tal-valutazzjoni fuq is-sistemi, waqt li jagħti opinjoni fuq il-konformità ta' dawn ma' l-Artikoli 24 sa 30. F'każ li l-opinjoni jkollha xi riżervi, ir-rapport għandu juri n-nuqqasijiet u l-gravità tagħhom. L-Istati Membri għandhom ifasslu, bi ftehim mal-Kummissjoni, pjan li jistabbilixxi l-miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu u ż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 33

Ir-Responsabbilitajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta ruħha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32, li l-Istati Membri jkunu stabbilew sistemi ta' tmexxija u kontroll li jkunu konformi

ma' l-Artikoli 24 sa 30, u fuq il-bażi tar-rapporti tal-verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jkunu qed jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni tal-programmi multiannwali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li jkunu saru mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll, li dawn jistgħu jinkludu verifiki fuq l-azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali; biex isiru dawn għandu jingħata avviż ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jagħmlu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim tajjeb tas-sistemi jew il-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew iktar. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħha jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li jkunu ngħataw l-informazzjoni, il-pubbliċità u l-issuktar xierqa għall-azzjonijiet li jkunu appoġġjati mill-Fond.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tassigura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, politika, strumenti u inizjattivi relevanti oħra tal-Komunità.

Artikolu 34

Il-Kooperazzjoni ma' l-entitajiet tal-kontroll ta' l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet tal-verifika tal-programmi multiannwali biex jikkoordinaw il-pjani ta' kontroll u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom. Hija għandha tagħmel minnufih bdil tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll biex tkun tista' tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi tal-kontroll u biex ikun evitat irduppjar ta' xogħol mhux ġustifikat.

   Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha fuq l-istrateġija tal-verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 30 sa mhux aktar tard minn tliet xhur jew fl-ewwel laqgħa wara li din tkun irċevietha.

2. Biex tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi multiannwali li

   (a) jkunu konformi mas-sistema stabbilita taħt l-Artikolu 32 mingħajr riżervi jew li għalihom ir-riżervi jkunu tneħħew wara li jkunu ttieħdu miżuri korrettivi; u

   (b) għalihom l-istrateġija tal-verifika ta' l-awtorità tal-verifika taħt l-Artikolu 30 tkun tajba u fejn tkun inkisbet assikurazzjoni raġonevoli li s-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll ikunu qed jaħdmu b'mod effettiv fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki li jkunu saru mill-Kummissjoni u l-Istat Membru.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Istati Membri kkonċernati li din tkun se tistrieħ l-aktar fuq l-opinjoni ta' l-awtorità tal-verifika fejn jidħlu l-korrettezza, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa dikjarata, u li din tkun se tagħmel verifiki fuq il-post f'każijiet eċċezzjonali biss.

KAPITOLU VII
IT-TMEXXIJA FINANZJARJA

Artikolu 35

L-Eliġibbilità – id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha tan-nefqa għandhom jinkludu l-ammont tan-nefqa li jkun sar mill-benefiċjarji biex jimplimentaw l-azzjonijiet kif ukoll il-kontribuzzjoni li tikkorrispondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. In-nefqa għandha tkun tikkorrispondi għall-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarji. Din għandha tkun ġustifikata b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità li jkunu jixhdu għal din in-nefqa.

3. In-nefqa tista' titqies eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond biss jekk din tkun tħallest fil-fatt mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-iffinanzjar konġunt muri fl-Artikolu 22(4). L-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma jridux ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbilità.

4. In-nefqa li ġejja m'għandhiex tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fond:

   – il-VAT;

   – l-imgħax fuq id-dejn;

   – ix-xiri ta' art għal ammont li jkun iżjed minn 10 % tan-nefqa eliġibbli kollha għall-operat ikkonċernat;

   – l-akkommodazzjoni.

5. Ir-regoli li jikkontrollaw l-eliġibbilità tan-nefqa fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati li jkunu ko-finanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

Artikolu 36

Is-Sħuħija tal-ħlas lill-benefiċjarji

L-Istati Membri għandhom ikunu sodisatti li l-awtorità responsabbli tassigura li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi kemm jista' jkun malajr u b'mod sħiħ. L-ebda ammonti m'għandhom jitnaqqsu jew jinżammu, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tista' tnaqqas dawn l-ammonti lill-benefiċjarji.

Artikolu 37

L-Użu ta' l-Euro

L-ammonti kollha msemmija fid-deċiżjonijiet tal-finanzjament, ir-rabtiet tal-Kummissjoni u l-pagamenti, kif ukoll l-ammonti tan-nefqa ċċertifikata u t-talbiet għall-ħlas mill-Istati Membri għandhom ikunu espressi u mħallsa f'Euro.

Artikolu 38

Ir-Rabtiet

Ir-rabtiet tal-baġit tal-Komunità għandhom isiru ta' kull sena fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-ko-finanzjament imsemmi fl-Artikolu 22(4).

Artikolu 39

Il-Pagamenti - Finanzjament minn qabel

1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fondi għandhom isiru skond l-impenji tal-baġit.

2. Il-pagamenti għandu jkollhom il-forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Dawn għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. Pagament ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50% ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar mill-Kummissjoni, għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar.

4. It-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat ir-rapport tal-progress fuq l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjrazzjoni ċċertifikata tan-nefqa li tkun saret skond l-Artikoli 29, il-punt a) u 35; dan għandu jammonta għal mill-inqas 70% ta' l-ammont tal-pagament tal-bidu. L-ammont tat-tieni pagament ta' finanzjament minn qabel li jkun sar mill-Kummissjoni m'għandux ikun iktar minn 50 % ta' l-ammont totali allokat bid-deċiżjoni ta' l-iffinanzjar konġunt jew, fi kwalunkwe eventwalità, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi tal-Komunità li l-Istat Membru jkun intrabat bihom għal proġetti magħżula taħt il-programm annwali, bit-tnaqqis ta' l-ewwel pagament ta' finanzjament minn qabel.

5. L-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' finanzjament minn qabel għandhom ikunu assenjati għall-programm ikkonċernat u għandhom jitnaqqsu mill-ammont tan-nefqa pubblika ddikjarata fil-prospett finali tan-nefqa.

6. L-ammonti mħallsa bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

Artikolu 40

Il-pagamenti tal-bilanċ

1 Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm din tkun irċeviet d-dokumenti li ġejjin fi żmien disa' xhur mid-data tat-tmiem ta' l-eliġibbilità ta' l-ispejjeż definiti fid-deċiżjoni annwali fuq l-iffinanzjar konġunt mill-Fond:

(a) dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż li tkun saret kif xieraq skond l-Artikoli 29, il-punt a), u 35;

(b) ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni għall-programm annwali, inkluża l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 51;

(c) ir-rapport tal-verifika, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3).

Il-ħlas tal-bilanċ huwa suġġett għall-approvazzjoni tar-rapport finali ta' l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-validità għat-talba biex jitħallas il-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli ma tipprovdix id-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data stabbilita u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tikkanċella kwalunkwe parti mill-impenn tal-baġit tal-programm annwali li tikkorrispondi, u li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura tal-kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti kkonċernati, fejn il-proċeduri legali jew appell amministrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom fis-seħħ fuq livell ta' Stat Membru fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dokumenti definiti fil-paragrafu 1. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie sottomess, għandu jagħti informazzjoni dettaljata fuq dawn il-proġetti, u jibgħat ir-rapporti fuq il-progress li jkun sar fuq dawn il-proġetti kull 6 xhur. Fi żmien 3 xhur mill-konklużjoni tal-proċeduri legali jew il-proċedura ta' l-appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perjodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragarfu 1 għandu jitwaqqaf jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li tissospendi l-pagamenti ta' l-iffinanzjar konġunt għall-programm annwali relevanti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 42. Il-perjodu għandu jibda għal darb'oħra mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 40(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 41, il-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur minn mindu din tkun irċeviet id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1, għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont tan-nefqa li għandu jinġarr mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġejjin mid-differenza bejn in-nefqa dikjarata u n-nefqa li għandha tinġarr mill-baġit. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur minn mindu tkun irċeviet il-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tan-nefqa li jkun a karigu tal-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn in-nefqa finali magħrufa u s-somom li jkunu tħallsu diġà lill-Istati Membri.

7. Suġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din tkun aċċettat id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 fuq. Il-bilanċ tar-rabta tal-baġit għandu jkun rilaxxjat fi żmien sitt xhur wara li jkun sar il-pagament.

Artikolu 41

L-Interruzzjoni

1. L-għeluq iż-żmien tal-pagament għandu jkun interrott, mill-uffiċjal li jawtorizza b'delega fit-tifsira tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, għal perjodu massimu ta' sitt xhur jekk ikun hemm dubji dwar it-tħaddim proprju tas-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll jew jekk l-uffiċjal li jawtorizza ikun jeħtieġ aktar tagħrif ieħor mill-awtoritajiet nazzjonali fuq il-proċess tas-sorveljanza ta' l-osservazzjonijiet li jkunu saru taħt ir-reviżjoni annwali, jew jekk dan ikollu suspetti li jkun hemm irregolaritajiet serji, misjuba jew preżunti, fin-nefqa dikjarata.

   Il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-awtorità responsabbli dwar ir-raġunijiet għal din l-interruzzjoni. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr.

2. Il-perjodu massimu ta' sitt xhur għandu jiżdied għal perjodu massimu ieħor ta' sitt xhur jekk ikun hemm verament il-ħtieġa li tkun adottata deċiżjoni skond l-Artikoli 42 u 45.

Artikolu 42

Is-Sospensjoni

1. Il-pagamenti kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jkunu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm li jaffettwa l-kredibbilità tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-pagamenti u li għal dawn ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

   (b) in-nefqa fi prospett iċċertifikat tkun marbuta ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet korretta; jew

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 31 u 32.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex dan jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perjodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf is-sospensjoni tal-pagamenti tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa biex titneħħa din is-sospensjoni.

4. Jekk il-miżuri meħtieġa ma jkunux ittieħdu mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tnaqqas l-ammont nett jew li tħassar il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm annwali skond l-Artikolu 46.

Artikolu 43

Iż-Żamma tad-dokumenti

L-awtorità responsabbli f'kull Stat Membru għandha tassigura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa u l-verifiki fuq il-programm annwali kkonċernat jibqgħu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri.

Id-dokumenti għandhom jinżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara t-tmiem tal-programm annwali, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkontrollaw l-għajnuna ta' l-Istat. Dan il-perjodu għandu jkun interrott jew f'każ ta' proċeduri legali jew fuq it-talba tal-Kummissjoni waqt li tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

Id-dokumenti għandhom jinżammu jew fil-forma oriġinali tagħhom jew inkella f'verżjonijiet iċċertifikati bħala konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' ħażna ta' data aċċettati b'mod ġenerali.

KAPITOLU VIII
KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 44

Korrezzjonijiet finanzjarji stabbiliti mill-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni biex din timplimenta l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli biex jistħarrġu kull irregolarità. Dawn għandhom jaġixxu fuq l-evidenza ta' kwalunkwe bidla kbira li tkun taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll ta' l-għajnuna. Dawn għandhom jagħmlu wkoll il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji fejn għandhom x'jaqsmu irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali. Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fl-irkupru tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

   L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali li huma jibagħtu lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 49(2) lista ta' proċeduri ta' skanċellatura li jkunu nbdew għall-programm annwali kkonċernat.

   Il-korrezzjonijiet li jkunu saru mill-Istat Membru għandhom jikkonsistu fit-tħassir tal-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew ta' parti minnha, u, fejn l-ammont ma

jkunx tħallas lura fiż-żmien previst mill-Istat Membru relevanti, għandhom jitħallsu interessi kontumaċji bir-rata pprovduta fl-Artikolu 47(2).

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistematiċi, l-Istat Membru għandu jestendi l-istħarriġ tiegħu biex ikopri l-operat kollu li jista' jiġi affettwat.

Artikolu 45

Il-Verifiki tal-kontijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-verifiki li jkunu twettqu mill-Istati Membri skond il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki tal-kampjun, fuq l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u fuq is-sistemi tat-tmexxija u l-kontroll. Għal dan għandu jingħata avviż b'ta' mill-inqas ġurnata ta' xogħol minn qabel. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat biex tikseb l-għajnuna kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew il-ħaddiema ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

   Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex iwettaq verifika fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda mit-transazzjonijiet jew aktar. L-uffiċjali jew il-ħaddiema tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-verifiki.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31, din għandha tissospendi l-pagament tal-finanzjament minn qabel jew dak finali skond l-Artikolu 42.

Artikolu 46

Il-Kriterji għall-korrezzjonijiet

1. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għamel il-korrezzjonijiet fil-perjodu stabbiliti kif imfisser fl-Artikolu 42(2) u jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fi żmien tliet xhur li tħassar il-kontribuzzjoni kollha tal-Komunità jew parti minnha għal programm annwali meta din tikkonkludi li:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema tat-tmexxija u l-kontroll tal-programm u dan ikun poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Komunità li tkun tħallset diġà għall-programm;

   (b) in-nefqa li tkun tidher fi prospett ta' nefqa ċċertifikata tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu; u

   (c) Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31 qabel il-bidu tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun qieset kwalunkwe kummenti li jkunu saru mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità li jkunu ġew identifikati, waqt li tqis in-natura sistematika ta' l-irregolarità biex tistabbilixxi jekk għandhiex tkun applikata korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkollu x'jaqsam ma' prospett ta' nefqa li għalih tkun ingħatat assikurazzjoni pożittiva skond l-Artikolu 30(3), il-punt b) f'rapport annwali, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur biex jirribatti din il-preżunzjoni.

